ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

Ħarġa Speċjali *
30 ta' Settembru 2005

Edizzjoni bil-Malti

## Leġiżlazzjoni

Werrej

I *Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*


★ **Ir-Regolament (KE) Nru 1552/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar statistika li tirrigwarda t-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi** ([1]) ..... 1

★ **Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1553/2005 tas-7 ta' Settembru 2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1177/2003 li jikkonċerna l-istatistiċi tal-Komunità dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet ta' l-għixien (EU-SILC)** ([1]) ..... 6

★ **Id-Deċiżjoni Nru 1554/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/51/KE li tistabbilixxi Programm relatat mal-qafas strateġiku tal-Komunità dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-Deċiżjoni Nru 848/2004/KE li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarju biex jippromwovi organizzazzjonijiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa** ..... 9

★ **Id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar it-tniġġiż ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet għal ksur** ..... 11

★ **Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali** ([1]) ..... 22

★ **Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 74/408/KEE dwar vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sedili, l-ankoraġġi u r-restrizzjonijiet għar-ras tagħhom** ([1]) ..... 143

★ **Id-Direttiva 2005/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 77/541/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar iċ-ċintorini tas-sigurtà u s-sistemi ta' trażżin f'vetturi bil-mutur** ([1]) ..... 146

★ **Id-Direttiva 2005/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/115/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-ankoraġġi għaċ-ċinturini tas-sigurtà ta' vetturi bil-mutur** ([1]) ..... 149


**Prezz: 30 EUR**

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

MT

* Din il-Ħarġa Speċjali bil-Malti hija ppubblikata bil-lingwi uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea fil-ĠU L 255.

★ **Id-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità** ........ 152

★ **Id-Direttiva 2005/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ċertifikati tal-baħħara maħruġa mill-Istati Membri u li temenda d-Direttiva 2001/25/KE** ([1]) ........ 160

---

*Atti adottati skond it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.*

★ **Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/667/ĠAI tat-12 ta' Lulju 2005 għat-tisħiħ tal-qafas tal-liġi kriminali għall-infurzar tal-liġi kontra t-tniġġis minn bastimenti** ........ 164

---

**Rettifikazzjonijiet**

★ **Procès-verbal tar-rettifika lill-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' *data* tal-PNR minn trasportaturi ta' l-ajru lill-Uffiċċju tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri fid-Dipartiment tal-*Homeland Security* ta' l-Istati Uniti (ĠU L 183, ta' l-20.5.2004 p. 84)** 168

MT

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# IR-REGOLAMENT (KE) Nru 1552/2005 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-7 ta' Settembru 2005

## dwar statistika li tirrigwarda t-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat [1],

Billi:

(1) Fil-Kunsill Ewropew ta' Liżbona tat-23 u l-24 ta' Marzu 2000, l-Unjoni Ewropea stabbilixxiet l-għan strateġiku li ssir l-iktar ekonomija kompetittiva u dinamika bbażata fuq l-għarfien fid-dinja, kapaċi li tirrealizza żvilupp ekonomiku sostenut b'iktar u aħjar xogħol u b'koeżjoni soċjali ikbar.

(2) Il-kapaċità li ċ-ċittadini jsibu xogħol, kif ukoll l-adattabilità u l-mobilità tagħhom huma essenzjali sabiex l-Unjoni tkun tista' tkompli twettaq l-impenn tagħha li ssir l-iktar ekonomija kompetittiva u dinamika bbażata fuq l-għarfien fid-dinja.

(3) It-tagħlim tul il-ħajja huwa element kruċjali għall-iżvilupp u l-inkoraġġiment ta' ħaddiema kapaċi, mħarrġa u flessibbli.

(4) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Mejju 2003 dwar livelli ta' referenza għall-operat medju Ewropew fl-edukazzjoni u fit-taħriġ (punti ta' referenza) [2] adottaw dan il-punt ta' referenza għat-tagħlim tul il-ħajja: "Għalhekk, sa l-2010, il-livell medju ta' parteċipazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea fit-Tagħlim tul il-Ħajja għandu jkun ta' mill-inqas 12,5 % tal-popolazzjoni adulta li għandha l-età li taħdem (25 sa 64 sena)".

(5) Il-Kunsill Ewropew ta' Liżbona kkonferma li t-tagħlim tul il-ħajja huwa element bażiku tal-mudell soċjali Ewropew.

(6) L-Istrateġija Ewropea għall-Impjieg ġdida konfermata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/578/KE tat-22 ta' Lulju 2003 dwar linji gwida għall-politika tax-xogħol ta' l-Istati Membri [3] timmira sabiex tikkontribwixxi aħjar għall-istrateġija ta' Liżbona u timplimenta strateġiji koerenti u komprensivi għat-tagħlim tul il-ħajja.

(7) Fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandu jittieħed kont tal-kunċett ta' persuni żvantaġġjati fis-suq tax-xogħol mogħti fil-linji gwida għall-politika tax-xogħol ta' l-Istati Membri.

(8) Għandha tingħata attenzjoni partikulari għat-taħriġ fuq il-post tax-xogħol u matul il-ħin tax-xogħol, billi dawn iż-żewġ aspetti huma ta' dimensjonijiet kruċjali tat-tagħlim tul il-ħajja.

(9) Informazzjoni bbażata fuq statistika paragunabbli fuq livell Komunitarju, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mat-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi, hija essenzjali għall-iżvilupp ta' strateġiji ta' tagħlim tul il-ħajja u għall-monitoraġġ tal-progress ta' l-implimentazzjoni tagħhom.

(10) Il-produzzjoni ta' statistika speċifika tal-Komunità hija rregolata minn regoli stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar l-Istatistika tal-Komunità [4].

(11) It-trasmissjoni ta' *data* soġġetta għal kunfidenzjalità statistika hija rregolata mir-regoli stipulati fir-Regolament (KE) Nru 322/97 u fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KEE) Nru 1588/90 tal-11 ta' Ġunju 1990 dwar it-trasmissjoni ta' *data* li hija l-oġġett ta' kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej [5].

---

[1] Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Frar 2005 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2005.

[2] ĠU C 134, tas-7.6.2003, p. 3.

[3] ĠU L 197, tal-5.8.2003, p. 13.

[4] ĠU L 52, tat-22.2.1997, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

[5] ĠU L 151, tal-15.6.1990, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

(12) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 831/2002 tas-17 ta' Mejju 2002 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar Statistika tal-Komunità, rigward l-aċċess għal *data* kunfidenzjali għal skopijiet xjentifiċi ([1]) stabbilixxa l-kundizzjonijiet skond liema jista' jingħata aċċess għal *data* kunfidenzjali mgħoddija lill-awtorità tal-Komunità.

(13) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, u ċioè il-ħolqien ta' standards komuni ta' statistika li jippermettu l-produzzjoni ta' *data* armonizzata fuq it-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi ma jistgħux jintlaħqu għal kollox mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu jintlaħqu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta ċerti miżuri, bi qbil mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat fl-imsemmi Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.

(14) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipula l-proċeduri għall-eżerċizzju ta' setgħat implimentattivi mogħtija lill-Kummissjoni ([2]). Dawn il-miżuri għandhom jieħdu kont tal-kapaċitajiet disponibbli fl-Istati Membri għall-ġbir u l-ipproċessar tad-*data*.

(15) Il-Kumitat għall-Programm għall-Istatistika ġie kkonsultat skond l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom tad-19 ta' Ġunju 1989 li tistabbilixxi Kumitat għall-Programmi għall-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej ([3]),

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni ta' statistika Komunitarja dwar it-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi.

*L-Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

1. "intrapriża" tfisser l-intrapriża kif definita fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93 tal-15 ta' Marzu 1993 dwar l-unitajiet statistiċi għall-osservazzjoni u l-analiżi tas-sistema ta' produzzjoni fil-Komunità ([4]);

2. "NACE Rev. 1.1" tfisser il-klassifikazzjoni komuni ta' l-istatistika ta' l-attivitajiet ekonomiċi fi ħdan il-Komunità Ewropea kif stabbilita permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 tad-9 ta' Ottubru 1990 dwar il-klassifikazzjoni ta' l-istatistika ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea ([5]).

*L-Artikolu 3*

**Data li għandha tingħabar**

1. Id-*data* għandha tingħabar mill-Istati Membri bil-ħsieb li tkun prodotta statistika Komunitarja għall-analiżi tat-taħriġ vokazzjonali kontinwu fl-intrapriżi fl-oqsma li ġejjin:

(a) il-politika u l-istrateġiji ta' taħriġ ta' l-intrapriżi fl-iżvilupp ta' l-abilitajiet ta' l-impjegati tagħhom;

(b) il-ġestjoni, l-organizzazzjoni u l-forom ta' taħriġ vokazzjonali kontinwu fl-intrapriżi;

(ċ) l-irwol ta' l-imsieħba soċjali biex jiżguraw l-aspetti kollha tat-taħriġ vokazzjonali kontinwu fuq il-post tax-xogħol;

(d) aċċess għat-taħriġ vokazzjonali kontinwu, il-kwantità u l-kontenut ta' dan, b'mod partikulari fil-kuntest ta' l-attività ekonomika u tad-daqs ta' l-intrapriża;

(e) miżuri speċifiċi ta' l-intrapriżi għat-taħriġ vokazzjonali kontinwu biex jittejbu l-kompetenzi ta' l-impjegati fil-qasam ta' l-ICT;

(f) l-opportunitajiet għall-impjegati ta' l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) biex ikollhom aċċess għat-taħriġ vokazzjonali kontinwu u biex jiksbu kompetenzi ġodda, u l-bżonnijiet partikulari ta' l-SMEs fil-provvista tat-taħriġ;

(g) l-effetti ta' miżuri pubbliċi fuq taħriġ vokazzjonali kontinwu fl-intrapriżi;

(h) opportunitajiet indaqs għall-impjegati kollha fl-aċċess għat-taħriġ vokazzjonali kontinwu fl-intrapriżi, b'rigward għas-sess u l-età ta' gruppi speċifiċi b'mod partikolari;

(i) miżuri speċifiċi għat-taħriġ vokazzjonali kontinwu għal nies li huma żvantaġġjati fis-suq tax-xogħol;

([1]) ĠU L 133, tat-18.5.2002, p. 7.
([2]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.
([3]) ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.
([4]) ĠU L 76, tat-30.3.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.
([5]) ĠU L 293, ta' l-24.10.1990, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

(j) it-tkomplija ta' miżuri ta' taħriġ vokazzjonali immirati għal tipi differenti ta' kuntratti ta' impjieg;

(k) l-ispejjeż marbutin mat-taħriġ vokazzjonali kontinwu: livelli u riżorsi ta' ffinanzjar, inċentivi għat-taħriġ vokazzjonali kontinwu; u

(l) il-proċeduri ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ ta' l-intrapriżi fir-rigward tat-taħriġ vokazzjonali kontinwu.

2. Data speċifika fil-qasam tat-taħriġ vokazzjonali inizjali fl-intrapriżi għandha tingħabar mill-Istati Membri rigward:

(a) il-parteċipanti li jkunu qed jirċievu taħriġ vokazzjonali inizjali; u

(b) l-ispejjeż totali għat-taħriġ vokazzjonali inizjali.

*L-Artikolu 4*

**Kamp ta' applikazzjoni ta' l-istatistika**

L-istatistika dwar it-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi għandha tkopri mill-inqas l-attivitajiet ekonomiċi kollha definiti fit-taqsimiet C sa K u O tan-NACE Rev. 1.1.

*L-Artikolu 5*

**Unitajiet ta' l-istatistika**

1. Għall-ġbir tad-*data*, l-intrapriża li teżerċita waħda mill-attivitajiet ekonomiċi msemmija fl-Artikolu 4 u li tħaddem 10 impjegati jew iktar għandha tiġi meqjusa bħala unità statistika.

2. B'kont meħud tad-distribuzzjoni speċifika, skond id-daqs, ta' intrapriżi f'livell nazzjonali u l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet tal-politika, Stati Membri jistgħu jestendu d-definizzjoni ta' unità statistika f'pajjiżhom. Il-Kummissjoni tista' wkoll tiddeċiedi li testendi din id-definizzjoni skond il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 14(2), jekk tali estensjoni ttejjeb b'mod sinifikanti l-kwalità ta' rappreżentazzjoni u l-kwalità tar-riżultat ta' l-istħarriġ fl-Istati Membri konċernati.

*L-Artikolu 6*

**Sorsi ta' data**

1. Stati Membri għandhom jiksbu d-*data* meħtieġa permezz ta' stħarriġ fl-intrapriżi jew permezz ta' stħarriġ fl-intrapriżi flimkien ma' sorsi oħra, bl-applikazzjoni ta' prinċipji ta' piż imnaqqas fuq min iwieġeb u ta' simplifikazzjoni amministrattiva.

2. Stati Membri għandhom jistabbilixxu l-metodu li bih l-intrapriżi jwieġbu għall-istħarriġ.

3. Permezz ta' l-istħarriġ, l-intrapriżi huma interpellati sabiex jagħtu *data* korretta u sħiħa fiż-żmien preskritt.

4. Jistgħu jintużaw sorsi oħra, inkluża *data* amministrattiva, biex tiġi kompletata d-*data* miġbura, jekk dawn is-sorsi huma adatti f'termini ta' rilevanza u żmien.

*L-Artikolu 7*

**Karatteristiċi ta' l-istħarriġ**

1. L-istħarriġ għandu jkun stħarriġ bil-ġbir ta' kampjuni.

2. Stati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li d-*data* li jitrasmettu tirrifletti l-istruttura tal-popolazzjoni ta' l-unitajiet statistiċi. L-istħarriġ għandu jitmexxa b'tali mod li jippermetti analiżi statistika tar-riżultati fuq livell Komunitarju għall-inqas fil-kategoriji li ġejjin:

(a) attivitajiet ekonomiċi skond in-NACE Rev. 1.1; u

(b) id-daqs ta' l-intrapriżi.

3. Ir-rekwiżiti għall-ġbir ta' kampjuni u għall-preċiżjoni, id-daqs tal-kampjuni meħtieġa biex jintlaħqu dawn ir-rekwiżiti, u l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati tan-NACE Rev. 1.1 u l-kategoriji tad-daqs li fihom jistgħu jiġu analizzati statistikament ir-riżultati għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(2).

*L-Artikolu 8*

**Metodu ta' l-istħarriġ**

1. Sabiex jitnaqqas il-piż fuq min iwieġeb, il-metodu ta' kif isir l-istħarriġ għandu jippermetti li l-ġbir tad-*data* jiġi addattat fi-rigward ta':

(a) intrapriżi għat-taħriġ u intrapriżi li mhumiex għat-taħriġ; u

(b) forom differenti ta' taħriġ vokazzjonali.

2. Id-*data* speċifika li ser tingħabar rigward l-intrapriżi li jħarġu u l-intrapriżi li ma jħarġux u rigward il-forom differenti ta' taħriġ vokazzjonali għandha tiġi stabbilita skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(2).

*L-Artikolu 9*

**Kontroll tal-kwalità u rapporti**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw il-kwalità tad-*data* li jitrasmettu.

2. Mhux iktar tard minn 21 xahar wara t-tmiem tal-perjodu ta' referenza imsemmi fl-Artikolu 10, Stati Membri għandhom jippreżentaw rapport ta' kwalità lill-Kummissjoni (Eurostat) li jkun fih l-informazzjoni u d-*data* kollha mitluba sabiex tkun verifikata l-kwalità tad-*data* trasmessa. Ir-rapport għandu jispeċifika ksur potenzjali tar-rekwiżiti metodoloġiċi.

3. Abbażi tar-rapporti msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tevalwa l-kwalità tad-*data* trasmessa b'attenzjoni partikulari sabiex jiġi żgurat li d-*data* bejn Stati Membri tkun kumparabbli.

4. Il-ħtiġijiet ta' kwalità fir-rigward ta' *data* miġbura u trasmessa għall-istatistiċi tal-Komunità dwar it-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi, l-istruttura tar-rapporti dwar il-kwalità msemmija fil-paragrafu 2 u kull miżura meħtieġa biex il-kwalità tad-*data* tiġi evalwata u mtejba għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(2).

*L-Artikolu 10*

**Perjodu ta' referenza u perjodiċità**

1. Il-perjodu ta' referenza li għandu jiġi kopert fil-ġbir tad-*data* għandu jkun ta' sena kalendarja.

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ewwel sena ta' referenza li għaliha għandha tinġabar id-*data* skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(2).

3. L-Istati Membri għandhom jiġbru d-*data* kull ħames snin.

*L-Artikolu 11*

**Trasmissjoni tad-data**

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni, fl-oqsma tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, għandhom jippromwovu l-kundizzjonijiet biex ikun hemm iktar użu tal-ġbir elettroniku tad-*data*, tat-trasmissjoni elettronika tad-*data* u ta' l-ipproċessar awtomatiku tad-*data*.

2. Stati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) id-*data* individwali ta' l-intrapriżi skond id-dispożizzjonijiet tal-Komunita li diġà jeżistu dwar it-trasmissjoni tad-*data* soġġetta għall-kunfidenzjalità ta' l-istatistika kif stipulata fir-Regolamenti (KE) Nru 322/97 u (Euratom, KEE) Nru 1588/90. Stati Membri għandhom jiżguraw li d-*data* trasmessa ma tippermettix l-identifikazzjoni diretta ta' l-unitajiet statistiċi.

3. Stati Membri għandhom jittrasmettu d-*data* f'forma elettronika, skond il-format tekniku adatt u l-istandard ta' l-iskambju li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(2).

4. Stati Membri għandhom jittrasmettu d-*data* kompleta u korretta mhux aktar tard minn 18-il xahar mit-tmiem tas-sena ta' referenza.

*L-Artikolu 12*

**Rapport dwar l-implimentazzjoni**

1. Sa 20 ta' Ottubru 2010 u wara li jiġi kkonsultat il-Kumitat għall-Programm Statistiku, il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan ir-rapport għandu, b'mod partikulari:

(a) jevalwa l-benefiċċji li jgawdu minnhom il-Komunità, l-Istati Membri u l-utenti ta' l-istatistika prodotta meta mqabblin mal-piż fuq min iwieġeb; u

(b) jidentifika oqsma li jistgħu potenzjalment jittejbu u emendi, li jidher li huma meħtieġa fid-dawl tar-riżultati miksuba.

2. Wara r-rapport, il-Kummissjoni tista' tipproponi miżuri sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*L-Artikolu 13*

**Miżuri ta' implimentazzjoni**

Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, li jinkludu l-miżuri li jqisu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi li għandhom x'jaqsmu mal-ġbir, mat-trasmissjoni u ma' l-ipproċessar tad-*data*, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(2).

*L-Artikolu 14*

**Proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat għall-Programm Statistiku.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

*L-Artikolu 15*

**Iffinanzjar**

1. Għall-ewwel sena ta' referenza li għaliha għandhom ikunu prodotti l-istatistiċi tal-Komunità msemmija f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja lill-Istati Membri bħala għajnuna biex jiġu koperti l-ispejjeż li jkollhom fil-ġbir, fl-ipproċessar u fit-trasmissjoni tad-*data*.

2. L-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja għandu jiġi ffissat bħala parti mill-proċedura tal-*budget* annwali relevanti. L-awtorità tal-*budget* għandha tiddefinixxi l-approprjazzjoni disponibbli.

3. Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għal esperti u għal organizzazzjonijiet għall-għajnuna teknika, li jista' jkun hemm provvediment għall-iffinanzjar tagħhom fil-qafas finanzjarju ġenerali għal dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni tista' torganizza *seminars*, kollokwji jew laqgħat oħra ta' esperti li jistgħu jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u tista' twettaq azzjonijet ta' informazzjoni, ta' pubblikazzjoni u ta' disseminazzjoni adatti.

*L-Artikolu 16*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, nhar is-7 ta' Settembru 2005,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
J. BORELL FONTELLES

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
C. CLARKE

# IR-REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL (KE) Nru 1553/2005

## tas-7 ta' Settembru 2005

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1177/2003 li jikkonċerna l-istatistiċi tal-Komunità dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet ta' l-għixien (EU-SILC)

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([1]),

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 li jikkonċerna l-istatistiċi tal-Komunità dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet ta' l-għixien (EU-SILC) ([2]) jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni sistematika ta' statistika Komunitarja fuq l-introjtu u l-kondizzjonijiet ta' l-għixien, li jinkludu *data* trasversali u lonġitudinali komparabbli u attwali dwar l-introjtu u dwar il-livell u l-kompożizzjoni ta' faqar u esklużjoni soċjali fuq livelli nazzjonali u Ewropej.

(2) Bħala riżultat ta' l-adeżjoni ta' l-Istati Membri ġodda ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004, hemm il-ħtieġa li l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1177/2003 jiġi estiż, minħabba li dak l-Anness jistipula għal kull Stat Membru d-daqsijiet minimi u effettivi ta' kampjuni meħtieġa taħt l-iskema EU-SILC.

(3) Barra minn hekk, jidher li l-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri l-ġodda, u ħafna mill-Istati Membri eżistenti, jeħtieġu aktar żmien sabiex jaddattaw is-sistemi tagħhom għall-metodi u definizzjonijiet armonizzati użati għall-kumpilazzjoni ta' l-istatistiċi tal-Komunità.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu (2) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, l-Olanda, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Gran Brittanja jistgħu jibdew jiġbru kull sena *data* trasversali u lonġitudinali fl-2005.

L-awtorizzazzjoni hija soġġetta għall-kondizzjoni li dawk l-Istati Membri se jfornu data komparabbli għas-sena 2004 għall-indikaturi komuni trasversali ta' l-Unjoni Ewropea li kienu adottati mill-Kunsill qabel l-1 ta' Jannar 2003 fil-kuntest tal-metodu miftuħ ta' kordinazzjoni u li jistgħu jitnisslu abbażi ta' l-istrument EU-SILC."

(2) Fl-Artikolu 13, għandhom jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"4. Bħala deroga mill-paragrafu 1, l-Estonja għandha tirċievi kontribut finanzjarju mill-Komunità għall-ispiża tax-xogħol involut għall-erba' snin tal-ġabra ta' *data* mill-2005.

5. L-iffinanzjar għas-sena 2007 għad irid jiġi żgurat permezz ta' programm futur tal-Komunità."

(3) L-Anness II għandu jinbidel bit-test muri fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

*L-Artikolu 2*

Dan ir-Regolament se jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

([1]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Mejju 2005 (għada mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2005.

([2]) ĠU L 165, tat-3.7.2003, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, nhar is-7 ta' Settembru 2005

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BORRELL FONTELLES | C. CLARKE |

*L-ANNESS*

*"L-ANNESS II*

**ID-DAQS MINIMU EFFETTIV TAL-KAMPJUN**

| | Nuklei ta' familji | | Persuni 'l fuq minn 16-il sena li ghandhom jiġu intervistati | |
|---|---|---|---|---|
| | Trasversali | Lonġitudinali | Trasversali | Lonġitudinali |
| | 1 | 2 | 3 | 4 |
| Stati Membri ta' l-UE | | | | |
| Il-Belġju | 4 750 | 3 500 | 8 750 | 6 500 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 4 750 | 3 500 | 10 000 | 7 500 |
| Id-Danimarka | 4 250 | 3 250 | 7 250 | 5 500 |
| Il-Ġermanja | 8 250 | 6 000 | 14 500 | 10 500 |
| L-Estonja | 3 500 | 2 750 | 7 750 | 5 750 |
| Il-Greċja | 4 750 | 3 500 | 10 000 | 7 250 |
| Spanja | 6 500 | 5 000 | 16 000 | 12 250 |
| Franza | 7 250 | 5 500 | 13 500 | 10 250 |
| L-Irlanda | 3 750 | 2 750 | 8 000 | 6 000 |
| L-Italja | 7 250 | 5 500 | 15 500 | 11 750 |
| Ċipru | 3 250 | 2 500 | 7 500 | 5 500 |
| Il-Latvja | 3 750 | 2 750 | 7 650 | 5 600 |
| Il-Lituwanja | 4 000 | 3 000 | 9 000 | 6 750 |
| Il-Lussemburgu | 3 250 | 2 500 | 6 500 | 5 000 |
| L-Ungerija | 4 750 | 3 500 | 10 250 | 7 750 |
| Malta | 3 000 | 2 250 | 7 000 | 5 250 |
| L-Olanda | 5 000 | 3 750 | 8 750 | 6 500 |
| L-Awstrija | 4 500 | 3 250 | 8 750 | 6 250 |
| Il-Polonja | 6 000 | 4 500 | 15 000 | 11 250 |
| Il-Portugall | 4 500 | 3 250 | 10 500 | 7 500 |
| Is-Slovenja | 3 750 | 2 750 | 9 000 | 6 750 |
| Is-Slovakkja | 4 250 | 3 250 | 11 000 | 8 250 |
| Il-Finlandja | 4 000 | 3 000 | 6 750 | 5 000 |
| L-Iżvezja | 4 500 | 3 500 | 7 500 | 5 750 |
| Ir-Renju Unit | 7 500 | 5 750 | 13 750 | 10 500 |
| Total ta' l-Istati Membri | 121 000 | 90 750 | 250 150 | 186 850 |
| L-Iżlanda | 2 250 | 1 700 | 3 750 | 2 800 |
| In-Norveġja | 3 750 | 2 750 | 6 250 | 4 650 |
| Total inkluż l-Iżlanda u n-Norveġja | 127 000 | 95 200 | 260 150 | 194 300 |

*NB:* Ir-referenza hija ghad-daqs tal-kampjun effettiv li huwa d-daqs meħtieġ jekk l-istħarriġ kien ibbażat fuq kampjuni sempliċi mingħajr ordni (l-effett tad-disinn fir-rigward tar-rata tar-riskju tal-faqar = 1,0). Id-daqs attwali tal-kampjuni ghandu jkun ikbar sakemm l-effett tad-disinn ikun iktar minn 1,0 u biex jagħmel tajjeb ghat-tipi kollha ta' nuqqas ta' risposta. Barra minnhekk id-daqs tal-kampjun jirreferi ghan-numru ta' familji validi li huma l-familji li ghalihom, u ghall-membri kollha taghhom, inġabret l-informazzjoni meħtieġa kollha jew kważi kollha."

# ID-DEĊIŻJONI Nru 1554/2005/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-7 ta' Settembru 2005

## li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/51/KE li tistabbilixxi Programm relatat mal-qafas strateġiku tal-Komunità dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-Deċiżjoni Nru 848/2004/KE li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarju biex jippromwovi organizzazzjonijiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tali-Kummissjoni,

Filwaqt li jaġixxu bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([1]),

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni 2001/51/KE ([2]) il-Kunsill stabbilixxa programm relatat mal-qafas strateġiku tal-Komunità dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi biex itejjeb l-għarfien ta' kwistjonijiet relatati ma' l-ugwaljanza bejn is-sessi, jippromwovi u jxerred il-valuri u l-prattiki li huma l-bażi ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u jiżviluppa l-kapaċità ta' kull min hu involut li jippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi b'mod effettiv.

(2) Bid-Deċiżjoni Nru 848/2004/KE ([3]) il-Parlament Ewropew u l-Kunsill stabbilew Programm ta' Azzjoni Komunitarju biex jippromwovi organizzazzjonijiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa biex jagħtu sostenn għall-attivitajiet ta' tali organizzazzjonijiet li għandhom programm kontinwu ta' xogħol jew miżura speċifika li sservi l-interess ġenerali Ewropew fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa jew li jfittex li jilħaq objettiv li huwa parti mill-politika ta' l-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam.

(3) Iż-żewġ programmi jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2005. Huwa essenzjali li l-kontinwità tal-politika Komunitarja għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi tenut kont ta' l-objettivi miktuba fl-Artikolu 13 tat-Trattat tkun żgurata.

(4) Huwa neċessarju li l-programmi jiġu estiżi għal perjodu transitorju ta' sena sakemm jigi stabbilit programm kwadru pluriennali ġdid dwar il-finanzjament ta' azzjonijiet fil-qasam ta' l-impjieg u dak soċjali għall-perjodu mill-2007 sa l-2013 inkluża linja ta' żvilupp dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.

(5) Id-Deċiżjoni 2001/51/KE kienet ibbażata fuq l-Artikolu 13 tat-Trattat. Madankollu, wara l-emendi introdotti mit-Trattat ta' Nizza, l-Artikolu 13(2) jikkostitwixxi l-bażi speċifika legali għall-adozzjoni ta' miżuri ta' inċentivi Komunitarji intenzjonati biex jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. Huwa għalhekk xieraq li l-emenda għad-Deċiżjoni 2001/51/KE tkun ibbażata fuq l-Artikolu 13(2).

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*L-Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2001/51/KE hija emendata kif ġej:

1. fl-Artikolu 1, id-data "31 ta' Diċembru 2005" għandha tinbidel bi "31 ta' Diċembru 2006".

2. l-Artikolu 11(1) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. l-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2001-2006 għandu jkun ta' EUR 61,5 miljun."

*L-Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni Nru 848/2004/KE hija emendata kif ġej:

1. fl-Artikolu 1(3), id-data "31 ta' Diċembru 2005" għandha tinbidel bi "31 ta' Diċembru 2006".

2. l-Artikolu 6(1) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. il-kwadru finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2004 sa 2006 għandu jkun ta' EUR 3,3 miljun.".

*L-Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

([1]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Mejju 2005 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2005.

([2]) ĠU L 17, tad-19.1.2001, p. 22.

([3]) ĠU L 157, tat-30.4.2004, p. 18. Deċiżjoni kif rettifikata fil-ĠU L 195, tat-2.6.2004, p. 7.

*L-Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, nhar is-7 ta' Settembru 2005

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
J. BORRELL FONTELLES

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
C. CLARKE

# ID-DIRETTIVA 2005/35/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-7 ta' Settembru 2005

## dwar it-tniġġiż ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet għal ksur

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Il-politika dwar is-sigurtà marittima tal-Komunità timmira lejn livell għoli ta' sigurtà u ta' protezzjoni ta' l-ambjent u hija bbażata fuq il-fehma li l-partijiet kollha involuti fit-trasport bil-baħar tal-merkanzija għandhom responsabbiltà li jiżguraw li l-vapuri użati fl-ibħra Komunitarji jikkonformaw mar-regoli u l-istandards applikabbli.

(2) L-istandards materjali fl-Istati Membri kollha għar-rimi ta' sustanzi li jniġġżu minn vapuri huma bbażati fuq il-Konvenzjoni Marpol 73/78; madankollu dawn ir-regoli qegħdin jiġu injorati ta' kuljum min-numru kbir ħafna ta' vapuri li jbaħħru fl-ibħra Komunitarji, mingħajr ma qiegħda tittieħed azzjoni korrettiva.

(3) L-implimentazzjoni tal-Marpol 73/78 turi diskrepanzi bejn l-Istati Membri, għaldaqstant jeħtieġ li tiġi armonizzata l-implimentazzjoni fuq il-livell Komunitarju; b'mod partikolari hemm differenzi kbar fil-prattiki ta' l-Istati Membri fl-impożizzjoni ta' penali għar-rimi ta' sustanzi li jniġġżu minn vapuri.

(4) Miżuri ta' natura dissważiva huma parti integrali tal-politika dwar is-sigurtà marittima tal-Komunità, minħabba li jiżguraw konnessjoni bejn ir-responsabbiltà ta' kull wieħed mill-partijiet involuti fit-trasport bil-baħar ta' merkanziji li jniġġżu u l-espożizzjoni ta' dawn il-partijiet għal penali; sabiex tintlaħaq protezzjoni effettiva ta' l-ambjent, hemm għalhekk bżonn ta' penali effettivi, dissważivi u proporzjonati.

(5) Għal dak il-għan huwa essenzjali li d-dispożizzjonijiet legali eżistenti jiġu approssimati permezz ta' l-istrumenti legali adatti, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni preċiża tal-ksur in kwistjoni, il-każijiet ta' eżenzjoni u regoli minimi għal penali, u fir-rigward ta' responsabbiltà u ġurisdizzjoni.

(6) Din id-Direttiva hija supplimentata minn regoli dettaljati dwar offiżi kriminali u penali kif ukoll dispożizzjonijiet oħrajn li jinsabu fid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/667/ĠAI tat-12 ta' Lulju 2005 sabiex jissaħħaħ il-kwadru tal-liġi kriminali għall-infurzar tal-liġi kontra t-tniġġiż minn vapuri ([3]).

(7) La s-sistema internazzjonali għal responsabbiltà ċivili u kumpens għat-tniġġiż miż-żejt u lanqas dik li tikkonċerna t-tniġġiż minn sustanzi oħra perikolużi jew noċivi ma jipprovdu effetti dissważivi biżżejjed biex jiskoraġġixxu l-partijiet involuti fit-trasport ta' tagħbiji perikolużi bil-baħar milli jinvolvu ruħhom fi prattiċi taħt l-istandard; l-effetti dissważivi meħtieġa jistgħu jintlaħqu biss permezz ta' l-introduzzjoni ta' penali li japplikaw għal kwalunkwe persuna li tikkawża jew tikkontribwixxi għat-tniġġiż tal-baħar; sanzjonijiet għandhom ikunu applikabbli mhux biss għas-sid jew għall-kmandant tal-vapur, iżda wkoll għal sid it-tagħbija, għas-soċjetà ta' klassifikazzjoni jew kwalunkwe persuna oħra involuta.

(8) Ir-rimi ta' sustanzi li jniġġżu minn vapuri għandu jkun ikkunsidrat bħala ksur jekk isir b'intenzjoni, b'mod imprudenti jew b'negliġenza serja. Dan il-ksur huwa kkunsidrat bħala offiża kriminali skond, u fiċ-ċirkostanzi pprovdut għalhekk fid-Deċiżjoni Kwadru 2005/667/ĠIA li tissupplimenta din id-Direttiva.

(9) Penali għar-rimi ta' sustanzi li jniġġżu minn vapuri mhumiex relatati mar-responsabbiltà ċivili tal-partijiet konċernati u għalhekk mhumiex suġġetti għal xi regola li għandha x'taqsam mal-limitazzjoni jew mal-kanalizzazzjoni tar-responsabbiltajiet ċivili, lanqas ma jillimitaw il-kumpens effiċjenti tal-vittmi ta' inċidenti ta' tniġġiż.

---

([1]) ĠU C 220, tas-16.9.2003, p. 72.

([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Jannar 2004 (ĠU C 92 E, tas-16.4.2004, p. 77), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2004 (ĠU C 25 E, ta' l-1.2.2005, p. 29), Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Frar 2005 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2005.

([3]) Ara paġna 164 ta' dan il-ĠU.

(10) Hemm bżonn ta' aktar koperazzjoni effettiva bejn l-Istati Membri sabiex jiġi żgurat li r-rimi ta' sustanzi li jniġġżu minn vapuri jiġi skopert fil-ħin u li l-awturi jiġu identifikati. Għal dan il-għan, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 ([1]) għandha rwol ċentrali fil-ħidma ma' l-Istati Membri sabiex jiġu żviluppati soluzzjonijiet tekniċi u tingħata assistenza teknika għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u sabiex il-Kummissjoni tiġi megħjuna fit-twettiq ta' kwalunkwe xogħol li jingħata lilha għall-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva.

(11) Sabiex ikun hemm prevenzjoni u ġlieda aħjar kontra t-tniġġiż marittimu, għandhom jinħolqu sinerġiji bejn l-awtoritajiet ta' l-infurzar bħas-servizzi tal-gwardja tal-kosta nazzjonali. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tħejji studju ta' fattibiltà dwar gwardjan tal-kosta Ewropew li jkun dedikat għall-prevenzjoni tat-tniġġiż u r-reazzjoni kontrih, liema studju joħroġ biċ-ċar l-ispejjeż u l-benefiċċji. Dan l-istudju għandu, jekk xieraq, ikun segwit minn proposta għall-gwardjan tal-kosta Ewropew.

(12) Fejn hemm evidenza ċara u oġġettiva ta' rimi li qed jikkawża ħsara kbira jew theddida ta' ħsara kbira, l-Istati Membri għandhom jissottomettu l-kwistjoni lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom bil-għan li jiġu istitwiti proċedimenti skond l-Artikolu 220 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-1982 dwar il-Liġi tal-Baħar.

(13) L-infurzar tad-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 dwar faċilitajiet ta' lqugħ fil-portijiet għal tniġġiż ikkawżat minn vapuri u residwi tal-merkanzija ([2]), flimkien ma' din id-Direttiva, hija strument ċentrali fis-serje ta' miżuri sabiex ikun hemm prevenzjoni tat-tniġġiż ikkawżat minn vapuri.

(14) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva iridu jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([3]).

(15) Billi l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-inkorporazzjoni ta' standards internazzjonali ta' tniġġiż ikkawżat minn vapuri u l-istabbiliment ta' penali - kriminali jew amministrattivi - għall-ksur tagħhom sabiex ikun żgurat livell għoli ta' sigurtà u ta' protezzjoni ta' l-ambjent, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u, minħabba l-iskala u l-impatt ta' l-azzjoni proposta, jistgħu għalhekk jintlaħqu aħjar fuq livell Kommunitarju, il-Komunità tista' taġixxi skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(16) Din id-Direttiva tirrispetta bis-sħiħ il-Karta tad-Drittijiet Fondamentali ta' l-Unjoni Ewropea; kull persuna li tkun suspettata li kkommettiet ksur għandu jkollha l-garanzija għal smigħ ġust u imparzjali u l-penali għandhom ikunu proporzjonali,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

**Għan**

1. L-għan ta' din id-Direttiva hu li standards internazzjonali għal tniġġiż ikkawżat minn vapuri jiġu inkorporati fil-liġi Komunitarja u li jkun żgurat li l-persuni responsabbli għar-rimi huma suġġetti għal penali adekwati kif imsemmi fl-Artikolu 8, sabiex is-sigurtà tal-baħar titjieb u sabiex tiżdied il-protezzjoni ta' l-ambjent tal-baħar mit-tniġġiż ikkawżat minn vapuri.

2. Din id-Direttiva ma tipprekludix lill-Istati Membri milli jieħdu miżuri iżjed iebsa kontra t-tniġġiż ikkawżat minn vapuri bi qbil mal-liġi internazzjonali.

*L-Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

1. "Marpol 73/78" għandha tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali ta' l-1973 għall-prevenzjoni tat-tniġġiż minn vapuri u l-Protokoll tagħha ta' l-1978, fil-verżjoni aġġornata tagħha.

2. "Sustanzi li jniġġżu" għandha tfisser is-sustanzi koperti mill-Annessi I (żejt) u II (sustanzi likwidi noċivi bil-grossa) tal-Marpol 73/78.

3. "Rimi" għandha tfisser kwalunkwe rimi kkawżat bi kwalunkwe mod minn vapur, kif imsemmi fl-artikolu 2 tal-Marpol 73/78.

4. "Vapur" għandha tfisser imbarkazzjoni marittima, irrispettivament mill-bandiera tagħha, ta' kwalunkwe xorta, li topera fl-ambjent tal-baħar u għandha tinkludi dgħajjes *hydrofoil*, vettura b'kuxxin ta' l-arja, sommersibbili u bċejjeċ tal-baħar li jżommu fil-wiċċ.

([1]) ĠU L 208, tal-5.8.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 724/2004 (ĠU L 129, tad-29.4.2004, p. 1).
([2]) ĠU L 332, tat-28.12.2000, p. 81. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2002/84/KE (ĠU L 324, tad-29.11.2002, p. 53).
([3]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

*L-Artikolu 3*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva għandha tapplika, bi qbil mal-liġi internazzjonali, għal rimi ta' sustanzi li jniġġżu:

(a) fl-ilmijiet interni, inklużi portijiet, ta' Stat Membru, sakemm ir-reġim Marpol huwa applikabbli;

(b) fil-baħar territorjali ta' Stat Membru;

(ċ) fl-istretti użati għan-navigazzjoni internazzjonali li huma suġġetti għar-reġim ta' passaġġ bi transitu, kif stipulat fil-Parti III, sezzjoni 2, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-1982 dwar il-Liġi tal-Baħar, sakemm Stat Membru jeżerċita ġurisdizzjoni fuq tali stretti;

(d) fiż-żona esklussiva ekonomika jew żona ekwivalenti ta' Stat Membru, stabbilita skond il-liġi internazzjonali; u

(e) bejn sema u ilma.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika għal rimi ta' sustanzi li jniġġżu minn kwalunkwe vapur, irrispettivament mill-bandiera tiegħu, bl-eċċezzjoni ta' kwalunkwe vapur tal-gwerra, awżiljari navali jew vapur ta' propjetà ta' jew imħaddem minn Stat u għal dak il-ħin użat biss fuq servizz mhux kummerċjali tal-gvern.

*L-Artikolu 4*

**Ksur**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rimi ta' sustanzi li jniġġżu minn vapuri fi kwalunkwe żona msemmija fl-Artikolu 3(1) ikun ikkunsidrat bħala ksur jekk isiru b'intenzjoni, b'mod imprudenti jew b'negliġenza serja. Dan il-ksur huwa meqjus bħala offiża kriminali skond, u fiċ-ċirkustanzi pprovdut għalhekk fid-Deċiżjoni Kwadru 2005/667/ĠAI li tissupplimenta din id-Direttiva.

*L-Artikolu 5*

**Eċċezzjonijiet**

1. Ir-rimi ta' sustanzi li jniġġżu fi kwalunkwe żona msemmija fl-Artikolu 3(1) m'għandux jitqies bħala ksur jekk jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I, Regolamenti 9, 10, 11(a) jew 11(ċ) jew fl-Anness II, regolamenti 5, 6(a) jew 6(ċ) tal-Marpol 73/78.

2. Ir-rimi ta' sustanzi li jniġġżu fiż-żoni msemmija fl-Artikolu 3(1) (ċ), (d) u (e) ma għandux jitqies bħala ksur min-naħa tas-sid, tal-kmandant jew ta' l-ekwipaġġ meta jaġixxu taħt ir-responsabbiltà tal-kmandant jekk ir-rimi jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I, Regolament 11(b) jew fl-Anness II, Regolament 6(b) tal-Marpol 73/78.

*L-Artikolu 6*

**Miżuri ta' infurzar fir-rigward ta' vapuri f'port ta' Stat Membru**

1. Jekk irregolaritajiet jew informazzjoni jagħtu lok għal suspett li vapur li qiegħed volontarjament f'port jew f'terminal 'il barra mix-xatt ta' Stat Membru kien involut jew hu involut fir-rimi ta' sustanzi li jniġġżu fiż-żoni msemmija fl-Artikolu 3(1), dak l-Istat Membru għandu jiżgura li titwettaq spezzjoni xierqa, li tieħu kont tal-linji gwida rilevanti adottati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali Marittima (IMO), skond il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru.

2. Fejn l-ispezzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tiżvela fatti li jistgħu jindikaw ksur skond id-definizzjoni ta' l-Artikolu 4, l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru u ta' l-Istat tal-bandiera għandhom jiġu infurmati.

*L-Artikolu 7*

**Miżuri ta' infurzar minn Stati mal-kosta fir-rigward ta' vapuri fi transitu**

1. Jekk ir-rimi suspettat ta' sustanzi li jniġġżu jseħħ fiż-żoni msemmija fl-Artikolu 3(1)(b), (ċ), (d) jew (e) u l-vapur li hu suspettat bir-rimi ma jidħolx f'port ta' l-Istat Membru li għandu l-informazzjoni li tikkonċerna r-rimi suspettat, għandu japplika s-segwenti:

(a) Jekk il-port ta' waqfien suċċessiv tal-vapur huwa fi Stat Membru ieħor, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkoperaw mill-qrib fl-ispezzjoni msemmija fl-Artikolu 6(1) u fit-teħid tad-deċiżjoni dwar il-miżuri xierqa li għandhom jittieħdu fir-rigward ta' tali rimi;

(b) Jekk il-port ta' waqfien suċċessiv tal-vapur huwa port ta' Stat li hu barra mill-Komunità, l-Istat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-port ta' waqfien suċċessiv tal-vapur hu infurmat dwar ir-rimi suspettuż u għandu jitlob lill-Istat tal-port ta' waqfien suċċessiv biex jieħu l-miżuri xierqa fir-rigward ta' tali rimi.

2. Fejn hemm evidenza ċara u oġġettiva li vapur li qed ibaħħar fiż-żoni msemmija fl-Artikolu 3(1) (b) jew (d) ikkometta, fiż-żona msemmija fl-Artikolu 3(1) d), ksur li rriżulta f'rimi li kkawża ħsara kbira jew theddida ta' ħsara kbira lill-kosta jew lil interessi relatati ta' l-Istat Membru kkonċernat, jew lil kwalunkwe riżorsi taż-żoni msemmija fl-Artikolu 3(1) (b) jew (d), dak l-Istat għandu, mingħajr ħsara għall-Parti XII, Sezzjoni 7 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-1982 dwar il-Liġi tal-Baħar, u bil-kundizzjoni li l-evidenza hekk tiġġustifika, jissottometti l-kwistjoni lill-awtoritajiet kompetenti tiegħu bilgħan li jiġu istitwiti proċedimenti, inkluż id-detenzjoni tal-vapur, skond il-liġi nazzjonali tiegħu.

3. Fi kwalunkwe każ, l-awtoritajiet ta' l-Istat tal-bandiera għandhom jiġu nfurmati.

*L-Artikolu 8*

**Penali**

1. Stati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ksur imsemmi fl-Artikolu 4 ikun suġġett għal penali effettivi, proporzjonati u disważivi, li jistgħu jinkludu penali kriminali jew amministrattivi.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-penali msemmija fil-paragrafu 1 japplikaw għal kwalunkwe persuna li tinstab responsabbli ta' ksur kif imsemmi fl-Artikolu 4.

*L-Artikolu 9*

**L-osservanza tal-liġi internazzjonali**

L-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva mingħajr l-ebda diskriminazzjoni fil-forma jew fil-fatt kontra vapuri barranin u bi qbil mal-liġi internazzjonali applikabbli, inkluż is-Sezzjoni 7 tal-Parti XII tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-1982 dwar il-Liġi tal-Baħar, u għandhom jgħarrfu fil-pront l-Istat tal-bandiera tal-vapur u kwalunkwe Stat ieħor ikkonċernat bil-miżuri meħuda skond din id-Direttiva.

*L-Artikolu 10*

**Miżuri ta' akkompanjament**

1. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkoperaw, fejn ikun xieraq, f'kollaborazzjoni stretta ma' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurta Marittima u, fejn hu xieraq, filwaqt li jieħdu kont tal-programm ta' azzjoni kontra t-tniġġiż tal-baħar li jseħħ b'mod aċċidentali jew deliberat kif stabbilit mid-Deċiżjoni Nru. 2850/2000/KE [1] u, jekk xieraq, ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/59/KE sabiex:

(a) jiġu żviluppati s-sistemi ta' informazzjoni li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva;

(b) jiġu stabbiliti prattiċi u linji gwida komuni fuq il-bażi ta' dawk li jeżistu fuq il-livell internazzjonali b'mod partikolari għal:

— il-monitoraġġ u l-identifikazzjoni kmieni ta' vapuri li jarmu sustanzi li jniġġżu bi ksur ta' din id-Direttiva, inkluż, fejn hu xieraq, b'tagħmir ta' monitoraġġ abbord;

— metodi affidabbli ta' l-intraċċar ta' sustanzi li jniġġżu fil-baħar għal vapur partikolari; u

— l-infurzar effettiv ta' din id-Direttiva.

2. B'konformità mal-kompiti tagħha kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 1406/2002, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għandha:

(a) taħdem ma' l-Istati Membri fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tekniċi u tagħti assistenza teknika għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, f'affarijiet bħal intraċċar ta' rimi permezz ta' monitoraġġ u sorveljanza satellitari;

(b) tassisti l-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż, jekk xieraq, permezz ta' visti lill-Istati Membri, skond l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002.

*L-Artikolu 11*

**Studju ta' Fattibiltà**

Il-Kummissjoni għandha tissottometti studju ta' fattibiltà lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar gwardjan tal-kosta Ewropew li jkun dedikat għall-prevenzjoni tat-tniġġiż u r-reazzjoni kontrih, liema studju joħroġ biċ-ċar l-ispejjeż u l-benefiċċji.

*L-Artikolu 12*

**Rapportar**

Kull tliet snin, l-Istati Membri għandhom jitrasmettu rapporti lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva mill-awtoritajiet kompetenti. Abbażi ta' dawn ir-rapporti, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport Komunitarju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. F'dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tistma, inter alia, l-interess li din id-Direttiva tiġi riveduta jew li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha jiġi estiż. Għandu wkoll jiddeskrivi l-evoluzzjoni tal-ġurisprudenza relevanti fl-Istati Membri u għandu jikkunsidra l-possibiltà li jinħoloq *database* pubbliku li fih il-ġurisprudenza relevanti.

(1) Deċiżjoni Nru 2850/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2000 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għal koperazzjoni fil-qasam tat-tniġġiż ta' l-ibħra, sewwa jekk aċċidentali, u sewwa jekk deliberatament (ĠU L 332, tat-28.12.2000, p. 1). Deċiżjoni emendata mid-Deċiżjoni Nru 787/2004/KE (ĠU L 138, tat-30.4.2004, p. 12).

*L-Artikolu 13*

**Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat dwar Ibħra Sikuri u l-Prevenzjoni ta' Tniġġiż minn Vapuri (COSS), stabbilit mill-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 ([1]).

2. Fejn issir referenza għal dan l-Artikolu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, filwaqt li jittieħed kont tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal xahar.

*L-Artikolu 14*

**Għoti ta' Informazzjoni**

Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 2850/2000/KE, bi kwalunkwe miżura proposta jew dwar attivitajiet rilevanti oħra li jikkonċernaw ir-risposta għat-tniġġiż tal-baħar.

*L-Artikolu 15*

**Proċedura ta' emendar**

Skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002 u bi qbil mal-proċedura msemmja fl-Artikolu 13 ta' din id-Direttiva, il-COSS jista' jeskludi emendi għal Marpol 73/78 mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

*L-Artikolu 16*

**Implimentazzjoni**

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa 1 Marzu tas-sena 2007 u jinformaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom riferenza għal din id-Direttiva jew tali riferenza għandha takkumpanjahom meta jkunu pubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali referenza.

*L-Artikolu 17*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak li fih tkun ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*L-Artikolu 18*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hi ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, nhar is-7 ta' Settembru 2005

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BORRELL FONTELLES | C. CLARKE |

---

([1]) ĠU L 324, tad-29.11.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 415/2004 (ĠU L 68, tas-6.3.2004, p. 10).

*L-ANNESS*

**Taqsira, għal skopijiet ta' referenza, tar-regolamenti ta' rimi Marpol 73/78 li jikkonċernaw ir-rimi ta' żejt u ta' sustanzi likwidi noċivi, kif imsemmija fl-Artikolu 2.2**

**Parti I: Żejt (Marpol 73/78, l-Anness I)**

Għall-finijiet ta' l-Anness I tal-Marpol 73/78, "żejt" tfisser żejt fi kwalunkwe forma inkluż iż-żejt mhux raffinat, iż-żejt fjuwil, żejt maħmuġ li nġema' fil-magni, żejt għar-rimi u prodotti raffinati (ħlief petrokimiċi li huma suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' l-Anness II tal-Marpol 73/78) u "taħlita żejtnija" tfisser taħlita bi kwalunkwe kontenut ta' żejt.

Siltiet mid-dispożizzjonijiet relevanti ta' l-Anness I tal-Marpol 73/78:

Regolament 9: Kontroll tar-rimi ta' żejt

(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 10 u 11 ta' dan l-Anness u l-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, kwalunkwe rimi fil-baħar ta' żejt jew taħlitiet żejtnin minn vapuri li għalihom japplika dan l-Anness għandu jkun projbit ħlief meta l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin huma sodisfatti:

(a) għal tanker taż-żejt, ħlief kif ipprovdut fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu:

(i) it-tanker mhuwiex f'żona speċjali;

(ii) it-tanker qiegħed iżjed minn 50 mil nawtiku mill-art l-iżjed viċina;

(iii) it-tanker qiegħed jinnaviga;

(iv) ir-rata istantanja tar-rimi taż-żejt ma jaqbiżx it-30 litru għal kull mil nawtiku;

(v) il-kwantità totali taż-żejt mormija fil-baħar ma taqbiżx, għat-tankers eżistenti, 1/15000 tal-kwantità totali ta' dik it-tagħbija partikolari li minnha r-residwu fforma parti, u 1/30000 tal-kwantità totali tat-tagħbija partikolari li minnha r-residwu fforma parti għat-tankers il-ġodda; u

(vi) it-tanker qed juża sistema ta' monitoraġġ u kontroll tar-rimi taż-żejt u arranġament ta' tankijiet ta' l-islopp kif meħtieġ mir-regolament 15 ta' dan l-Anness.

(b) Minn vapur ta' tunnellaġġ gross ta' 400 tunnellata jew iżjed ħlief tanker taż-żejt u mis-sentini ta' l-ispazju tal-magni esklużi s-sentini tal-kamra tal-pompi ta' tanker taż-żejt ħlief jekk imħallat b'residwu ta' tagħbiji ta' żejt:

(i) il-vapur mhuwiex f'żona speċjali;

(ii) il-vapur qiegħed jinnaviga;

(iii) il-kontenut taż-żejt ta' l-iskart ma jaqbiżx 15-il partijiet fil-miljun mingħajr ma jkun dilwit; u

(iv) il-vapur qed juża tagħmir ta' monitoraġġ, kontroll u ffiltrar kif meħtieġ mir-regolament 16 ta' dan l-Anness.

(2) Fil-każ ta' vapur ta' tunnellaġġ gross ta' inqas minn 400 tunnellata ħlief tanker taż-żejt li qiegħed 'il barra miż-żona speċjali, l-Amministrazzjoni [ta' l-Istat tal-bandiera] għandha tiżgura li l-vapur hu mgħammar sakemm hu prattiku u raġonevoli b'installazzjonijiet li jiżguraw il-ħżin ta' residwi taż-żejt abbord u r-rimi tagħhom f'faċilitajiet ta' ġbir jew fil-baħar skond il-ħtiġijiet tal-paragrafu (1)(b) ta' dan ir-regolament.

(3) […]

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament ma għandhomx japplikaw għal rimi ta' saborra nadifa jew segregata jew ta' taħlitiet żejtnin mhux ipproċessati li mingħajr ma jkunu dilwiti għandhom kontenut ta' żejt ta' mhux aktar minn 15-il parti fil-miljun u li ma joriġinawx mis-sentini tal-kamra tal-pompi u li mhumiex imħallta ma' residwi ta' tagħbiji ta' żejt.

(5) L-ebda rimi fil-baħar ma għandu jkollu kimiċi jew sustanzi oħra fi kwantitajiet jew konċentrazzjonijiet li huma perikolużi għall-ambjent tal-baħar jew kimiċi jew sustanzi oħra introdotti bl-iskop li jiġu evitati l-kondizzjonijiet ta' rimi speċifikati f'dan ir-regolament.

(6) Ir-residwi taż-żejt li ma jistgħux jiġu mormija fil-baħar bi qbil mal-paragrafi (1), (2) u (4) ta' dan ir-regolament għandhom jiġu miżmuma abbord jew mormija f'faċilitajiet ta' ġbir.

(7) […]

Regolament 10: Metodi għall-prevenzjoni ta' tniġġiż taż-żejt minn vapuri waqt li joperaw f'żoni speċjali

(1) Għall-iskopijiet ta' dan l-Anness, iż-żoni speċjali huma ż-żona tal-Baħar tal-Mediterran, iż-żona tal-Baħar Baltiku, iż-żona tal-Baħar l-Aħmar, iż-"żona tal-Golfijiet", iż-żona tal-Golf ta' Aden, iż-żona ta' l-Antartiku, u l-ilmijiet tal-Majjistral ta' l-Ewropa, [kif definiti u speċifikati aktar]

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 11 ta' dan l-Anness:

(a) Kwalunkwe rimi fil-baħar ta' żejt jew taħlita żejtnija minn kwalunkwe tanker taż-żejt u kwalunkwe vapur ta' tunnellaġġ gross ta' 400 tunnellata jew iżjed ħlief tanker taż-żejt għandu jkun projbit meta l-vapur ikun f'żona speċjali […].

(b) […] Kwalunkwe rimi fil-baħar ta' żejt jew taħlita żejtnija minn kwalunkwe tanker taż-żejt u kwalunkwe vapur ta' tunnellaġġ gross ta' inqas minn 400 tunnellata, ħlief tanker taż-żejt, għandu jkun projbit meta l-vapur ikun f'żona speċjali ħlief meta l-kontenut taż-żejt ta' l-iskart ma jaqbiżx 15-il partijiet fil-miljun mingħajr ma jkun dilwit.

(3) (a) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament ma għandhomx japplikaw għal rimi ta' saborra nadifa jew segregata.

(b) Id-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu (2)(a) ta' dan ir-regolament ma għandhomx japplikaw għal rimi ta' ilma pproċessat tas-sentina mill-ispazji tal-magni, bil-kundizzjoni li l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin huma sodisfatti:

(i) l-ilma tas-sentina ma joriġinax mis-sentini tal-kamra tal-pompi tat-tagħbija;

(ii) l-ilma tas-sentina mhuwiex imħallat mar-residwi tat-tagħbija taż-żejt;

(iii) il-vapur qiegħed jinnaviga;

(iv) il-kontenut taż-żejt ta' l-iskart ma jaqbiżx 15-il partijiet fil-miljun mingħajr ma jkun dilwit;

(v) il-vapur qed juża tagħmir ta' filtraġġ taż-żejt li huwa konformi mar-regolament 16(5) ta' dan l-Anness; u

(vi) is-sistema ta' filtraġġ hija mgħammra bi strument ta' twaqqif li jiżgura li r-rimi jiġi mwaqqaf awtomatikament meta l-kontenut taż-żejt ta' l-iskart jaqbeż 15-il partijiet fil-miljun.

(4) (a) L-ebda rimi fil-baħar ma għandu jkollu kimiċi jew sustanzi oħra fi kwantitajiet jew konċentrazzjonijiet li huma perikolużi għall-ambjent tal-baħar jew kimiċi jew sustanzi oħra introdotti bl-iskop li jiġu evitati l-kondizzjonijiet ta' rimi speċifikati f'dan ir-regolament.

(b) Ir-residwi taż-żejt li ma jistgħux jiġu mormija fil-baħar bi qbil mal-paragrafi (2) jew (3) ta' dan ir-regolament għandhom jiġu miżmuma abbord jew mormija f'faċilitajiet ta' ġbir.

(5) Xejn f'dan ir-regolament ma għandu jwaqqaf vapur, li parti biss mill-vjaġġ tiegħu huwa f'żona speċjali, milli jagħmel rimi 'l barra miż-żona speċjali skond ir-regolament 9 ta' dan l-Anness.

(6) […]

(7) […]

(8) […]

Regolament 11: Eċċezzjonijiet

Ir-Regolamenti 9 u 10 ta' dan l-Anness ma għandhomx japplikaw għal:

(a) rimi fil-baħar ta' żejt jew taħlita żejtnija meħtieġa biex tiġi żgurata s-sigurtà ta' vapur jew li tiġi salvata l-ħajja umana fuq il-baħar; jew

(b) rimi fil-baħar ta' żejt jew taħlita żejtnija li tirriżulta minn ħsara għal vapur jew it-tagħmir tiegħu:

(i) bil-kundizzjoni li l-prekawzjonijiet kollha raġonevoli ttieħdu wara li ġrat il-ħsara jew wara li r-rimi ġie skopert sabiex jiġi prevenut jew minimizzat; u

(ii) ħlief fil-każ li s-sid jew il-kaptan aġixxew jew bil-għan li jagħmlu l-ħsara, jew b'mod imprudenti u konsapevoli li probabbilment kien ser ikun hemm ħsara; jew

(ċ) ir-rimi fil-baħar ta' sustanzi li jkun fihom iż-żejt, approvat mill-Amministrazzjoni [ta' l-Istat tal-bandiera], meta dawn is-sustanzi jintużaw għall-iskop tal-ġlieda kontra inċidenti speċifiċi ta' tniġġiż sabiex titnaqqas il-ħsara minn dan it-tniġġiż. Kwalunkwe rimi ta' dan it-tip għandu jkun suġġett għall-approvazzjoni ta' kwalunkwe Gvern li għandu l-ġurisdizzjoni fil-post li fih ir-rimi ser isir.

## Parti II: Sustanzi likwidi noċivi (Marpol 73/78 l-Anness II)

Siltiet mid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-Anness II tal-Marpol 73/78:

Regolament 3: Klassifikar u elenkar ta' sustanzi likwidi noċivi

(1) Għall-għanijiet tar-regolamenti ta' dan l-Anness, sustanzi likwidi noċivi għandhom jiġu maqsuma f'erba' kategoriji kif ġej:

(a) Kategorija A: Sustanzi likwidi noċivi li jekk jiġu mormija fil-baħar minn operazzjonijiet ta' tindif ta' tankijiet jew tneħħija ta' saborra jippreżentaw perikolu kbir għar-riżorsi tal-baħar jew għas-saħħa tal-bniedem jew jikkawżaw ħsara serja għall-faċilitajiet tal-baħar jew għall-utilitajiet leġittimi oħra tiegħu u li għalhekk huwa ġustifikat li jiġu applikati miżuri iebsa kontra t-tniġġiż.

(b) Kategorija B: Sustanzi likwidi noċivi li jekk jiġu mormija fil-baħar minn operazzjonijiet ta' tindif ta' tankijiet jew tneħħija ta' saborra jippreżentaw perikolu jew għar-riżorsi tal-baħar jew għas-saħħa tal-bniedem jew jikkawżaw ħsara serja għall-faċilitajiet tal-baħar jew għall-utilitajiet leġittimi oħra tiegħu u li għalhekk huwa ġustifikat li jiġu applikati miżuri speċjali kontra t-tniġġiż.

(ċ) Kategorija Ċ: Sustanzi likwidi noċivi li jekk jiġu mormija fil-baħar minn operazzjonijiet ta' tindif ta' tankijiet jew tneħħija ta' saborra jippreżentaw perikolu żgħir jew għar-riżorsi tal-baħar jew għas-saħħa tal-bniedem jew jikkawżaw ħsara żgħira għall-faċilitajiet tal-baħar jew għall-utilitajiet leġittimi oħra tiegħu u li għalhekk jinħtieġu kondizzjonijiet operazzjonali speċjali.

(d) Kategorija D: Sustanzi likwidi noċivi li jekk jiġu mormija fil-baħar minn operazzjonijiet ta' tindif ta' tankijiet jew tneħħija ta' saborra jippreżentaw perikolu li jingħaraf jew għar-riżorsi tal-baħar jew għas-saħħa tal-bniedem jew jikkawżaw ħsara minima għall-faċilitajiet tal-baħar jew għall-utilitajiet leġittimi oħra tiegħu u li għalhekk tinħtieġ ċerta attenzjoni fil-kondizzjonijiet operazzjonali.

(2) […]

(3) […]

(4) […]

[Aktar linji gwida dwar il-klassifikar ta' sustanzi, inkluż lista ta' sustanzi klassifikati, huma mogħtija fir-regolament 3(2)(4) u fir-regolament 4 u fl-appendiċi ta' l-Anness II tal-Marpol 73/78]

Regolament 5: Rimi ta' sustanzi likwidi noċivi

Kategoriji A, B u Ċ 'l barra minn żoni speċjali u sustanzi taħt il-kategorija D fiż-żoni kollha

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet […] tar-regolament 6 ta' dan l-Anness,

(1) Għandu jiġi pprojbit ir-rimi fil-baħar ta' sustanzi taħt il-kategorija A kif definiti fir-regolament 3(1)(a) ta' dan l-Anness jew ta' dawk stmati hekk b'mod proviżorju jew ilma tas-saborra jew tal-ħasil ta' tankijiet, jew residwi jew taħlitiet oħra li fihom sustanzi tali. Jekk tankijiet li fihom tali sustanzi jew taħlitiet iridu jiġu maħsula, ir-residwi li jirriżultaw għandhom jiġu mormija f'faċilità ta' ġbir sakemm il-konċentrazzjoni tas-sustanza fl-iskart lejn tali faċilità tkun ta' livell ugwali għal 0.1 % fil-piż jew inqas minn hekk u dan sakemm it-tank ikun vojt, bl-eċċezzjoni tal-fosfru, isfar jew abjad, fejn il-konċentrazzjoni residwa f'dan il-każ għandha tkun ta' 0.01 % fil-piż. Kwalunkwe ilma li jiġi miżjud fit-tank sussegwentement jista' jiġi skarikat fil-baħar meta l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin huma sodisfatti:

(a) il-vapur qiegħed jinnaviga b'veloċità ta' mill-inqas 7 nodi fil-każ ta' vapuri bi propulsjoni awtonoma jew ta' mill-inqas 4 nodi fil-każ ta' vapuri mexjin mingħajr propulsjoni awtonoma;

(b) ir-rimi iseħħ taħt il-livell ta' l-ilma, b'kont meħud tal-pożizzjoni ta' l-imbokkaturi għat-teħid ta' l-ilma baħar; u

(ċ) ir-rimi iseħħ f'distanza ta' mhux inqas minn 12-il mil nawtiku mill-art l-iżjed viċina f'ilma li jkun ta' mill-inqas 25m fond.

(2) Għandu jiġi projbit ir-rimi fil-baħar ta' sustanzi taħt il-kategorija B kif definiti fir-regolament 3(1)(b) ta' dan l-Anness jew ta' dawk stmati hekk b'mod proviżorju jew ilma tas-saborra jew tal-ħasil ta' tankijiet, jew residwi jew taħlitiet oħra li fihom sustanzi tali, ħlief meta l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin huma sodisfatti:

(a) il-vapur qiegħed jinnaviga b'veloċità ta' mill-inqas 7 nodi fil-każ ta' vapuri bi propulsjoni awtonoma jew ta' mill-inqas 4 nodi fil-każ ta' vapuri mexjin mingħajr propulsjoni awtonoma;

(b) il-proċeduri u l-arranġamenti għall-rimi huma approvati mill-Amministrazzjoni [ta' l-Istat tal-bandiera]. Tali proċeduri u arranġamenti għandhom ikunu bbażati fuq standards żviluppati mill-[IMO] u għandhom jiżguraw li l-konċentrazzjoni u r-rata ta' rimi ta' l-iskart huma tali li l-konċentrazzjoni tas-sustanza fit-tranja ta' wara tal-vapur ma teċċedix parti waħda fil-miljun;

(ċ) il-kwantità massima ta' tagħbija skarikata minn kull tank u s-sistema ta' pajping assoċjata tiegħu ma taqbiżx il-kwantità massima approvata bi qbil mal-proċeduri msemmija fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu, li ma għandha fl-ebda każ jaqbeż l-akbar minn 1m$^3$ jew 1/3000 tal-kapaċità tat-tank f'm$^3$;

(d) ir-rimi jseħħ taħt il-livell ta' l-ilma, b'kont meħud tal-pożizzjoni ta' l-imbokkaturi għat-teħid ta' l-ilma baħar; u

(e) ir-rimi jseħħ f'distanza ta' mhux inqas minn 12-il mil nawtiku mill-art l-iżjed fil-qrib u f'ilma li jkun ta' mill-inqas 25m fond.

(3) Għandu jiġi projbit rimi fil-baħar ta' sustanzi taħt il-kategorija Ċ kif definiti fir-regolament 3(1)(ċ) ta' dan l-Anness jew ta' dawk stmati hekk b'mod proviżorju jew ilma tas-saborra jew tal-ħasil ta' tankijiet, jew residwi jew taħlitiet oħra li fihom sustanzi tali, ħlief meta l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin huma sodisfatti:

(a) il-vapur qiegħed jinnaviga b'veloċità ta' mill-inqas 7 nodi fil-każ ta' vapuri bi propulsjoni awtonoma jew ta' mill-inqas 4 nodi fil-każ ta' vapuri mexjin mingħajr propulsjoni awtonoma;

(b) il-proċeduri u l-arranġamenti għal rimi huma approvati mill-Amministrazzjoni [ta' l-Istat tal-bandiera]. Tali proċeduri u arranġamenti għandhom ikunu bbażati fuq standards żviluppati mill-[IMO] u għandhom jiżguraw li l-konċentrazzjoni u r-rata ta' rimi ta' l-iskart huma tali li l-konċentrazzjoni tas-sustanza fit-tranja ta' wara tal-vapur ma taqbiżx 10 partijiet fil-miljun;

(ċ) il-kwantità massima ta' tagħbija mormija minn kull tank u s-sistema ta' pajping assoċjata tiegħu ma taqbiżx il-kwantità massima approvata bi qbil mal-proċeduri msemmija fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu, li ma għandha fl-ebda każ taqbeż l-akbar minn 3 m$^3$ jew 1/1000 tal-kapaċità tat-tank f'm$^3$;

(d) ir-rimi jseħħ taħt il-livell ta' l-ilma, b'kont meħud tal-pożizzjoni ta' l-imbokkaturi għat-teħid ta' l-ilma baħar; u

(e) ir-rimi jseħħ f'distanza ta' mhux inqas minn 12-il mil nawtiku mill-art l-iżjed fil-qrib u f'ilma li jkun ta' mill-inqas 25m fond.

(4) Għandu jiġi projbit ir-rimi fil-baħar ta' sustanzi taħt il-kategorija D kif definiti fir-regolament 3(1)(d) ta' dan l-Anness, jew ta' dawk stmati hekk b'mod proviżorju, jew ilma tas-saborra jew tal-ħasil ta' tankijiet, jew residwi jew taħlitiet oħra li fihom sustanzi tali, ħlief meta il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin huma sodisfatti:

(a) il-vapur qiegħed jinnaviga b'veloċità ta' mill-inqas 7 nodi fil-każ ta' vapuri bi propulsjoni awtonoma jew ta' mill-inqas 4 nodi fil-każ ta' vapuri mexjin mingħajr propulsjoni awtonoma;

(b) tali taħlitiet huma ta' konċentrazzjoni li mhix ikbar minn parti waħda tas-sustanza f'għaxar partijiet ilma; u

(ċ) ir-rimi iseħħ f'distanza ta' mhux inqas minn 12-il mil nawtiku mill-art l-iżjed fil-qrib.

(5) Proċeduri ta' ventilazzjoni approvati mill-Amministrazzjoni [ta' l-Istat tal-bandiera] jistgħu jintużaw biex jitneħħew ir-residwi ta' tagħbija minn tank. Tali proċeduri għandhom ikunu bbażati fuq standards żviluppati mill-[IMO]. Kwalunkwe ilma li jiġi introdott fit-tank sussegwentement għandu jiġi kkunsidrat bħala nadif u ma għandux ikun suġġett għall-paragrafi (1), (2), (3) jew (4) ta' dan ir-regolament.

(6) Għandu jiġi projbit ir-rimi fil-baħar ta' sustanzi li ma ġewx klassifikati, stmati b'mod proviżorju, jew evalwati kif stipulat fir-regolament 4(1) ta' dan l-Anness, jew ta' ilma tas-saborra jew tal-ħasil ta' tankijiet, jew residwi jew taħlitiet oħra li fihom sustanzi tali.

Rimi ta' sustanzi taħt il-kategoriji A, B u Ċ f'żoni speċjali [kif definit fl-Anness II, Regolament 1 tal-Marpol 73/78, inkluż il-Baħar Baltiku]

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' [...] u r-regolament 6 ta' dan l-Anness,

(7) Għandu jiġi projbit ir-rimi fil-baħar ta' sustanzi taħt il-kategorija A kif definiti fir-regolament 3(1)(a) ta' dan l-Anness jew ta' dawk stmati hekk b'mod proviżorju jew ilma tas-saborra jew tal-ħasil ta' tankijiet, jew residwi jew taħlitiet oħra li fihom sustanzi tali. Jekk tankijiet li fihom tali sustanzi jew taħlitiet iridu jiġu maħsula, ir-residwi li jirriżultaw għandhom jiġu mormija f'faċilità ta' ġbir li għandha tiġi pprovduta mill-Istati konfinanti maż-żona speċjali skond ir-regolament 7 ta' dan l-Anness, sakemm il-konċentrazzjoni tas-sustanza fl-iskart lejn tali faċilità tkun ta' livell ugwali jew inqas minn 0,05 % fil-piż u dan sakemm it-tank ikun vojt, bl-eċċezzjoni tal-fosfru, isfar jew abjad, fejn il-konċentrazzjoni residwa f'dan il-każ għandha tkun ta' 0,005 % fil-piż. Kwalunkwe ilma li jiġi miżjud fit-tank sussegwentement jista' jiġi mormi fil-baħar meta l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin huma sodisfatti:

(a) il-vapur qiegħed jinnaviga b'veloċità ta' mill-inqas 7 nodi fil-każ ta' vapuri bi propulsjoni awtonoma jew ta' mill-inqas 4 nodi fil-każ ta' vapuri mexjin mingħajr propulsjoni awtonoma;

(b) ir-rimi jseħħ taħt il-livell ta' l-ilma, b'kont meħud tal-pożizzjoni ta' l-imbokkaturi għat-teħid ta' l-ilma baħar; u

(ċ) ir-rimi jseħħ f'distanza ta' mhux inqas minn 12-il mil nawtiku mill-art l-iżjed fil-qrib u f'ilma li jkun ta' mill-inqas 25m fond.

(8) Għandu jiġi projbit ir-rimi fil-baħar ta' sustanzi taħt il-kategorija B kif definiti fir-regolament 3(1)(b) ta' dan l-Anness jew ta' dawk stmati hekk b'mod proviżorju jew ta' l-ilma tas-saborra jew tal-ħasil ta' tankijiet, jew residwi jew taħlitiet oħra li fihom sustanzi tali, ħlief meta l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin huma sodisfatti:

(a) it-tank inħasel minn qabel skond il-proċedura approvata mill-Amministrazzjoni [ta' l-Istat tal-bandiera] u bbażat fuq standards żviluppati mill-[IMO] u r-residwi li rriżultaw mill-ħasil tat-tank ġew mormija f'faċilità ta' ġbir;

(b) il-vapur qiegħed jinnaviga b'veloċità ta' mill-inqas 7 nodi fil-każ ta' vapuri bi propulsjoni awtonoma jew ta' mill-inqas 4 nodi fil-każ ta' vapuri mexjin mingħajr propulsjoni awtonoma;

(ċ) il-proċeduri u l-arranġamenti għal rimi u l-ħasil huma approvati mill-Amministrazzjoni [ta' l-Istat tal-bandiera]. Tali proċeduri u arranġamenti għandhom ikunu bbażati fuq standards żviluppati mill-[IMO] u għandhom jiżguraw li l-konċentrazzjoni u r-rata ta' rimi ta' l-iskart huma tali li l-konċentrazzjoni tas-sustanza fit-tranja ta' wara tal-vapur ma teċċedix parti waħda fil-miljun;

(d) ir-rimi jseħħ taħt il-livell ta' l-ilma, b'kont meħud tal-pożizzjoni ta' l-imbokkaturi għat-teħid ta' l-ilma baħar; u

(e) ir-rimi jseħħ f'distanza ta' mhux inqas minn 12-il mil nawtiku mill-art l-iżjed fil-qrib u f'ilma li jkun ta' mill-inqas 25m fond.

(9) Għandu jiġi projbit ir-rimi fil-baħar ta' sustanzi taħt il-kategorija Ċ kif definiti fir-regolament 3(1)(ċ) ta' dan l-Anness jew ta' dawk stmati hekk b'mod proviżorju jew ilma tas-saborra jew tal-ħasil ta' tankijiet, jew residwi jew taħlitiet oħra li fihom sustanzi tali, ħlief meta l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin huma sodisfatti:

(a) il-vapur qiegħed jinnaviga b'veloċità ta' mill-inqas 7 nodi fil-każ ta' vapuri bi propulsjoni awtonoma jew ta' mill-inqas 4 nodi fil-każ ta' vapuri mexjin mingħajr propulsjoni awtonoma;

(b) il-proċeduri u l-arranġamenti għal rimi huma approvati mill-Amministrazzjoni [ta' l-Istat tal-bandiera]. Tali proċeduri u arranġamenti għandhom ikunu bbażati fuq standards żviluppati mill-[IMO] u għandhom jiżguraw li l-konċentrazzjoni u r-rata ta' rimi ta' l-iskart huma tali li l-konċentrazzjoni tas-sustanza fit-tranja ta' wara tal-vapur ma taqbiżx parti waħda fil-miljun;

(ċ) il-kwantità massima ta' tagħbija skarikata minn kull tank u s-sistema ta' pajping assoċjata tiegħu ma taqbiżx il-kwantità massima approvata bi qbil mal-proċeduri msemmija fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu, li ma għandha fl-ebda każ taqbeż l-akbar minn $1m^3$ jew 1/3000 tal-kapaċità tat-tank f'$m^3$;

(d) ir-rimi jseħħ taħt il-livell ta' l-ilma, b'kont meħud tal-pożizzjoni ta' l-imbokkaturi għat-teħid ta' l-ilma baħar; u

(e) ir-rimi jseħħ f'distanza ta' mhux inqas minn 12-il mil nawtiku mill-art l-iżjed fil-qrib u f'ilma li jkun ta' mill-inqas 25m fond.

(10) Proċeduri ta' ventilazzjoni approvati mill-Amministrazzjoni [ta' l-Istat tal-bandiera] jistgħu jintużaw biex jitneħħew ir-residwi ta' tagħbija minn tank. Tali proċeduri għandhom ikunu bbażati fuq standards żviluppati mill-[IMO]. Kwalunkwe ilma li jiġi introdott fit-tank sussegwentement għandu jiġi kkunsidrat bħala nadif u ma għandux ikun suġġett għall-paragrafi (7), (8) jew (9) ta' dan ir-regolament.

(11) Għandu jiġi projbit ir-rimi fil-baħar ta' sustanzi li ma ġewx klassifikati, stmati b'mod proviżorju jew evalwati kif stipulat fir-regolament 4(1) ta' dan l-Anness, jew ta' l-ilma tas-saborra jew tal-ħasil ta' tankijiet, jew residwi oħra jew taħlitiet li fihom sustanzi tali.

(12) Xejn f'dan ir-regolament ma għandu jipprojbixxi vapur milli jżomm abbord ir-residwi minn tagħbija ta' Kategorija B jew Ċ u milli jiskarika tali residwi fil-baħar 'il barra minn żona speċjali skond il-paragrafi (2) jew (3) ta' dan ir-regolament, rispettivament.

Regolament 6: Eċċezzjonijiet

Regolament 5 ta' dan l-Anness ma għandux japplika għal:

(a) ir-rimi fil-baħar ta' sustanzi likwidi noċivi jew taħlitiet li fihom tali sustanzi meħtieġa biex tiġi żgurata s-sigurtà ta' vapur jew li tiġi salvata l-ħajja umana fuq il-baħar; jew

(b) ir-rimi fil-baħar ta' sustanzi likwidi noċivi jew taħlitiet li fihom tali sustanzi li jirriżultaw minn ħsara għal vapur jew it-tagħmir tiegħu:

(i) bil-kundizzjoni li l-prekawzjonijiet kollha raġonevoli ttieħdu wara li ġrat il-ħsara jew li l-rimi ġie skopert sabiex l-rimi jiġi prevenut jew minimizzat; u

(ii) ħlief fil-każ li s-sid jew il-kaptan aġixxew jew bil-għan li jagħmlu l-ħsara, jew b'mod imprudenti u konsapevoli li probabbilment kien ser ikun hemm ħsara; jew

(ċ) ir-rimi fil-baħar ta' sustanzi likwidi noċivi jew taħlitiet li fihom tali sustanzi, approvat mill-Amministrazzjoni [ta' l-Istat tal-bandiera], meta dawn jintużaw għall-iskop tal-ġlieda kontra inċidenti speċifiċi ta' tniġġiż sabiex titnaqqas il-ħsara minn dan it-tniġġiż. Kwalunkwe rimi ta' dan it-tip għandu jkun suġġett għall-approvazzjoni ta' kwalunkwe Gvern li għandu l-ġurisdizzjoni fil-post li fih l-rimi ser isir.

# ID-DIRETTIVA 2005/36/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tas-7 ta' Settembru 2005**

**dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali**

**(Test b'rilevanza għaż-ZEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 40, l-Artikolu 47(1), l-ewwel u t-tielet sentenzi ta' l-Artikolu 47(2), u l-Artikolu 55 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 3(1)(ċ) tat-Trattat, l-abolizzjoni, bejn l-Istati Membri, ta' ostakoli għall-moviment liberu tal-persuni u tas-servizzi huwa wieħed mill-għanijiet tal-Komunità. Għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, din tinkludi, b'mod partikolari, id-dritt li wieħed jeżerċita professjoni, għal rasu jew bħala impjegat, fi Stat Membru li mhuwiex dak fejn ikun kiseb il-kwalifiki professjonali tiegħu. Barra minn hekk, l-Artikolu 47(1) tat-Trattat jistabbilixxi li għandhom jiġu ppubblikati direttivi għar-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u provi oħra ta' kwalifiki formali.

(2) Wara l-Kunsill Ewropew ta' Liżbona tat-23 u l-24 ta' Marzu 2000, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar "Strateġija tas-Suq Intern għas-Servizzi", intiża b'mod partikolari li tirrendi l-provvista libera ta' servizzi fi ħdan il-Komunità sempliċi daqs dik fi ħdan Stat Membru. Bħala segwitu għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni intitolata "Swieq Ewropej Ġodda tax-Xogħol, Miftuħa għal Kulħadd, b'Aċċess għal Kulħadd", il-Kunsill Ewropew ta' Stokkolma fit-23 u fl-24 ta' Marzu 2001 ta lill-Kummissjoni ir-responsabbiltà li tippreżenta għall-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2002 proposti speċifiċi għal sistema aktar uniformi, trasparenti u flessibbli ta' rikonoxximent ta' kwalifiki.

(3) Il-garanzija mogħtija minn din id-Direttiva lil persuni li kisbu l-kwalifiki professjonali tagħhom fi Stat Membru sabiex ikollhom aċċess għall-istess professjoni u jeżerċitawha fi Stat Membru ieħor bl-istess drittijiet bħal ċittadini hija bla ħsara għall-konformità mill-professjonist li jkun emigra ma' kondizzjonijiet mhux diskriminatorji ta' eżerċizzju li jistgħu jkunu stabbiliti mill-Istat Membru ta' l-aħħar, kemm-il darba dawn ikunu oġġettivament ġustifikati u proporzjonati.

(4) Għandu jkun hemm regoli speċifiċi li l-għan tagħhom hu li jestendu l-possibiltà ta' l-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali taħt it-titolu professjonali oriġinali, sabiex teħfief il-provvista libera ta' servizzi. Fil-każ ta' servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni provduti mill-bogħod, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ([4]) għandhom japplikaw ukoll.

(5) In vista tas-sistemi differenti stabbiliti għall-provvista ta' servizzi transkonfinali fuq bażi temporanja jew ta' kultant min-naħa l-waħda, u għall-istabbiliment min-naħa l-oħra, il-kriterji għad-distinzjoni bejn dawn iż-żewġ kunċetti f'każ ta' l-ispostament tal-fornitur tas-servizz għat-territorju ta' l-Istat Membru ospitanti għandhom jiġu kjarifikati.

(6) Il-faċilitazzjoni tal-provvista ta' servizzi għandha tkun assigurata fil-kuntest ta' rispett serju tal-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà pubblika u l-protezzjoni tal-konsumatur. Għalhekk, għandhom ikunu maħsuba dispożizzjonijiet speċifiċi għall-professjonijiet regolati li għandhom implikazzjonijiet fuq is-saħħa jew is-sigurtà pubblika, li joffru servizzi transkonfini ta' natura temporanja jew ta' kultant.

(7) Stati Membri ospitanti jistgħu, fejn meħtieġ u skond id-dritt Komunitarju, jistabbilixxu rekwiżiti ta' dikjarazzjoni. Dawn ir-rekwiżiti m'għandhomx iwasslu għal piż sproporzjonat fuq il-fornituri tas-servizzi lanqas ifixkel jew jirrendi anqas interessanti l-eżerċizzju tal-libertà li jkunu provduti servizzi. Il-ħtieġa għal tali rekwiżiti għandha tkun riveduta perjodikament fid-dawl tal-progress li sar sabiex jiġi stabbilit qafas Komunitarju għal koperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri.

([1]) ĠU C 181 E, tat-30.7.2002, p. 183.
([2]) ĠU C 61, ta' l-14.3.2003, p. 67.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Frar 2004 (ĠU C 97 E, tat-22.4.2004, p. 230), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tal-21 ta' Diċembru 2004 (ĠU C 58 E, tat-8.3.2005, p. 1) u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Mejju 2005 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2005.
([4]) ĠU L 178, tas-17.7.2000, p. 1.

(8) Il-fornitur ta' servizzi għandu jkun soġġett għall-applikazzjoni ta' regoli dixxiplinarji ta' l-Istat Membru ospitanti li jkollhom konnessjoni diretta u speċifika mal-kwalifiki professjonali, bħalma hija d-definizzjoni tal-professjoni, il-firxa ta' l-attivitajiet koperti minn professjoni jew riżervati għaliha, l-użu ta' titoli u abbuż professjonali serju li hu konness direttament u speċifikament mal-protezzjoni u sigurtà tal-konsumatur.

(9) Filwaqt li, għal-libertà ta' stabbiliment, jinżammu l-prinċipji u s-salvagwardji li jifformaw il-bażi tas-sistemi differenti għar-rikonoxximent li huma fis-seħħ, ir-regoli ta' dawn is-sistemi għandhom jiġu mtejba fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba. Barra minn hekk, id-direttivi in kwistjoni ġew emendati f'diversi okkażjonijiet, u d-dispożizzjonijiet tagħhom għandhom jerġgħu jiġu organizzati u razzjonalizzati permezz ta' l-istandardizzazzjoni tal-prinċipji applikabbli. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu sostitwiti d-Direttivi tal-Kunsill 89/48/KEE ([1]) u 92/51/KEE ([2]), kif ukoll id-Direttiva 1999/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) dwar is-sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, u d-Direttivi tal-Kunsill 77/452/KEE ([4]), 77/453/KEE ([5]), 78/686/KEE ([6]), 78/687/KEE ([7]), 78/1026/KEE ([8]), 78/1027/KEE ([9]), 80/154/KEE ([10]), 80/155/KEE ([11]), 85/384/KEE ([12]), 85/432/KEE ([13]), 85/433/KEE ([14]) u 93/16/KEE ([15]) li jikkonċernaw il-professjonijiet ta' infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, ta' tobba dentisti, ta' kirurgi veterinarji, ta' qwiebel, ta' periti, ta' spiżjara u ta' tobba, billi dawn jingħaqdu f'test wieħed.

(10) Din id-Direttiva ma toħloqx ostakolu għall-possibiltà li Stati Membri jirrikonoxxu, skond ir-regoli tagħhom, kwalifiki professjonali miksuba barra mit-territorju ta' l-Unjoni Ewropea minn ċittadini ta' pajjiżi terzi. Kull rikonoxximent għandu jirrispetta f'kull każ kondizzjonijiet minimi ta' taħriġ għal ċerti professjonijiet.

(11) Fil-każ tal-professjonijiet koperti mis-sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' kwalifiki, hawn taħt msejħa "s-sistema ġenerali", l-Istati Membri għandhom iżommu d-dritt li jistabbilixxu l-livell minimu ta' kwalifiki meħtieġa sabiex tiġi assigurata l-kwalità tas-servizzi provduti fit-territorju tagħhom. Minkejja dan, skond l-Artikoli 10, 39 u 43 tat-Trattat, dawn ma għandhomx jeħtieġu li ċittadin ta' Stat Membru jikseb kwalifiki, li huma ġeneralment jistabbilixxu biss f'termini ta' diplomi mogħtija taħt is-sistema edukattiva nazzjonali tagħhom, fejn il-persuna konċernata tkun diġà kisbet dawk il-kwalifiki kollha jew parti minnhom fi Stat Membru ieħor. Bħala riżultat, għandu jiġi stabbilit li Stat Membru ospitanti li fih professjoni hija regolata għandu jieħu in kunsiderazzjoni l-kwalifiki miksuba fi Stat Membru ieħor u jistma dwar jekk dawn jaqblux ma' dawk li huwa jeħtieġ. Is-sistema ġenerali għar-rikonoxximent, madankollu, ma twaqqafx Stat Membru milli jissuġġetta persuna li tkun qed teżerċita professjoni fit-territorju tiegħu għal rekwiżiti speċifiċi minħabba l-applikazzjoni ta' regoli professjonali li jkunu ġustifikati mill-interess pubbliku ġenerali. Regoli ta' dan it-tip huma dawk li, per eżempju, jirrigwardaw l-organizzazzjoni tal-professjoni, *standards* professjonali, inklużi dawk dwar l-etika, u kontroll u responsabbiltà. Fl-aħħarnett, din id-Direttiva mhix maħsuba sabiex tinterferixxi ma' l-interess leġittimu ta' l-Istati Membri li jżommu liċ-ċittadini milli jevadu l-infurzar tal-liġi nazzjonali dwar il-professjonijiet.

(12) Din id-Direttiva tittratta r-rikonoxximent minn Stati Membri ta' kwalifiki professjonali miksuba fi Stati Membri oħra. Madankollu, ma tittrattax ir-rikonoxximent minn Stati Membri ta' deċiżjonijiet dwar rikonoxximent adottati minn Stati Membri oħra bi qbil ma' din id-Direttiva. B'konsegwenza ta' dan, individwi li għandhom kwalifiki professjonali li ġew rikonoxxuti bi qbil ma' din id-Direttiva ma jistgħux jużaw dan ir- rikonoxximent sabiex jiksbu fl-Istat Membru ta' oriġini tagħhom drittijiet differenti minn dawk mogħtija mill-kwalifika professjonali miksuba f'dak l-Istat Membru, sakemm ma jipprovdux evidenza li kisbu kwalifiki professjonali oħra fl-Istat Membru ospitanti.

(13) Sabiex jiġi definit il-mekkaniżmu ta' rikonoxximent taħt is-sistema ġenerali, hemm bżonn li l-iskemi nazzjonali varji għall-edukazzjoni u għat-taħriġ jinġabru flimkien f'livelli differenti. Dawn il-livelli, li l-uniku skop li għalih qed jiġu stabbiliti huwa għat-tħaddim tas-sistema ġenerali, m'għandhom effett la fuq l-istrutturi nazzjonali għall-edukazzjoni u għat-taħriġ u lanqas fuq il-kompetenza ta' l-Istati Membri f'dan il-qasam.

([1]) ĠU L 19, tal-24.1.1989, p. 16. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2001/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 206, tal-31.7.2001, p. 1).
([2]) ĠU L 209, tal-24.7.1992, p. 25. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/108/KE (ĠU L 32, tal-5.2.2004, p. 15).
([3]) ĠU L 201, tal-31.7.1999, p. 77.
([4]) ĠU L 176, tal-15.7.1977, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni 2003.
([5]) ĠU L 176, tal-15.7.1977, p. 8. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2001/19/KE.
([6]) ĠU L 233, tal-24.8.1978, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni 2003.
([7]) ĠU L 233, tal-24.8.1978, p. 10. Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni 2003.
([8]) ĠU L 362, tat-23.12.1978, p. 1. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2001/19/KE.
([9]) ĠU L 362, tat-23.12.1978, p. 7. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2001/19/KE.
([10]) ĠU L 33, tal-11.2.1980, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni 2003.
([11]) ĠU L 33, tal-11.2.1980, p. 8. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2001/19/KE.
([12]) ĠU L 223, tal-21.8.1985, p. 15. Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni 2003.
([13]) ĠU L 253, tal-24.9.1985, p. 34. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2001/19/KE.
([14]) ĠU L 253, tal-24.9.1985, p. 37. Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni 2003.
([15]) ĠU L 165, tas-7.7.1993, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru.1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

(14) Il-mekkaniżmu għar-rikonoxximent stabbilit mid-Direttivi 89/48/KEE u 92/51/KEE ma jinbidilx. B'konsegwenza ta' dan, min għandu diploma li tiċċertifika li dan temm b'suċċess taħriġ f'livell postsekondarju ta' mill-inqas sena għandu jitħalla jidħol fi professjoni rregolata fi Stat Membru fejn l-aċċess jiddependi fuq il-pussess ta' diploma li tiċċertifika li tkun tlestiet b'suċċess edukazzjoni ogħla jew universitarja ta' erba' snin, mingħajr ma jingħata kas tal-livell li fih taqa' d-diploma meħtieġa fl-Istat Membru ospitanti. Mill-banda l-oħra, fejn l-aċċess għal professjoni regolata jiddependi fuq il-fatt li wieħed ikun lesta b'suċċess edukazzjoni ogħla jew universitarja ta' iktar minn erba' snin, dan it-tip ta' aċċess għandu jingħata biss lil dawk li jkollhom diploma li tiċċertifika li dawn temmew b'suċċess edukazzjoni ogħla jew universitarja ta' mill-inqas tliet snin.

(15) Fl-assenza ta' armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet minimi ta' taħriġ għall-aċċess għall-professjonijiet li jaqgħu taħt is-sistema ġenerali, għandu jkun possibbli għall-Istat Membru ospitanti li jimponi miżura kompensatorja. Din il-miżura għandha tkun proporzjonata u, b'mod partikolari, tieħu kont ta' l-esperjenza professjonali ta' l-applikant. L-esperjenza turi li l-kondizzjoni li l-migrant jagħżel bejn test ta' kapaċità u perijodu ta' adattament toffri salvagwardji adegwati rigward il-livell ta' kwalifiki ta' dan ta' l-aħħar, u għalhekk kwalunkwe deroga minn dik l-għażla għandha f'kull każ tkun ġustifikata permezz ta' rekwiżit imperattiv fl-interess ġenerali.

(16) Sabiex tiġi promossa l-libertà tal-moviment ta' professjonisti, filwaqt li jkun assigurat livell adegwat ta' kwalifika, assoċjazzjonijiet professjonali u organizzazzjonijiet varji jew Stati Membri għandhom ikunu jistgħu jipproponu pjattaformi komuni f'livell Ewropew. Id-Direttiva għandha tieħu kont, taħt ċerti kondizzjonijiet, skond il-kompetenza ta' l-Istati Membri li jiddeċiedu dwar il-kwalifiki meħtieġa għall-eżerċizzju ta' professjonijiet fit-territorju tagħhom kif ukoll il-kontenut u organizzazzjoni tas-sistemi ta' edukazzjoni tagħhom u t-taħriġ professjonali u b'konformità mad-dritt Komunitarju, u b'mod partikolari id-dritt Komunitarju dwar il-kompetizzjoni, ta' dawk l-inizjattivi, filwaqt li tippromwovi, f'dan il-kuntest, natura aktar awtentika ta' rikonoxximent taħt is-sistema ġenerali. Assoċjazzjonijiet professjonali li jistgħu jissottomettu pjattaformi komuni għandhom ikunu rappreżentattivi f'livell nazzjonali u Ewropew. Pjattaforma komuni hija ġabra ta' kriterji li jagħmluha possibbli li tpatti għall-iktar firxa wiesgħa tad-differenzi sostanzjali li ġew identifikati bejn ir-rekwiżiti tat-taħriġ ta' mhux inqas minn żewġ terzi ta' l-Istati Membri, inklużi l-Istati Membri kollha li jirregolaw dik il-professjoni. Il-kriterji jistgħu, per eżempju, jinkludu rekwiżiti bħalma huwa taħriġ addizzjonali, perijodu ta' adattament taħt prattika sorveljata, test ta' kapaċità, jew livell minimu preskritt ta' prattika professjonali, jew taħlita ta' dawn.

(17) Sabiex jittieħed kont tas-sitwazzjonijiet kollha li għalihom ma hemmx regoli rigward ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, is-sistema ġenerali għandha tkun estiża għal dawk il-każijiet li mhumiex koperti minn sistema speċifika, kemm fejn il-professjoni mhijiex koperta minn waħda minn dawk is-sistemi jew fejn, għalkemm il-professjoni hija koperta minn tali sistema speċifika, l-applikant ma jissodisfax il-kondizzjonijiet sabiex jibbenefika minnha għal xi raġuni partikolari u eċċezzjonali.

(18) Hemm il-ħtieġa li r-regoli li jagħtu aċċess għal numru ta' attivitajiet industrijali, kummerċjali u artiġjanali jiġu simplifikati, fi Stati Membri fejn dawk il-professjonijiet huma regolati, safejn dawk l-attivitajiet ġew eżerċitati għal perijodu li huwa raġonevolment u suffiċjentement reċenti fi Stat Membru ieħor, filwaqt li għal dawk l-attivitajiet tinżamm sistema ta' rikonoxximent awtomatika bbażata fuq l-esperjenza professjonali.

(19) Il-libertà tal-moviment u r-rikonoxximent reċiproku tal-provi ta' kwalifiki formali ta' tobba, infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, tobba dentisti, kirurgi veterinarji, qwiebel, spiżjara u periti għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju fundamentali tar-rikonoxximent awtomatiku tal-provi ta' kwalifiki formali abbażi ta' kondizzjonijiet minimi kordinati għat-taħriġ. Barra minn dan, aċċess fl-Istati Membri għall-professjonijiet ta' tobba, infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, tobba dentisti, kirurgi veterinarji, qwiebel u spiżjara għandhom ikunu ikkondizzjonati fuq il-pussess ta' kwalifika speċifika li tassigura li l-persuna konċernata tkun għamlet taħriġ li jissodisfa r-rekwiżiti minimi stabbiliti. Din is-sistema għandha tkun supplimentata b'numru ta' drittijiet miksuba li minnhom jibbenefikaw professjonisti kwalifikati taħt ċerta kondizzjonijiet.

(20) Il-prinċipju tar-rikonoxximent awtomatiku ta' speċjalizzazzjonijiet fil-mediċina u d-dentistrija komuni f'ta' l-inqas żewġ Stati Membri għandu jibqa' japplika għall-ispeċjalizzazzjonijiet kollha rikonoxxuti fid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva, dan sabiex ikunu permessi l-karatteristiċi tas-sistema ta' kwalifika għat-tobba u d-dentisti u l-*acquis communautaire* relatat fil-qasam tar-rikonoxximent reċiproku. Sabiex is-sistema tiġi faċilitata, madankollu, jeħtieġ li rikonoxximent awtomatiku japplika wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva biss għal dawk l-ispeċjalizzazzjonijiet mediċi ġodda komuni f'ta l-inqas tnejn minn ħamsa mill-Istati Membri. Barra minn dan, din id-Direttiva ma twaqqafx l-Istati Membri milli jiftiehmu bejniethom dwar rikonoxximent awtomatiku ta' ċerti speċjalizzazzjonijiet mediċi u dentali li huma komuni għalihom imma li mhumiex rikonoxxuti awtomatikament fit-tifsira ta' din id-Direttiva skond ir-regoli tagħhom.

(21) Ir-rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifiki formali ta' tabib b'taħriġ bażiku għandu jkun bla preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri li jiddeċiedu jew le li jassoċjaw din il-kwalifika ma' attivitajiet professjonali jew le.

(22) L-Istati Membri kollha għandhom jirrikonoxxu l-professjoni ta' tabib dentist bħala professjoni speċifika distinta minn dik ta' tabib ġenerali, kemm jekk l-eżerċitant ikun speċjalizzat fl-odontostomatoloġija u wkoll jekk le. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-taħriġ mogħti lil tobba dentisti jagħtihom il-ħiliet meħtieġa għall-prevenzjoni, id-djanjosi u t-trattament ta' l-anomaliji u l-mard tas-snien, il-ħalq, ix-xedaq u t-tessuti assoċjati. L-attività professjonali ta' tabib dentist għandha tiġi eżerċitata minn persuni li għandhom kwalifika bħala tabib dentist kif stabbilit f'din id-Direttiva.

(23) Ma deherx li huwa mixtieq li jiġi stabbilit taħriġ standardizzat għal qwiebel għall-Istati Membri kollha. Pjuttost, dawn għandu jkollhom l-akbar libertà possibbli sabiex jorganizzaw it-taħriġ tagħhom.

(24) Sabiex tiġi simplifikata din id-Direttiva, għandha ssir referenza għall-kunċett ta' "spiżjar" sabiex il-firxa tad-dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki tiġi ristretta, bla preġudizzju għall-karatteristiċi speċjali tal-liġijiet nazzjonali li jirregolaw dawk l-attivitajiet.

(25) It-titolari ta' kwalifiki ta' spiżjar huma speċjalisti fil-qasam tal-mediċini u, fil-prinċipju, għandu jkollhom aċċess fl-Istati Membri kollha għal firxa minima ta' attivitajiet f'dan il-qasam. Fid-definizzjoni ta' dik il-firxa minima, din id-Direttiva la ma għandha l-effett li tillimita l-attivitajiet aċċessibli għall-ispiżjara fl-Istati Membri - b'mod partikolari fir-rigward ta' analiżi tal-bijoloġija medika - u lanqas li toħloq monopolju għal dawk il-professjonisti, minħabba li tibqa' kwistjoni f'idejn l-Istati Membri individwali. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma bla ħsara għall-possibiltà ta' Stati Membri li jimponu kondizzjonijiet addizzjonali għal taħriġ għall-aċċess għal attivitajiet li mhumiex inklużi fil-firxa minima koordinata ta' attivitajiet. Dan ifisser li l-Istat Membru ospitanti għandu jkun jista' jimponi dawn il-kondizzjonijiet fuq ċittadini li huma titolari ta' dawn il-kwalifiki li huma koperti minn rikonoxximent awtomatiku fis-sens ta' din id-Direttiva.

(26) Din id-Direttiva ma tikkordinax il-kondizzjonijiet kollha għall-aċċess għal attivitajiet fil-qasam tal-farmaċija u l-eżerċizzju ta' dawn l-attivitajiet. B'mod partikolari, id-distribuzzjoni ġeografika ta' l-ispiżjeriji u l-monopolju fl-għotja ta' mediċini jibqgħu kwistjonijiet f'idejn l-Istati Membri. Din id-Direttiva ma tibdilx id-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji u amministrattivi ta' l-Istati Membri li jżommu kumpanniji milli jeżerċitaw ċerti attivitajiet ta' spiżjara jew li jissoġġettaw l-eżerċizzju ta' dawn l-attivitajiet għal ċerti kondizzjonijiet.

(27) Id-diżinn arkitettoniku, il-kwalità tal-bini, l-inkorporazzjoni armonjuża tagħhom fl-inħawi tagħhom, ir-rispett għall-pajsaġġi naturali u urbani u għall-patrimonju pubbliku u privat huma materji ta' interess pubbliku. Għalhekk ir-rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki għandu jkun ibbażat fuq kriterji kwalitattivi u kwantitattivi li jassiguraw li t-titolari ta' kwalifiki rikonoxxuti jkunu f'pożizzjoni li jifhmu u jissodisfaw il-bżonnijiet ta' individwi, gruppi soċjali u awtoritajiet rigward ippjanar ta' postijiet, id-disinn, l-organizzazzjoni u r-realizzazzjoni ta' l-istrutturi, il-konservazzjoni u l-esplojtazzjoni tal-wirt arkitettoniku, u l-protezzjoni tal-bilanċi naturali.

(28) Ir-regoli nazzjonali fil-qasam ta' l-arkitettura u dwar l-aċċess u l-eżerċizzju ta' l-attivitajiet professjonali bħala perit ivarjaw ħafna fil-firxa tagħhom. Fil-maġġoranza ta' l-Istati Membri, attivitajiet fil-qasam ta' l-arkitettura huma eżerċitati, de jure, jew de facto, minn persuni li jġibu t-titolu ta' perit biss jew flimkien ma' titolu ieħor, mingħajr ma dawk il-persuni jkollhom monopolju fuq l-eżerċizzju ta' dawn l-attivitajiet, sakemm ma jkunx hemm dispożizzjonijiet leġislattivi kontra dan. Dawn l-attivitajiet, jew xi wħud minnhom, jistgħu jiġu eżerċitati wkoll minn professjonisti oħra, b'mod partikolari minn inġiniera li segwew taħriġ speċjali fil-qasam tal-kostruzzjoni jew fl-arti tal-bini. Sabiex tiġi simplifikata din id-Direttiva, għandha ssir referenza għall-kunċett ta' "perit" sabiex il-firxa tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw ir-rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifiki fil-qasam ta' l-arkitettura tiġi ristretta, bla preġudizzju għall-karatteristiċi speċjali tar-regolamenti nazzjonali li jirregolaw dawk l-attivitajiet.

(29) Fil-każ li organizzazzjoni professjonali jew assoċjazzjoni għal professjoni rregolata fuq livell nazzjonali jew Ewropew, tagħmel talba rraġunata għal dispożizzjonijiet speċifiċi għar-rikonoxximent ta' kwalifiki fuq il-bażi ta' kordinazzjoni tal-kondizzjonijiet minimi għat-taħriġ, il-Kummissjoni għandha tqis kemm ikun xieraq li tiġi adottata proposta biex tiġi emendata din id-Direttiva.

(30) Sabiex tiġi assigurata l-effettività tas-sistema għar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, formalitajiet uniformi u regoli ta' proċedura għandhom ikunu stabbiliti għall-implimentazzjoni tagħha, kif ukoll ċertu dettalji ta' l-eżerċizzju tal-professjoni.

(31) Billi l-kollaborazzjoni fost l-Istati Membri u bejniethom u l-Kummissjoni x'aktarx tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u l-konformità ma' l-obbligi li joħorġu minnha, il-mezzi tal-kollaborazzjoni għandhom jiġu organizzati.

(32) L-introduzzjoni, fuq livell Ewropew, ta' tesseri professjonali minn assoċjazzjonijiet jew organizzazzjonijiet professjonali tista' tiffaċilita l-mobilità ta' professjonisti, b'mod partikulari billi tħaffef l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istat Membru ospitanti u l-Istat Membru ta' oriġini. Din it-tessera professjonali għandha tirrendi possibbli l-monitoraġġ tal-karriera ta' professjonisti li jistabbilixxu ruħhom fi Stati Membri differenti. Dawn it-tesseri jista' jkun fihom informazzjoni, bir-rispett sħiħ tad-dispożizzjonijiet għal ħarsien tad-"data", dwar il-kwalifiki professjonali tal-professjonista (università jew istituzzjoni frekwentata, kwalifiki miksuba, esperjenza professjonali), dwar l-istabbiliment legali tiegħu, dwar penali marbuta mal-professjoni tiegħu li jkun irċieva u dwar id-dettalji ta' l-awtorità kompetenti relevanti.

(33) L-istabbiliment tar-rettikolat ta' punti ta' kuntatt li jkollu l-kompitu li jipprovdi liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri b'informazzjoni u għajnuna, tagħmilha possibbli li jkun assigurat li s-sistema ta' rikonoxximent tkun trasparenti. Dawn il-punti ta' kuntatt għandhom jipprovdu lil kull ċittadin li jitlob dan u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni u l-indirizzi relevanti għall-proċedura ta' rikonoxximent. L-għażla ta' punt ta' kuntatt wieħed fi Stat Membru f'dan ir-rettikolat ma toloqtx l-organizzazzjoni tal-kompetenzi fil-livell nazzjonali. B'mod partikolari, ma żżommx l-għażla ta' diversi uffiċji fuq il-livell nazzjonali, filwaqt li l-punt ta' kuntatt magħżul fir-rettikolat imsemmija hawn qabel ikun responsabbli mill-kordinazzjoni ma' l-uffiċji l-oħra u jinforma liċ-ċittadini, fejn meħtieġ, bid-dettalji ta' l-uffiċju kompetenti in kwistjoni.

(34) L-amministrazzjoni tas-sistemi varji ta' rikonoxximent stabbiliti mid-direttivi settorjali u s-sistema ġenerali irriżultat bħala waħda diffiċli u kumplessa. Hemm għalhekk il-ħtieġa li tiġi simplifikata l-amministrazzjoni u li din id-Direttiva tiġi aġġornata sabiex tieħu in kunsiderazzjoni l-progress xjentifiku u tekniku, b'mod partikolari fejn ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ huma kordinati in vista tar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki. Għandu jiġi stabbilit Kumitat wieħed għar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali għal dan il-għan, u għandu jkun aċċertat, anke fil-livell Ewropew, l-involviment xieraq ta' rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet professjonali.

(35) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([1]).

(36) Il-preparazzjoni mill-Istati Membri ta' rapport perijodiku dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, li jkun fih data dwar statistika, jwassal għal possibiltà li jiġi determinat l-impatt tas-sistema fuq ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali.

(37) Għandu jkun hemm proċedura xierqa sabiex jiġu adottati miżuri temporanji jekk l-applikazzjoni ta' xi dispożizzjoni ta' din id-Direttiva tiffaċċja diffikultajiet kbar f'xi Stat Membru.

(38) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ma jolqtux is-setgħat ta' l-Istati Membri rigward l-organizzazzjoni tas-sistema tagħhom ta' sigurtà soċjali nazzjonali u d-deċiżjoni dwar liema attivitajiet għandhom jiġu eżerċitati taħt dik is-sistema.

(39) Minħabba l-veloċità tal-bidla fit-teknoloġija u l-progress xjentifiku, it-tagħlim tul il-ħajja huwa ta' importanza partikolari għal numru kbir ta' professjonijiet. F'dan il-kuntest, huwa l-kompitu ta' l-Istati Membri li jadottaw l-arranġamenti dettaljati li taħthom professjonisti jibqgħu aġġornati mal-progress tekniku u xjentifiku, permezz ta' taħriġ xieraq u kontinwu.

(40) Billi l-għanijiet ta' din id-Direttiva, li huma r-razzjonalizzazzjoni, is-simplifikazzjoni u t-titjib tar-regoli għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk jinkisbu b'mod aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dawn l-għanijiet jinkisbu.

Fil-każ ta' ċittadini ta' Stati Membri li l-provi ta' kwalifiki formali tagħhom bħala qabla kienet mogħtija mill-Polonja qabel l-1 ta' Mejju 2004, jew li t-taħriġ tagħhom beda fil-Polonja qabel l-1 ta' Mejju 2004, u li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ stabbiliti fl-Artikolu 40, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-provi ta' kwalifiki formali li ġejjin bħala qabla jekk ikunu akkumpanjati minn ċertifikat li jiddikjara li l-persuni konċernati eżerċitaw l-attivitajiet in kwistjoni effettivament u legalment għal perijodu speċifikat hawn taħt:

(a) provi ta' kwalifiki formali bħala qabla f'livell ta' lawrja (dyplom licencjata położnictwa): mhux inqas minn tlett snin konsekuttivi matul il-ħames snin ta' qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat,

(b) provi ta' kwalifiki formali bħala qabla li jiċċertifikaw it-tmiem ta' edukazzjoni post-sekondarja miksuba minn skola medika vokazzjonali (dyplom położnej): mhux inqas minn ħames snin konsekuttivi matul is-seba' snin ta' qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

4. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-provi ta' kwalifiki formali bħala qabla mogħtija fil-Polonja, lil infermiera li temmew it-taħriġ tagħhom qabel l-1 ta' Mejju 2004, imma ma jikkonformawx mar-rekwiżiti minimi tat-taħriġ stabbiliti fl-Artikolu 40, attestati b'diploma *bachelor* miksuba abbażi ta' programm ta' aġġornament speċjali li jinsab fl-Artikolu 11 ta' l-Att ta' l-20 ta' April 2004 dwar l-emendi għall-Att dwar il-professjonijiet ta' infermiera u qwiebel u dwar xi atti legali oħra (Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Pollakka tat-30 ta' April 2004 Nru. 92, pos. 885), u r-Regolament tal-Ministru tas-Saħħa tal-11 ta' Mejju 2004 dwar il-kondizzjonijiet dettaljati għall-taħriġ lil infermiera u qwiebel, li għandhom ċertifikat ta' skola sekondarja (eżami finali — *matura*) u huma gradwati minn liċeo mediku u skejjel mediċi vokazzjonali li jipprovdu tagħlim fil-professjoni ta' infermiera u qabla (Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Pollakka tat-13 ta' Mejju 2004 Nru. 110, pos. 1170), bl-għan li jkun verifikat li l-persuna konċernata għandha livell ta' għarfien u kompetenza komparabbli ma' dik tal-qwiebel li għandhom il-kwalifiki li, fil-każ tal-Polonja, huma stabbiliti fl-Anness V, punt 5.5.2.

Sezzjoni 7

**Spiżjar**

*Artikolu 44*

**Taħriġ bħala spiżjar**

1. L-ammissjoni għal kors ta' taħriġ bħala spiżjar għandu jkun jiddependi mill-pussess ta' diploma jew ċertifikat li jagħti aċċess, fi Stat Membru, għall-istudji in kwistjoni, għal universitajiet jew istituti superjuri ta' livell rikonoxxut bħala ekwivalenti.

2. Provi ta' kwalifiki formali bħala spiżjar għandhom jagħtu prova ta' taħriġ li jkopri perijodu ta' mhux inqas minn ħames snin u li jkun jinkludi mhux inqas minn:

(a) erba' snin ta' taħriġ teoretiku u prattiku *full-time* f'università jew f'istituzzjoni ta' edukazzjoni superjuri ta' livell li huwa rikonoxxut bħala ekwivalenti, jew taħt is-sorveljanza ta' università;

(b) apprendistat ta' sitt xhur fi spiżerija miftuħa għall-pubbliku jew fi sptar taħt is-sorveljanza tad-dipartiment farmaċewtiku ta' dak l-isptar.

Dak iċ-ċiklu ta' taħriġ għandu jinkludi mill-inqas il-programm deskritt fl-Anness V, punt 5.6.1. Il-kontenut elenkat fl-Anness V, punt 5.6.1 jista' jiġi emendat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2) bil-ħsieb li jiġi adattat għall-progress xjentifiku u tekniku.

Dawn l-aġġornamenti m'għandhomx jinvolvu, għal xi Stat Membru, emendi tal-prinċipji leġislattivi eżistenti tiegħu rigward l-istruttura ta' professjonijiet fir-rigward tat-taħriġ u l-kondizzjonijiet għal aċċess minn persuni naturali.

3. It-taħriġ għall-ispiżjara għandu jipprovdi assigurazzjoni li l-persuna konċernata kisbet l-għarfien u l-ħiliet li ġejjin:

(a) għarfien adegwat tal-mediċini u s-sustanzi użati fil-fabbrikazzjoni tal-mediċini;

(b) għarfien adegwat tat-teknoloġija farmaċewtika u l-ittestjar fiżiku, kimiku, bijoloġiku u mikrobijoloġiku ta' prodotti mediċinali;

(ċ) għarfien adegwat tal-metaboliżmu u l-effetti ta' prodotti mediċinali u ta' l-azzjoni ta' sustanzi tossiċi, u ta' l-użu ta' prodotti mediċinali;

(d) għarfien adegwat għall-istima ta' *data* xjentifika li tikkonċerna mediċini sabiex tkun tista' tiġi fornuta informazzjoni kif imiss fuq il-bażi ta' dan l-għarfien;

(e) għarfien adegwat tar-rekwiżiti legali u oħrajn assoċjati mal-prattika tal-farmaċija.

*Artikolu 45*

**L-eżerċizzju ta' l-attivitajiet professjonali ta' spiżjar**

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-attivitajiet ta' spiżjar huma dawk, li l-aċċess għalihom u l-eżerċizzju tagħhom jiddependi, f'wieħed mill-Istati Membri jew aktar, mill-kwalifiki professjonali u li huma miftuħa għat-titolari ta' provi ta' kwalifiki formali tat-tipi elenkati fl-Anness V, punt 5.6.2.

2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-titolari ta' provi ta' kwalifiki formali fil-farmaċija f'livell universitarju jew f'livell ikkunsidrat bħala ekwivalenti, li jissodisfaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 44, jistgħu jgawdu aċċess għal u jwettqu mhux inqas minn l-attivitajiet li ġejjin, soġġett għar-rekwiżit, fejn xieraq, ta' esperjenza professjonali supplimentari:

(a) il-preparazzjoni tal-forma farmaċewtika ta' prodotti mediċinali;

(b) il-fabbrikazzjoni u l-ittestjar ta' prodotti mediċinali;

(ċ) l-ittestjar ta' prodotti mediċinali f'laboratorju għall-kontroll tal-prodotti mediċinali;

(d) il-ħażna, il-preservazzjoni u d-distribuzzjoni ta' prodotti mediċinali fl-istadju tal-bejgħ bl-ingrossa;

(e) il-preparazzjoni, l-ittestjar, il-ħażna u l-provvista ta' prodotti mediċinali fl-ispiżjeriji miftuħa għall-pubbliku;

(f) il-preparazzjoni, l-ittestjar, il-ħażna u t-tqassim ta' prodotti mediċinali fl-isptarijiet;

(g) l-għoti ta' informazzjoni u pariri dwar prodotti mediċinali.

3. Jekk Stat Membru jagħmel l-aċċess għal u l-eżerċizzju ta' waħda mill-attivitajiet ta' farmaċista jiddependi mill-esperjenza professjonali supplimentari, flimkien mal-pussess ta' provi ta' kwalifiki formali msemmija fl-Anness V, punt 5.6.2, dak l-Istat Membru għandu jirrikonoxxi bħala prova suffiċjenti f'dan ir-rigward ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru ta' l-oriġini li jiddikjara li l-persuna konċernata eżerċitat dawk l-attivitajiet fl-Istat Membru ta' l-oriġini għal perijodu simili.

4. Ir-rikonoxximent imsemmi fil-paragrafu 3 m'għandux japplika fir-rigward tal-perijodu ta' sentejn ta' esperjenza professjonali rekwiżita fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu għall-għoti ta' konċessjoni għal farmaċija pubblika ta' l-Istat.

5. Jekk, fis-16 ta' Settembru 1985, Stat Membru kellu eżami kompetittiv intiż sabiex jintgħażlu minn fost it-titolari msemmija fil-paragrafu 2, dawk li għandhom ikunu awtorizzati li jsiru sidien ta' farmaċiji ġodda li l-kreazzjoni tagħhom kienet deċiża bħala parti minn sistema nazzjonali ta' diviżjoni ġeografika, dak l-Istat Membru jista', b'deroga mill-paragrafu 1, jipproċedi b'dak l-eżami u jirrikjedi ċittadini ta' Stati Membri li għandhom provi ta' kwalifiki formali msemmija fl-Anness V, punt 5.6.2 jew li jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 23, sabiex jipparteċipaw fih.

Sezzjoni 8

**Perit**

*Artikolu 46*

**Taħriġ ta' periti**

1. It-taħriġ bħala perit għandu jkopri total ta' mill-inqas erba' snin ta' studji full-time jew sitt snin ta' studju, li minnhom tliet snin ikunu fuq bażi full-time, f'università jew istituzzjoni edukattiva paragunabbli. It-taħriġ għandu jwassal għat-tmiem b'suċċess ta' eżami f'livell universitarju.

Dak it-taħriġ, li għandu jkun ta' livell universitarju, u li tiegħu l-arkitettura hija l-komponent prinċipali, għandu jżomm bilanċ bejn l-aspetti teoretiċi u prattiċi ta' taħriġ arkitetturali u jiggarantixxi il-kisba tal-għarfien u l-ħiliet li ġejjin:

(a) kapaċità għall-ħolqien ta' disinji arkitettoniċi li jissodisfaw ir-rekwiżiti kemm ta' l-estetika u kemm tat-teknika;

(b) għarfien adegwat ta' l-istorja u t-teoriji ta' l-arkitettura u l-arti konnessi magħhom, it-teknoloġiji u x-xjenzi umani;

(ċ) għarfien adegwat tal-belle arti bħala influwenza fuq il-kwalità tad-disinn arkitettoniku;

(d) għarfien adegwat dwar id-disinn urbanistiku, il-pjanifikazzjoni u l-ħiliet involuti fil-proċess ta' l-ippjanar;

(e) fehma tar-relazzjoni bejn in-nies u l-bini, u bejn il-bini u l-ambjent tiegħu, u tal-ħtieġa li jiġu relatati il-bini u l-ispazji ta' bejniethom mal-ħtiġijiet tal-bniedem u l-iskala;

(f) fehma tal-professjoni ta' l-arkitettura u r-rwol tal-perit fis-soċjetà, partikolarment fit-tħejjija ta' istruzzjonijiet li jqisu l-fatturi soċjali;

(g) fehma tal-metodi ta' investigazzjoni u ta' tħejjija ta' istruzzjoni għal proġett ta' disinn;

(h) fehma tad-disinn strutturali, il-problemi ta' kostruzzjoni u ta' inġinerija assoċjati mad-disinn tal-bini;

(i) għarfien adegwat tal-problemi fiżiċi u t-teknoloġiji u l-funzjoni tal-bini biex jipprovduhom bil-kondizzjonijiet interni komdi u ta' protezzjoni kontra l-klima;

(j) il-ħiliet meħtieġa fid-disinn biex jintlaħqu r-rekwiżiti ta' l-utenti tal-bini fi ħdan ir-restrizzjonijiet imposti mill-fatturi ta' l-ispiża u mir-regolamenti tal-bini;

(k) għarfien adegwat ta' l-industriji, l-organizzazzjonijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri involuti fit-trasformazzjoni ta' kunċetti tad-disinn f'bini u fl-integrazzjoni tal-pjanti fl-ippjanar ġenerali.

2. L-għarfien u l-ħiliet elenkati fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu emendati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2) bil-ħsieb li jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku.

Dawn l-aġġornamenti m'għandhomx jinvolvu, għal kwalunkwe Stat Membru, emendi tal-prinċipji leġislattivi eżistenti tiegħu rigward l-istruttura ta' professjonijiet fir-rigward tat-taħriġ u l-kondizzjonijiet għal aċċess minn persuni naturali.

*Artikolu 47*

**Derogi mill-kondizzjonijiet għat-taħriġ tal-periti**

1. B'deroga mill-Artikolu 46, dan li ġej għandu wkoll ikun rikonoxxut bħala li jissodisfa l-Artikolu 21: taħriġ li jeżisti mill-5 ta' Awissu 1985, mogħti mill- "Fachhochschulen" mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fuq perijodu ta' tliet snin, li tissodisfa r-rekwiżiti imsemmija fl-Artikolu 46 u li jagħti aċċess għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 48 f'dak l-Istat Membru taħt it-titolu professjonali ta' "perit", safejn it-taħriġ kien segwit minn perijodu ta' erba' snin ta' esperjenza professjonali fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, kif attestat permezz ta' ċertifikat maħruġ mill-assoċjazzjoni professjonali li fir-reġistru tagħha jidher isem il-perit li jixtieq jibbenefika mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

L-assoċjazzjoni professjonali għandha tassigura li x-xogħol imwettaq mill-perit konċernat fil-qasam ta' l-arkitettura jirrappreżenta applikazzjoni konvinċenti tal-firxa wiesa' ta' għarfien u ħiliet elenkati fl-Artikolu 46(1). Dak iċ-ċertifikat għandu jingħata skond l-istess proċedura li tapplika għar-reġistrazzjoni fir-reġistru ta' l-assoċjazzjoni professjonali.

2. B'deroga mill-Artikolu 46, dan li ġej għandu wkoll ikun rikonoxxut bħala li jissodisfa l-Artikolu 21: taħriġ bħala parti minn skemi ta' titjib soċjali jew korsijiet *part-time* f'università, li jissodisfa r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 46, kif attestat minn eżami fl-arkitettura magħmul b'suċċess minn persuna li tkun ilha impjegata fil-qasam ta' l-arkitettura għal seba' snin jew iktar taħt is-sorveljanza ta' perit jew ta' uffiċċju ta' periti. Dan l-eżami għandu jkun tal-livell universitarju u għandu jkun ekwivalenti għall-eżami finali msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 46(1).

*Artikolu 48*

**L-eżerċizzju ta' l-attivitajiet professjonali ta' periti**

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-attivitajiet professjonali ta' perit huma l-attivitajiet li huma eżerċitati b'mod regolari taħt it-titolu professjonali ta' "perit".

2. Ċittadini ta' Stat Membru li huma awtorizzati li jużaw dak it-titolu skond il-liġi li tagħti lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru l-possibbiltà li tikkonferixxi dak it-titolu fuq ċittadini ta' l-Istati Membri li jkunu iddistingwew ruħhom partikolarment bil-kwalità ta' xogħolhom fil-qasam ta' l-arkitettura għandhom jiġu kkunsidrati bħala li jkunu laħqu r-rekwiżiti preskritti għall-eżerċizzju ta' l-attivitajiet ta' perit, bit-titolu professjonali ta' "perit". In-natura arkitettonika ta' l-attivitajiet tal-persuni konċernati għandha tkun attestata minn ċertifikat mogħti mill-Istat Membru ta' l-oriġini.

*Artikolu 49*

**Drittijiet miksuba li huma speċifiċi għall-periti**

1. Kull Stat Membru għandu jaċċetta provi ta' kwalifiki formali bħala perit elenkati fl-Anness VI, punt 6, mogħtija mill-Istati Membri l-oħra, u li jagħtu prova ta' għal kors ta' taħriġ li beda mhux aktar tard mis-sena akkademika ta' referenza msemmija f' dak l-Anness, anke jekk dawn ma jissodisfawx ir-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Artikolu 46, u għandhom, għall-finijiet ta' l-aċċess għal u l-eżerċizzju ta' l-attivitajiet professjonali ta' perit, jagħtu l-istess effett lil tali provi fit-territorju tiegħu bħal provi ta' kwalifiki formali ta' perit li huwa stess joħroġ.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja li juruli provi ta' kwalifiki formali maħruġa fit-8 ta' Mejju 1945 jew wara mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Demokratika Ġermaniża huma ekwivalenti għal provi bħal dawk elenkati f'dak l-Anness, għandhom ikunu rikonoxxuti.

2. Bla preġudizzju għall-paragrafu 1, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi il-provi ta' kwalifiki formali li ġejjin u għandu, għall-finijiet ta' l-aċċess għal u l-eżerċizzju ta' l-attivitajiet professjonali ta' perit eżerċitati, jagħtihom l-istess effett fuq it-territorju tiegħu bħal provi ta' kwalifiki formali li huwa stess joħroġ: ċertifikati maħruġa lil ċittadini ta' Stati Membri mill-Istati Membri li ippromulgaw regoli li jirregolaw l-aċċess għal u l-eżerċizzju ta' l-attivitajiet ta' perit mid-dati li ġejjin:

(a) l-1 ta' Jannar 1995 għall-Awstrija, Finlandja u Svezja,

(b) l-1 ta' Mejju 2004 għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, l-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja,

(ċ) il-5 ta' Awissu 1987 għall-Istati Membri l-oħra.

Iċ-certifikati msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiċċertifikaw li t-titolari kien awtorizzat, mhux aktar tard mid-data rispettiva, li juża t-titolu professjonali ta' perit, u li effettivament eżerċita l-attivitajiet in kwistjoni, fil-kuntest ta' dawk ir-regoli, għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin li jippreċedu l-għoti taċ-ċertifikat.

*KAPITOLU IV*

***Dispożizzjonijiet komuni dwar id-dritt ta' stabbiliment***

*Artikolu 50*

**Dokumentazzjoni u formalitajiet**

1. Fejn l-awtoritajiet ta' l-Istat Membru ospitanti jiddeċiedu dwar applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' eżerċizzju tal-professjoni regolata in kwistjoni bis-saħħa ta' dan it-Titolu, dawk l-awtoritajiet jistgħu jitolbu d-dokumenti u ċ-ċertifikati elenkati fl-Anness VII.

Id-dokumenti msemmija fl-Anness VII, punt 1 (d), e) u (f), m'għandhomx ikunu ta' aktar minn tliet xhur sad-data li fiha jiġu ppreżentati.

L-Istati Membri, korpi u persuni legali oħra għandhom jiggarantixxu l-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni li jirċievu.

2. Fil-każ ta' dubji ġustifikati, l-Istat Membru ospitanti jista' jirrikjedi konferma mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ta' l-awtentiċità ta' l-attestazzjoni u tal-provi ta' kwalifiki formali mogħtija f'dak l-Istat Membru l-ieħor, kif ukoll, fejn japplika, konferma tal-fatt li l-benefiċjarju jissodisfa, għall-professjonijiet li jirreferi għalihom il-Kapitolu III ta' dan it-Titolu, r-rekwiżiti minimi ta' taħriġ stabbiliti rispettivament fl-Artikoli 24, 25, 28, 31, 34, 35, 38, 40, 44 u 46.

3. F'każijiet ta' dubju ġustifikat, fejn il-provi ta' kwalifiki formali, kif definiti fl-Artikolu 3(1)(ċ), inħarġu minn awtorità kompetenti fi Stat Membru u jinkludu t-taħriġ irċevut kompletament jew parzjalment fi stabbiliment li huwa legalment stabbilit fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, l-Istat Membru ospitanti għandu d-dritt li jivverifika mal-korp kompetenti fl-Istat Membru ta' l-oriġini tal-ħruġ:

(a) jekk il-kors ta' taħriġ fl-istabbiliment li eżegwixxa t-taħriġ kienx ċertifikat formalment mill-istabbiliment tat-tagħlim ibbażat fl-Istat Membru ta' l-oriġini tal-ħruġ;

(b) jekk il-provi ta' kwalifiki formali maħruġa humiex l-istess bħal dawk li kienu jingħataw kieku l-kors kien segwit kollu fl-Istat Membru ta' l-oriġini tal-ħruġ; u

(ċ) jekk il-provi ta' kwalifiki formali jagħtux l-istess drittijiet professjonali fit-territorju ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini tal-ħruġ.

4. Fejn Stat Membru ospitanti jirrikjedi ċ-ċittadini tiegħu li jieħdu ġurament jew li jagħmlu dikjarazzjoni b'ġurament sabiex igawdu minn aċċess għal professjoni regolata, u fejn il-forma ta' dan il-ġurament jew din id-dikjarazzjoni ma tistax tintuża minn ċittadini ta' Stati Membri, l-Istat Membru ospitanti għandu jassigura li l-persuni konċernati jistgħu jużaw forma ta' kliem ekwivalenti u xierqa.

*Artikolu 51*

**Proċedura għar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali**

1. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ospitanti għandha tgħarraf lill-applikant li tkun irċeviet l-applikazzjoni fi żmien xahar mir-riċevuta u għandha tinforma lill-applikant b'xi dokument li jista' jkun nieqes.

2. Il-proċedura sabiex tiġi eżaminata applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' eżerċizzju ta' professjoni regolata għandha tiġi kompletata mill-aktar fis possibbli u twassal għal deċiżjoni sostanzjata kif dovuta mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti f'kull każ fi żmien tliet xhur wara d-data li fiha d-dossier sħiħ ta' l-applikant kien ippreżentat. Madanakollu, dan it-terminu jista' jiġi estiż b'xahar f'każijiet li jaqgħu taħt il-Kapitoli I u II ta' dan it-Titolu.

3. Id-deċiżjoni, jew in-nuqqas li tittieħed deċiżjoni fit-terminu, għandha tkun soġġetta għal appell taħt id-dritt nazzjonali.

*Artikolu 52*

**L-użu ta' titoli professjonali**

1. Jekk, fi Stat Membru ospitanti, l-użu ta' titolu professjonali rigward waħda mill-attivitajiet tal-professjoni in kwistjoni hija regolata, ċittadini ta' l-Istati Membri l-oħra li huma awtorizzati li jipprattikaw professjoni regolata abbażi tat-Titolu III għandhom jużaw it-titolu professjonali ta' l-Istat Membru ospitanti, li jikkorrispondi għal dik il-professjoni f'dak l-Istat Membru, u għandhom jagħmlu użu mill-inizjali relatati.

2. Fejn il-professjoni hija regolata mill-Istat Membru ospitanti minn assoċjazzjoni jew organizzazzjoni fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(2), ċittadini ta' Stati Membri m'għandhomx ikunu awtorizzati li jużaw it-titolu professjonali maħruġ minn dik l-organizzazzjoni jew l-assoċjazzjoni, jew il-forma mqassra tiegħu, sakemm ma jfornux prova li huma membri ta' dik l-assoċjazzjoni jew l-organizzazzjoni.

Jekk l-assoċjazzjoni jew l-organizzazzjoni tagħmel is-sħubija tiddependi minn ċerti kwalifiki, tista' tagħmel dan, biss taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra li għandhom kwalifiki professjonali.

TITOLU IV

**REGOLI DETTALJATI GĦALL-EŻERĊIZZJU TAL-PROFESSJONI**

*Artikolu 53*

**Għarfien tal-lingwi**

Persuni li jibbenefikaw mir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali għandu jkollhom għarfien tal-lingwi meħtieġa għall-prattika tal-professjoni fl-Istat Membru ospitanti.

*Artikolu 54*

**L-użu ta' titoli akkademiċi**

Bla preġudizzju għall-Artikoli 7 u 52, l-Istat Membru ospitanti għandu jassigura li l-persuni konċernati jingħataw id-dritt sabiex jużaw titoli akkademiċi mogħtija lilhom fl-Istat Membru ta' l-oriġini, u possibilment il-forma mqassra tagħhom, fil-lingwa ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini. L-Istat Membru ospitanti jista' jeħtieġ li t-titolu ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini jkun segwit mill-isem u l-indirizz ta' l-istabbiliment jew tal-bord ta' l-eżami li jkun tah. Fejn titolu akkademiku ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini x'aktarx jiġi konfuż fl-Istat Membru ospitanti ma' titolu li, fl-Istat Membru ta' l-aħħar, jirrikjedi taħriġ supplimentari mhux miksub mill-benefiċjarju, l-Istat Membru ospitanti jista' jeħtieġ li l-benefiċjarju juża t-titolu akkademiku ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini f'forma xierqa, li għandha tkun stabbilita mill-Istat Membru ospitanti.

*Artikolu 55*

**Approvazzjoni ta' fondi ta' l-assigurazzjoni tas-saħħa**

Bla preġudizzju għall-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, punt b), Stati Membri li jirrikjedu li persuni li kisbu kwalifiki professjonali fit-territorju tagħhom jikkompletaw perijodu preparatorju ta' taħriġ *in-service* u/jew perijodu ta' esperjenza professjonali sabiex ikunu approvati minn fond ta' l-assigurazzjoni tas-saħħa, għandhom jirrinunzjaw għal dan l-obbligu għat-titolari ta' provi ta' kwalifiki professjonali ta' tabib ġenerali jew tabib dentist miksuba fi Stati Membri oħra.

TITOLU V

**KOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA U RESPONSABBILTÀ GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI**

*Artikolu 56*

**Awtoritajiet kompetenti**

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ospitanti u l-Istat Membru ta' l-oriġini għandhom jaħdmu f'kollaborazzjoni stretta u għandhom jipprovdu għajnuna reċiproka sabiex tiġi faċilitata l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Huma għandhom jassiguraw il-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni li jiskambjaw.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri ta' l-oriġini u ospitanti għandhom jiskambjaw informazzjoni rigward azzjoni dixxiplinarja jew sanzjonijiet kriminali meħuda jew kull ċirkostanza speċifika serja oħra li jista' jkollhom konsegwenzi għall-eżerċizzju ta' attivitajiet taħt din id-Direttiva, filwaqt li tkun rispettata l-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni ta' *data* personali provduta fid-Direttivi 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali u l-moviment liberu ta' tali *data* (1) u Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (2):

(1) ĠU L 281, tat-23.11.1995, p. 31. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.
(2) ĠU L 201, tal-31.7.2002, p. 37.

L-Istat Membru ta' l-oriġini għandu jeżamina l-veraċità taċ-ċirkostanzi u l-awtoritajiet tiegħu għandhom jiddeċiedu dwar innatura u l-firxa ta' l-investigazzjonijiet li għandhom isiru u għandu jinforma lill-Istat Membru ospitanti bil-konklużjonijiet li jasal għalihom mill-informazzjoni disponibbli lilu.

3. Kull Stat Membru għandu, mhux aktar tard minn 20 ta' Ottubru 2007, jagħżel l-awtoritajiet u l-korpi kompetenti li jagħtu jew jirċievu provi ta' kwalifiki formali u dokumenti jew informazzjoni oħra, u dawk li huma kompetenti li jirċievu applikazzjonijiet u jieħdu d-deċiżjonijiet imsemmija f'din id-Direttiva, u għandu jinfurma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dan immedjatament.

4. Kull Stat Membru għandu jagħżel kordinatur għall-attivitajiet ta' l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 u għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dan.

Il-kompiti tal-kordinaturi għandhom ikunu:

(a) li jippromwovu l-applikazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva;

(b) li jiġbru l-informazzjoni kollha li hija relevanti għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, per eżempju l-kondizzjonijiet għal aċċess għal professjonijiet regolati fl-Istati Membri.

Għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti deskritti fil-punt (b), il-kordinaturi jistgħu jitolbu l-għajnuna tal-punti ta' kuntatt imsemmija fl-Artikolu 57.

*Artikolu 57*

**Punti ta' kuntatt**

Kull Stat Membru għandu jagħżel, mhux aktar tard minn 20 ta' Ottubru 2007, punt ta' kuntatt li l-kompitu tiegħu jkun:

(a) li jipprovdi liċ-ċittadini u lill-punti ta' kuntatt ta' l-Istati Membri l-oħra b'informazzjoni li hija meħtieġa li tikkonċerna r-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali li tipprovdi għalihom din id-Direttiva, per eżempju informazzjoni dwar il-leġislazzjoni nazzjonali li tirregola l-professjonijiet u l-eżerċizzju ta' dawk il-professjonijiet, inkluża l-leġislazzjoni soċjali, u, fejn huwa xieraq, ir-regoli ta' l-etika;

(b) li jgħin liċ-ċittadini fl-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija lilhom minn din id-Direttiva, in koperazzjoni, fejn jixraq, mal-punti l-oħra ta' kuntatt u l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru ospitanti.

Fuq talba tal-Kummissjoni, il-punti ta' kuntatt għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ir-riżultat ta' mistoqsijiet li huma jkunu qed jaħdmu fuqhom skond id-dispożizzjonijiet tal-punt ((b) fi żmien xahrejn minn meta jirċievu dawk il-mistoqsijiet.

*Artikolu 58*

**Kumitat għar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat għar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, minn hawn il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat", li jikkonsisti f'rappreżentanti ta' l-Istati Membri u ppresjedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, kont debitament tenut tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 ta' dik id-Deċiżjoni.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal xahrejn.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

*Artikolu 59*

**Konsultazzjoni**

Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-konsultazzjoni ta' esperti mill-gruppi professjonali kkonċernati, b'mod adattat, b'mod partikulari fil-kuntest tax-xogħol tal-kumitat imsemmi fl-Artikolu 58 u għandha tipprovdi rapport bir-raġuni dwar dawn il-konsultazzjonijiet lil dan il-kumitat.

TITOLU VI

**DISPOŻIZZJONIJIET OĦRA**

*Artikolu 60*

**Rapporti**

1. Minn 20 ta' Ottubru 2007, kull sentejn l-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tas-sistema. Barra mill-osservazzjonijiet ġenerali, ir-rapport għandu jkun fih sommarju statistiku ta' deċiżjonijiet meħuda u deskrizzjoni tal-problemi prinċipali li joħorġu mill-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Minn 20 ta' Ottubru 2007, kull ħames snin il-Kummissjoni għanda tħejji rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 61*

**Klawsola ta' deroga**

Jekk, fl-applikazzjoni ta' waħda mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, l-Istat Membru jiltaqa ma' diffikultajiet kbar f'qasam partikolari, il-Kummissjoni għandha teżamina dawk id-diffikultajiet in kollaborazzjoni ma' l-Istat Membru konċernat.

Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 58(2), li tippermetti lill-Istat Membri in kwistjoni li jidderoga mid-dispożizzjoni in kwistjoni għal perijodu limitat.

*Artikolu 62*

**Revoka**

Id-Direttivi 77/452/KEE, 77/453/KEE, 78/686/KEE, 78/687/KEE, 78/1026/KEE, 78/1027/KEE, 80/154/KEE, 80/155/KEE, 85/384/KEE, 85/432/KEE, 85/433/KEE, 89/48/KEE, 92/51/KEE, 93/16/KEE u 1999/42/KE huma revokati b’effett minn 20 ta’ Ottubru 2007. Referenzi għad-Direttivi revokati għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u l-atti adottati abbażi ta’ dawk id-Direttivi m’għandhomx jintlaqtu mir-revoka.

*Artikolu 63*

**Traspożizzjoni**

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari u amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma’ din id-Direttiva sa 20 ta’ Ottubru 2007 l-aktar tard. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b’dan b’mod immedjat.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

*Artikolu 64*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 65*

**Indirizzi**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu,

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BORRELL FONTELLES | C. CLARKE |

*ANNESS I*

**Lista ta' assoċjazzjonijiet jew organizzazzjonijiet professjonali li jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 3(2)**

IRLANDA ([1])

1. Institute of Chartered Accountants in Ireland ([2])
2. Institute of Certified Public Accountants in Ireland ([2])
3. Association of Certified Accountants ([2])
4. Institution of Engineers of Ireland
5. Irish Planning Institute

RENJU UNIT

1. Institute of Chartered Accountants in England and Wales
2. Institute of Chartered Accountants of Scotland
3. Institute of Chartered Accountants in Ireland
4. Chartered Association of Certified Accountants
5. Chartered Institute of Loss Adjusters
6. Chartered Institute of Management Accountants
7. Institute of Chartered Secretaries and Administrators
8. Chartered Insurance Institute
9. Institute of Actuaries
10. Faculty of Actuaries
11. Chartered Institute of Bankers
12. Institute of Bankers in Scotland
13. Royal Institution of Chartered Surveyors
14. Royal Town Planning Institute
15. Chartered Society of Physiotherapy
16. Royal Society of Chemistry
17. British Psychological Society
18. Library Association
19. Institute of Chartered Foresters
20. Chartered Institute of Building
21. Engineering Council
22. Institute of Energy
23. Institution of Structural Engineers
24. Institution of Civil Engineers
25. Institution of Mining Engineers

([1]) Ċittadini Irlandiżi huma membri wkoll ta' l-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet li ġejjin fir-Renju Unit:
Institute of Chartered Accountants in England and Wales
Institute of Chartered Accountants of Scotland
Institute of Actuaries
Faculty of Actuaries
The Chartered Institute of Management Accountants
Institute of Chartered Secretaries and Administrators
Royal Town Planning Institute
Royal Institution of Chartered Surveyors
Chartered Institute of Building.

([2]) Għall-attivita ta' verifika ta' kontijiet biss.

26. Institution of Mining and Metallurgy
27. Institution of Electrical Engineers
28. Institution of Gas Engineers
29. Institution of Mechanical Engineers
30. Institution of Chemical Engineers
31. Institution of Production Engineers
32. Institution of Marine Engineers
33. Royal Institution of Naval Architects
34. Royal Aeronautical Society
35. Institute of Metals
36. Chartered Institution of Building Services Engineers
37. Institute of Measurement and Control
38. British Computer Society

*ANNESS II*

**Lista ta' korsijiet li għandhom struttura speċjali msemmijin fis-subparagrafu (ii) tal-punt (ċ) ta' l-Artikolu 11**

1. *Korsijiet ta' taħriġ paramediku u dwar il-kura tat-tfal*

Taħriġ għal dawn li ġejjin:

fil-Ġermanja:

— infermier fil-pedjatrija (Kinderkrankenschwester/Kinderkrankenpfleger),

— fiżjoterapista (Krankengymnast(in)/Physiotherapeut(in)) ([1]),

— terapija okkupazzjonali/ergoterapista (Beschäftigungs- und Arbeitstherapeut/Ergotherapeut),

— terapista tat-taħdit (Logopäde/Logopädin),

— ortoptista (Orthoptist(in)),

— ħaddiem fil-kura tat-tfal rikonoxxut mill-Istat (Staatlich anerkannte(r) Erzieher(in)),

— għalliem għal min baqa' lura rikonoxxut mill-Istat (Staatlich anerkannte(r) Heilpädagoge(-in)),

— tekniku ta' laboratorju mediku (medizinisch-technische(r) Laboratoriums- Assistent(in)),

— tekniku mediku tar-raġġi X (medizinisch-technische(r) Radiologie-Assistent(in)),

— tekniku mediku fil-funzjoni dijanjostika (medizinisch-technische(r) Assistent(in) für Funktionsdiagnostik),

— tekniku kirurgu veterinarju (veterinärmedizinisch-technische(r) Assistent(in)),

— espert tan-nutrizzjoni (Diätassistent(in)),

— tekniku farmaċewtiku (Pharmazieingenieur), taħriġ irċevut qabel il-31 ta' Marzu 1994 f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Demokratika tal-Ġermanja jew fit-territorju tal- Länder il-ġdid,

— infermier psikjatriku (Psychiatrische(r) Krankenschwester/Krankenpfleger),

— terapista tat-taħdit (Sprachtherapeut(in)).

fir-Republika Ċeka:

— assistent għall-kura tas-saħħa (zdravotnický asistent),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn 13-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn 8 snin ta' edukazzjoni elementari u 4 snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali fi skola medika sekondarja, imtemma bl-eżami maturitní zkouška.

— assistent fin-nutrizzjoni (nutriční asistent),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn 13 il-sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn 8 snin ta' edukazzjoni elementari u 4 snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali fi skola medika sekondarja, imtemma bl-eżami maturitní zkouška.

fl-Italja:

— tekniku tas-snien (odontotecnico),

— tabib ta' l-għajnejn (ottico).

([1]) Mill-1 ta' Ġunju 1994, it-titolu professjonali *Krankengymnast(in)* kien mibdul b'dak ta' *Physiotherapeut(in)*. Madanakollu, membri tal-professjoni li kisbu d-diplomi tagħhom qabel dik id-data jistgħu, jekk iridu, jkomplu jużaw it-titolu ta' qabel ta' *Krankengymnast(in)*.

f'Ċipru:

— tekniku tas-snien (οδοντοτεχνίτης),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn 14-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn 6 snin ta' edukazzjoni elementari, 6 snin ta' edukazzjoni sekondarja u sentejn ta' edukazzjoni post-sekondarja vokazzjonali, segwita minn sena ta' esperjenza professjonali.

— tabib ta' l-għajnejn (τεχνικός οπτικός),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn 14-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn 6 snin ta' edukazzjoni elementari, 6 snin ta' edukazzjoni sekondarja u sentejn ta' edukazzjoni post-sekondarja, segwita minn sena ta' esperjenza professjonali.

fil-Latvja:

— infermier għall-kura dentali (zobārstniecības māsa),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn 13-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn 10 snin ta' edukazzjoni skolastika ġenerali, sentejn ta' edukazzjoni professjonali fi skola medika, segwita minn 3 snin ta' esperjenza professjonali li fit-tmiem tagħha l-persuna għandha tgħaddi minn eżami ta' ċertifikazzjoni sabiex tingħata ċertifikat fl-ispeċjalizzazzjoni.

— assistent tal-laboratorju bijomediku (biomedicīnas laborants),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' 12-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn 10 snin ta' edukazzjoni skolastika ġenerali, sentejn ta' edukazzjoni professjonali fi skola medika, segwita minn sentejn ta' esperjenza professjonali li fit-tmiem tagħha l-persuna għandha tgħaddi minn eżami ta' ċertifikazzjoni sabiex tingħata ċertifikat fl-ispeċjalizzazzjoni.

— tekniku tas-snien (zobu tehniķis),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn 12-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn 10 snin ta' edukazzjoni ġenerali fi skola u sentejn ta' edukazzjoni professjonali fi skola medika, segwita minn sentejn ta' esperjenza professjonali li fit-tmiem tagħha l-persuna għandha tgħaddi eżami ta' ċertifikazzjoni sabiex tingħata ċertifikat fl-ispeċjalizzazzjoni.

— assistent fiżjoterapista (fizioterapeita asistents),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn 13-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn 10 snin ta' edukazzjoni skolastika ġenerali u 3 snin ta' edukazzjoni professjonali fi skola medika, segwita minn sentejn ta' esperjenza professjonali li fit-tmiem tagħha l-persuna għandha tgħaddi minn eżami ta' ċertifikazzjoni sabiex tingħata ċertifikat fl-ispeċjalizzazzjoni.

fil-Lussemburgu:

— tekniku mediku tar-raġġi X (assistant(e) technique médical(e) en radiologie),

— tekniku tal-laboratorju mediku (assistant(e) technique médical(e) de laboratoire),

— infermier psikjatriku (infirmier/ière psychiatrique),

— tekniku mediku — kirurġija (assistant(e) technique médical(e) en chirurgie),

— infermier pedjatriku (infirmier/ière puériculteur/trice),

— infermier — anestesista (infirmier/ière anesthésiste),

— massaġġatur/massaġġatriċi kwalifikat/a (masseur/euse diplômé(e)),

— edukatur fil-kura tat-tfal (éducateur/trice).

fl-Olanda:

— assistent veterinarju (dierenartassistent),

li jirrappreżenta edukazzjoni u korsijiet ta' taħriġ ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn tlettax-il sena, li jkun magħmul minn:

(i) mhux inqas minn tliet snin ta' taħriġ professjonali fi skola speċjalizzata li jispiċċaw b'eżami, f'xi kazijiet issupplimentat b'kors ta'speċjalizzazzjoni ta' sena jew sentejn li jispiċċa b'eżami, jew

(ii) mhux inqas minn sentejn u nofs ta' taħriġ vokazzjonali fi skola speċjalizzata li jispiċċaw b'eżami, issupplimentat b'esperjenza ta' xogħol ta' mhux inqas minn sitt xhur jew b'taħriġ ta' mhux inqas minn sitt xhur fi stabbiliment approvat, jew

(iii) mhux inqas minn sentejn ta' taħriġ vokazzjonali fi skola speċjalizzata li jispiċċaw b'eżami, issupplimentat b'esperjenza ta' xogħol ta' mhux inqas minn sena jew b'taħriġ ta' mhux inqas minn sena fi stabbiliment approvat, jew

(iv) fil-każ ta' assistent veterinarju (dierenartassisten) tliet snin ta' taħriġ vokazzjonali fi skola speċjalizzata (skema MBO) jew inkella tliet snin ta' taħriġ vokazzjonali fis-sistema ta' apprendistat doppju (LLW), li t-tnejn li huma jispiċċaw b'eżami.

fl-Awstrija:

— taħriġ bażiku speċjali għall-infermiera li jispeċjalizzaw fil-kura tat-tfal u taż-żgħażagħ (spezielle Grundausbildung in der Kinder- und Jugendlichenpflege),

— taħriġ bażiku speċjali għall-infermiera psikjatriċi (spezielle Grundausbildung in der psychiatrischen Gesundheits- und Krankenpflege),

— speċjalista ta' l-għajnejn għall-lentijiet tal-kuntatt (Kontaktlinsenoptiker),

— pedikurist (Fußpfleger),

— tekniku ta' tagħmir ta' assistenza għas-smigħ (Hörgeräteakustiker),

— spiżjar (Drogist),

li jirrappreżenta edukazzjoni u korsijiet ta' taħriġ ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn erbatax-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn ħames snin ta' taħriġ f'qafas ta' taħriġ strutturat, diviż f'apprendistat ta' perjodu ta' mhux inqas minn tliet snin, li jkun magħmul minn taħriġ irċevut parzjalment fuq il-post tax-xogħol u parzjalment mogħti minn stabbiliment ta' taħriġ vokazzjonali, u perjodu ta' prattika u taħriġ professjonali, li jispiċċa b'eżami professjonali li jagħti d-dritt li wieħed jeżerċita l-professjoni u li jħarreġ apprentisti.

— massaġġatur (Masseur),

li jirrappreżenta edukazzjoni u korsijiet ta' taħriġ ta' perjodu totali ta' erbatax-il sena, li jkun magħmul minn ħames snin ta' taħriġ f'qafas ta' taħriġ strutturat, li jkun magħmul minn apprendistat ta' sentejn, perjodu ta' prattika u taħriġ professjonali ta' sentejn u kors ta' taħriġ ta' sena li jispiċċa b'eżami professjonali li jagħti d-dritt li wieħed jeżerċita l-professjoni u li jħarreġ apprentisti.

— ħaddiem tal-kindergarten (Kindergärtner/in),

— ħaddiem fil-kura tat-tfal (Erzieher),

li jirrappreżenta edukazzjoni u korsijiet ta' taħriġ ta' perjodu totali ta' tlettax-il sena, li jkun magħmul minn ħames snin ta' taħriġ professonali fi skola speċjalizzata, li jispiċċa b'eżami.

fis-Slovakkja:

— għalliem fil-qasam taż-żfin fi skejjel bażici ta' l-arti (učiteľ v tanečnom odbore na základných umeleckých školách),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn erbatax-il sena u nofs, li jkun magħmul minn tmien snin ta' edukazzjoni bażika, erba' snin ta' edukazzjoni fi skola sekondarja speċjalizzata u kors ta' ħames semestri fil-pedagoġija taż-zfin.

— għalliem f'faċilitajiet edukattivi speċjali u f'faċilitajiet ta' servizzi soċjali (vychovávateľ v špeciálnych výchovných zariadeniach a v zariadeniach sociálnych služieb),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn erbatax-il sena, li jkun magħmul minn tmien/disa' snin ta' edukazzjoni bażika, erba' snin ta' studju fi skola pedagoġika sekondarja jew fi skola sekondarja oħra u sentejn ta' studju pedagoġiku supplimentari *part-time* .

2. *Settur ta' mgħallem fis-snajja (Mester/Meister/Maître), li jirrappreżenta edukazzjoni u korsijiet ta' taħriġ li jikkonċernaw ħiliet li mhumiex koperti mit-Titolu III, il-Kapitolu II, ta' din id-Direttiva*

Taħriġ għal dawn li ġejjin:

fid-Danimarka:

— tabib ta' l-għajnejn (optometrist),

Dan il-kors huwa ta' perjodu totali ta' erbatax-il sena, li jinludi ħames snin ta' taħriġ vokazzjonali diviżi f'sentejn u nofs ta' taħriġ teoretiku mogħti minn stabbiliment ta' taħriġ vokazzjonali u sentejn u nofs ta' taħriġ prattiku irċevut fuq il-post tax-xogħol, u li jispiċċa b'eżami rikonoxxut dwar is-sengħa u li jagħti d-dritt li wieħed juża t-titolu Mester.

— tekniku ortopediku (ortopæaedimekaniker),

Dan il-kors huwa ta' perjodu totali ta' tnax-il sena u nofs, li jkun magħmul minn tliet snin u nofs ta' taħriġ vokazzjonali diviżi f'sitt xhur ta' taħriġ teoretiku mogħti minn stabbiliment ta' taħriġ vokazzjonjali u tliet snin ta' taħriġ prattiku irċevut fuq il-post tax-xogħol, u li jispiċċa b'eżami rikonoxxut dwar is-sengħa u li jagħti d-dritt li wieħed juża t-titolu Mester.

— produttur ta' żraben u bwiez ortopediċi (orthopæaediskomager),

Dan il-kors huwa ta' perjodu totali ta' tlettax-il sena u nofs, li jkun magħmul minn erba' snin u nofs ta' taħriġ vokazzjonali diviżi f'sentejn ta' taħriġ teoretiku mogħti minn stabbiliment ta' taħriġ vokazzjonjali u sentejn u nofs ta' taħriġ prattiku irċevut fuq il-post tax-xogħol, u li jispiċċa b'eżami rikonoxxut dwar is-sengħa u li jagħti d-dritt li wieħed juża t-titolu Mester.

fil-Ġermanja:

— tabib ta' l-għajnejn (Augenoptiker),

— tekiku tas-snien (Zahntechniker),

— produttur ta' ċintorini kirurġiċi (Bandagist),

— produttur ta' tagħmir għall-assistenza għas-smigħ (Hörgeräte-Akustiker),

— tekniku ortopediku (Orthopädiemechaniker),

— prodottur ta' bwiez ortopedici (Orthopädieschuhmacher).

fil-Lussemburgu:

— tabib ta' l-għajnejn (opticien),

— tekniku tas-snien (mécanicien dentaire),

— produttur ta' tagħmir għall-assistenza tas-smigħ (audioprothésiste),

— tekniku ortopediku/produttur ta' ċintorini kirurġiċi (mécanicien orthopédiste/bandagiste),

— produttur ta' bwiez ortopediċi (orthopédiste-cordonnier),

Dawn il-korsijiet huma ta' perjodu totali ta' erbatax-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn ħames snin ta' taħriġ f'qafas ta' taħriġ strutturat, irċevut parzjalment fuq il-post tax-xogħol u parzjalment mogħti mill-istabbiliment ta' taħriġ vokazzjonali, u li jispiċċaw b'eżami li wieħed għandu jgħaddi minnu sabiex ikun jista' jipprattika attività li hija kkunsidrata bħala waħda li teħtieg is-sengħa, jew independentement jew bħala impjegat b'livell paragunabbli ta' responsabbiltà.

fl-Awstrija:

— produttur ta' ċintorini kirurġiċi (Bandagist),

— produttur ta' kurpetti (Miederwarenerzeuger),

— tabib ta' l-għajnejn (Optiker),

— produttur ta' żraben ortopedici (Orthopädieschuhmacher),

— tekniku ortopediku (Orthopädietechniker),

— tekniku tas-snien (Zahntechniker),

— ġardinar (Gärtner),

li jirrappreżenta edukazzjoni u taħriġ ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn erbatax-il sena, li jkun magħmul minn ħames snin ta' taħriġ f'qafas ta' taħriġ strutturat, diviż f'apprendistat ta' mhux inqas minn tliet snin, li jkun magħmul minn taħriġ irċevut parzjalment fuq il-post tax-xogħol u parzjalment mogħti minn stabbiliment ta' taħriġ vokazzjonali, u perjodu ta' prattika professjonali u taħriġ ta' mhux inqas minn sentejn li jispiċċa b'eżami ta' mgħallem tas-sengħa li jagħti id-dritt li wieħed jeżerċita l-professjoni, li jħarreġ apprentisti u li juża t-titolu Mester.

Taħriġ għall-imgħallmin tas-sengħa fil-qasam ta' l-agrikoltura u l-forestrija, jiġifieri:

— mgħallem fl-agrikoltura (Meister in der Landwirtschaft),

— mgħallem fl-ekonomiji tad-djar rurali (Meister in der ländlichen Hauswirtschaft),

— mgħallem fl-ortikoltura (Meister im Gartenbau),

— mgħallem fil-ġardinaġġ kummerċjali (Meister im Feldgemüsebau),

— mgħallem fil-pomoloġija u l-ipprocessar tal-frott (Meister im Obstbau und in der Obstverwertung),

— mgħallem fil-vinikultura u l-produzzjoni ta' l-inbid (Meister im Weinbau und in der Kellerwirtschaft),

— mgħallem fil-produzzjoni tal-prodotti tal-ħalib (Meister in der Molkerei- und Käsereiwirtschaft),

— mgħallem fit-trobbija taż-żwiemel (Meister in der Pferdewirtschaft),

— mgħallem fis-sajd (Meister in der Fischereiwirtschaft),

— mgħallem fit-trobbija tat-tjur (Meister in der Geflügelwirtschaft),

— mgħallem fl-apikultura (Meister in der Bienenwirtschaft),

— mgħallem fil-forestrija (Meister in der Forstwirtschaft),

— mgħallem fl-arborikultura tal-foresti u l-ġestjoni tal-foresti (Meister in der Forstgarten- und Forstpflegewirtschaft),

— mgħallem fil-ħażna ta' prodotti agrikoli (Meister in der landwirtschaftlichen Lagerhaltung),

li jirrappreżenta edukazzjoni u taħriġ ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn ħmistax-il sena, li jkun magħmul minn sitt snin ta' taħriġ f'qafas ta' taħriġ strutturat diviż f'apprendistat ta' mhux inqas minn tliet snin, li jkun magħmul minn taħriġ irċevut parzjalment fin-negozju u mogħti parzjalment minn stabbiliment ta' taħriġ professjonali, u perjodu ta' prattika professjonali ta' tliet snin li jispiċċa b'eżami ta' mgħallem tas-sengħa għal dik il-professjoni li jagħti d-drittijiet li wieħed iħarreġ l-apprentisti u juża t-titolu Meister.

fil-Polonja:

— għalliem fit-taħriġ vokazzjonali prattiku (Nauczyciel praktycznej nauki zawodu),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu ta' :

(i) tmien snin ta'edukazzjoni elementari u ħames snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali jew edukazzjoni sekondarja ekwivalenti f'qasam rilevanti segwit mill-kors fil-pedagoġija ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn 150 siegħa, il-kors dwar is-saħħa fuq il-post tax-xogħol u l-iġene fuq il-post tax-xogħol, u sentejn ta' esperjenza professjonali fil-professjoni li jkun ser jgħallem, jew

(ii) tmien snin ta'edukazzjoni elementari u ħames snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali u diploma ta' lawrja minn skola post-sekondarja teknika pedagoġika, jew

(iii) tmien snin ta'edukazzjoni elementari u ħames snin ta' edukazzjoni bażika sekondarja vokazzjonali u mhux inqas minn tliet snin ta' esperjenza professjonali ċertifikata b'lawrja ta' mgħallem fil-professjoni partikolari segwita minn kors fil-pedagoġija ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn 150 siegħa.

fis-Slovakkja:

— mgħallem fl-edukazzjoni professjonali (majster odbornej výchovy),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn tnax-il sena, li jkun magħmul minn tmien snin ta' edukazzjoni bażika, erba' snin ta' edukazzjoni vokazzjonali (edukazzjoni sekondarja vokazzjonali sħiħa u/jew apprendistat fit-taħriġ vokazzjonali jew fil-kors ta' apprendistat (simili) rilevanti), esperjenza professjonali ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn tliet snin fil-qasam ta' l-edukazzjoni jew apprendistat kompletata tal-persuna u studju pedagoġiku supplimentari fil-fakultà tal-pedagoġija jew fl-universitajiet tekniċi, jew edukazzjoni sekondarja sħiħa u apprendistat fit-taħriġ vokazzjonali) jew fil-kors ta' apprendistat (simili) rilevanti, esperjenza professjonali ta' perjodu totali ta' tliet snin fil-qasam ta' l-edukazzjoni jew l-apprendistat kompletati tal-persuna, u studju addizzjonali tal-pedagoġija fil-fakulta tal-pedagoġija, jew sa l-1 ta' Settembru 2005 edukazzjoni speċjalizzata fil-qasam tal-pedagoġija speċjali li jipprovdu għaliha ċ-ċentri tal-metodologija għal mgħallma fl-edukazzjoni vokazzjonali fl-iskejjel speċjali mingħar studju pedagoġiku supplimentari.

3. *Settur marittimu*

(a) Transport marittimu

Taħriġ għal dan li ġej:

fir-Repubblika Ċeka:

— uffiċjal tal-gverta (palubní asistent),

— uffiċjal responsabbli minn għassa navigazzjonali (námořní poručík),

— kumpann tas-suprastant (první palubní důstojník),

— kaptan (kapitán),

— assistent tal-makni (strojní asistent),

— uffiċjal responsabbli minn għassa inġinjeristika(strojní důstojník),

— uffiċjal sekondat inġinier (druhý strojní důstojník),

— uffiċjal suprastant għall-inġinerija (první strojní důstojník),

— eletriċista (elektrotechnik),

— uffiċjal responsabbli mill-elettriku (elektrodůstojník).

fid-Danimarka:

— kaptan ta' bastiment (skibsfører),

— uffiċjal ewlieni (overstyrmand),

— kassru, uffiċjal tal-gverta (enestyrmand, vagthavende styrmand),

— uffiċjal tal-gverta (vagthavende styrmand),

— inġinier (maskinchef),

— inġinier ewlieni (l. maskinmester),

— inġinier ewlieni/inġinier ħaddiem (l. maskinmester/vagthavende maskinmester).

fil-Ġermanja:

— kaptan, bastiment kbir tal-kosta (Kapitän AM),

— kaptan, bastiment tal-kosta (Kapitän AK),

— uffiċjal tal-gverta, bastiment kbir tal-kosta (Nautischer Schiffsoffizier AMW),

— uffiċjal tal-gverta, bastiment tal-kosta (Nautischer Schiffsoffizier AKW),

— inġinier ewlieni, grad Ċ (Schiffsbetriebstechniker CT - Leiter von Maschinenanlagen),

— mekkanik tal-bastiment, grad Ċ (Schiffsmaschinist CMa -Leiter von Maschinenanlagen),

— inġinier tal-bastiment, grad Ċ (Schiffsbetriebstechniker CTW),

— mekkanik tal-bastiment, grad Ċ — uffiċjal inġinier ewlieni (Schiffsmaschinist CMaW - Technischer Alleinoffizier).

fl-Italja:

— uffiċjal tal-gverta (ufficiale di coperta),

— uffiċjal inġinier (ufficiale di macchina).

fil-Latvja:

— uffiċjal responsabbli mill-elettriku fuq bastimenti (Kuģu elektromehāniķis),

— operatur ta' makkinarju ta' refriġerazzjoni (Kuģa saldēšanas iekārtu mašīnists).

fl-Olanda:

— kumpann ewlieni (bastiment tal-kosta) (b'taħriġ supplimentari) (stuurman kleine handelsvaart (met aanvulling)),

— inġinier tal-kosta (b'diploma) (diploma motordrijver),

— uffiċjal tal-VTS (VTS-functionaris),

li jirrappreżenta taħriġ

— fir-Repubblika Ċeka:

(i) għal assistent tal-gverta (palubní asistent),

1. Persuna ta' mhux anqas minn 20 sena.

2. (a) Akkademja marittima jew kulleġġ marittimu — id-dipartiment tan-navigazzjoni, fejn iż-zewg korsijiet għandhom jispiċċaw b'eżami maturitní zkouška, u servizz fuq il-baħar approvat ta' mhux anqas minn sitt xhur fuq bastimenti matul l-istudji, jew

(b) Servizz fuq il-baħar approvat ta' mhux anqas minn sentejn bħala rating li jifforma parti mill-għassa ta' matul it-traġitt fil-livell ta' sostenn fuq il-bastimenti, u t-tmiem ta' kors approvat li jissodisfa l-istandard ta' kompetenza speċifikat fis-sezzjoni A-II/1 tal-Kodiċi STCW (Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards fit-Taħriġ, iċ-Ċertifikazzjoni u l-Għassa għall-Baħħara) li jingħata minn akkademja marittima jew kulleġġ marittimu ta' Parti fil-Konvenzjoni STCW, u li jgħaddi l-eżami quddiem il-Bord ta' l-Eżamijiet rikonoxxut mill-MTC (Kumitat tat-Trasport Marittimu tar-Repubblika Ċeka).

(ii) għal uffiċjal responsabbli mill-għassa ta' matul it-traġitt (námořní poručík),

1. Servizz ta' tbaħħir approvat fil-kariga ta' assistent tal-gverta fuq bastimenti ta' 500 tunnellaġġ metriku gross jew aktar għal mhux anqas minn sitt xhur fil-każ ta' lawreat ta' kulleġġ marittimu jew akkademja marittima, jew sena fil-każ ta' lawreat ta' kors approvat, inkluż mhux anqas minn sitt xhur bħala marki li jifformaw parti mill-għassa ta' matul it-traġitt.

2. Ktieb tar-Reġistru tat-Taħriġ Abbord għal Kadetti tal-Gverta, mimli kif suppost u ffirmat.

(iii) għal uffiċjal ewlieni (první palubní důstojník),

Ċertifikat ta' kompetenza ta' uffiċjal responsabbli mill-għassa ta' matul it-traġitt fuq bastimenti ta' 500 tunnellaġġ metriku jew aktar u mhux anqas minn tnax-il xahar ta' servizz fuq il-baħar approvat f'dik il-kariga.

(iv) għal kaptan (kapitán),

= Ċertifikat ta' servizz bħala kaptan fuq bastimenti ta' bejn 500 u 3 000 tunnellata gross.

= Ċertifikat ta' kompetenza bħala chief mate fuq bastimenti ta' 3 000 tunnellaġġ metriku jew aktar u mhux anqas minn sitt xhur ta' servizz fuq il-baħar approvat fil-kwalità ta' uffiċjla ewlieni fuq bastimenti ta' 500 tunnellaġġ metriku jew aktar u mhux inqas minn sitt xhur ta' servizz fuq il-baħar approvat fil-kwalità ta' uffiċjal ewlieni fuq bastimenti ta' 3 000 tunnellaġġ metriku jew aktar.

(v) għal uffiċjal responsabbli mill-inġinerija (strojní asistent),

1. Persuna ta' iktar minn 20 sena.

2. Akkademja marittima jew kulleġġ marittimu — dipartiment ta' l-inġinerija marittima, u servizz fuq il-baħar approvat ta' mhux anqas minn 6 xhur fuq bastimenti matul l-istudji.

(vi) għal uffiċjal responsabbli mill-għassa inġinerjatrika (strojní důstojník),

Servizz fuq il-baħar approvat fil-kapaċità ta'assistent tal-magni ta' mhux anqas minn sitt xhur bħala lawreat minn akkademja marittima jew kulleġġ marittimu.

(vii) għal uffiċjal inġinier tas-sekonda (druhý strojní důstojník),

Servizz fuq il-baħar approvat ta' mhux anqas minn 12-il xahar fil-kapaċità ta' inġinier fuq bastimenti li jaħdmu permezz ta' makkinarju ta' propulsjoni principali ta' saħħa ta' propulsjoni ta' 750 kW u aktar.

(viii) għal uffiċjal inġinier responsabbli mit-tbaħħir (první strojní důstojník),

Ċertifikat meħtieg għas-servizz bħala inġinier tas-sekonda fuq bastimenti li jaħdmu b'makkinarju ta' propulsjoni principali ta' saħħa ta' propulsjoni ta' 3000 kW jew aktar u li għandu mhux inqas minn sitt xhur ta' servizz fuq il-baħar approvat f'dik il-kariga.

(ix) għal elettriċista (elektrotechnik),

1. Persuna ta' l-età ta' mhux anqas minn 18-il sena.

2. Akkademja marittima jew oħra, fakultà ta' l-inġinerija elettrika jew skola teknika jew kulleġġ ta' l-inġinerija elettroteknika, fejn il-korsijiet kollha għandhom jitlestew bl-eżami *maturitní zkouška*, u mhux anqas minn 12-il xahar ta' prattika approvata fil-qasam ta' l-inġinerija elettrika.

(x) għal chief electric officer (elektrodůstojník),

1. Akkademja marittima jew kulleġġ marittimu, fakultà ta' l-inġinerija elettrika marittima jew akkademja oħra jew skola sekondarja oħra fil-qasam ta' l-inġinerija elettrika, fejn il-korsijiet kollha għandhom jitlestew bl-eżami ta' l-Istat.

2. Servizz fuq il-baħar approvat fil-kariga ta' elettriċista għal perjodu ta' mhux anqas minn 12-il xahar fil-każ ta' lawreat ta' akkademja jew kulleġġ, jew 24 xahar fil-każ ta' lawreat ta' skola sekondarja.

— fid-Danimarka, disa' snin ta' edukazzjoni primarja segwita minn kors ta' taħriġ bażiku u/jew servizz fuq il-baħar ta' bejn 17 u 36 xahar, supplimentati minn:

(i) għall-uffiċjal tal-gverta, sena ta' taħriġ professjonali speċjalizzat,

(ii) għall-oħrajn, tliet snin ta' taħriġ professjonali speċjalizzat.

— Fil-Ġermanja, perjodu totali ta' bejn 14 u 18-il sena, li jkun magħmul minn kors ta' tliet snin ta' taħriġ professjonali bażiku u sena ta' servizz fuq il-baħar, segwit minn sena jew tnejn ta' taħriġ professjonali speċjalizzat, supplimentat, fejn jixraq, minn sentejn ta' esperjenza ta' xogħol fin-navigazzjoni.

— fil-Latvja:

(i) għal uffiċjal inġinier ta' l-elettriku fuq il-bastimenti (kuģu elektromehāniķis),

1. Persuna ta' mhux inqas minn 18-il sena.

2. Li tirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn tnax-il sena u sitt xhur, li jkun magħmul minn mhux inqas minn disa' snin ta' edukazzjoni primarja u mhux inqas minn tliet snin ta' edukazzjoni vokazzjonali. Barra minn hekk, is-servizz fuq il-baħar ta' mhux anqas minn sitt xhur bħala elettriċista ta' bastiment jew bħala assistent ta' l-inġinier elettriku fuq bastimenti li għandhom saħħa ta' ġeneratur ta' aktar minn 750 kW huwa meħtieġ. Taħriġ vokazzjonali huwa kompletat b'eżami speċjali mill-awtorità kompetenti skond il-programm ta' taħriġ kif approvat mill-Ministeru tat-Trasport

(ii) għal operaturi tal-makkinarju tar-refriġerazzjoni (kuģa saldēšanas iekārtu mašīnists),

1. Persuna ta' mhux anqas minn 18-il sena.

2. Li tirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn 13-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn 9 snin ta' edukazzjoni primarja u mhux inqas minn tliet snin ta' edukazzjoni vokazzjonali. Barra minn hekk, is-servizz fuq il-baħar ta' mhux anqas minn 12-il xahar bħala assistent ta' inġinier tar-refrigerazzjoni huwa meħtieġ. It-taħriġ vokazzjonali huwa kompletat b'eżami speċjali mill-awtorità kompetenti skond il-programm ta' taħriġ kif approvat mill-Ministeru tat-Trasport.

— Fl-Italja, perjodu totali ta' 13-il sena, li minnhom mhux inqas minn ħames snin jikkonsistu f'taħriġ professjonali li jispiċċa b'eżami u li huma supplimentati, fejn jixraq, bi taħriġ.

— fl-Olanda:

(i) għal baħħar ewlieni (bastiment tal-kost) (b'taħriġ supplimentari) (stuurman kleine handelsvaart (met aanvulling)), u inġinier tal-kosta (with diploma) (diploma motordrijver), jinvolvi kors ta' 14-il sena, li mhux inqas minn sentejn minnhom ikunu fi stabbiliment ta' taħriġ professjonali speċjalizzat, supplimentat minn taħriġ ta' 12-il xahar,

(ii) għal VTS-official (VTS-functionaris) perjodu totali ta' mhux inqas minn 15-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn tliet snin ta' Edukazzjoni Vokazzjonali Superjuri (HBO) jew Taħriġ Vokazzjonali Intermedjarju (MBO), li huma segwiti minn korsijiet ta' speċjalizzazzjoni nazzjonali u regjonali, li jkunu magħmula minn mhux inqas minn 12-il ġimgħa ta' taħriġ teoretiku u li kull wieħed jispiċċa b'eżami,

u li huma rikonoxxuti taħt il-Konvenzjoni Internazzjonali STCW (Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards fit-Taħriġ, iċ-Ċertifikazzjoni u l-Għassa għall-Baħħara, 1978).

(b) Sajd fil-baħar:

Taħriġ għal dan li ġej:

fil-Ġermanja:

— kaptan, sajd tal-qiegħ (Kapitän BG/Fischerei),

— kaptan, sajd mall-kosta (Kapitän BLK/Fischerei),

— uffiċjal tal-gverta, bastiment tal-baħar fond, (Nautischer Schiffsoffizier BGW/Fischerei),

— uffiċjal tal-gverta, bastiment tal-kosta (Nautischer Schiffsoffizier BK/Fischerei).

fl-Olanda:

— inġinier uffiċjal/inġinier V (stuurman werktuigkundige V),

— inġinier IV (bastiment tas-sajd) (werktuigkundige IV visvaart),

— baħħar ewlieni IV (bastiment tas-sajd) (stuurman IV visvaart),

— baħħar ewlieni/inġinier VI (stuurman werktuigkundige VI),

li jirrappreżenta taħriġ:

— fil-Ġermanja, ta' perjodu totali ta' bejn 14 u 18-il sena, li jkun magħmul minn kors ta' tliet snin ta' taħriġ professjonali bażiku u sena ta' servizz fuq il-baħar, segwit minn sena jew tnejn ta' taħriġ professjonali speċjalizzat supplimentat, fejn jixraq, b'sentejn ta' esperjenza ta' xogħol fin-navigazzjoni.

— fl-Olanda, jinvolvi kors li t-tul tiegħu huwa bejn 13 u 15-il sena, li mhux inqas minn sentejn minnhom huma mogħtija fi skola professjonali speċjalizzata, supplimentat bi 12-il xahar ta' esperjenza ta' xogħol,

u li huma rikonoxxuti taħt il-Konvenzjoni ta' Torremolinos (1977 Konvenzjoni Internazzjonali għas-Sigurtà ta' Bastimenti tas-Sajd).

4. *Settur tekniku*

Taħriġ għal dan li ġej:

fir-Repubblika Ċeka:

— tekniku awtorizzat, bennej awtorizzat (autorizovaný technik, autorizovaný stavitel),

li jirrappreżenta taħriġ professjonali ta' mhux inqas minn disa' snin, inkluż erba' snin ta' edukazzjoni teknika sekondarja, kompletata bl-eżami *maturitní zkouška* (skola teknika sekondarja) u ħames snin ta' esperjenza professjonali, konklużi b'test ta' kwalifika professjonali għall-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali magħżula fil-qasam tal-bini (skond l-Att Nru 50/1976 Sb. (l-Att dwar il-Bini) u Att Nru 360/1992 Sb.).

— sewwieq ta' vettura fuq it-trekk (fyzická osoba řídící drážní vozidlo),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn 12-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn tmien snin ta' edukazzjoni primarja u mhux inqas minn erba' snin ta' edukazzjoni sekondarja professjonali kompletati bl-eżami *maturitní zkouška* u konkluż b'eżami ta' l-Istat dwar il-potenza tal-mixi tal-vetturi.

— Tekniku għat-tiswija u l-manutenzjoni tat-trekk (drážní revizní technik),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn 12-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn tmien snin ta' edukazzjoni primarja u mhux inqas minn erba' snin ta' edukazzjoni sekondarja professjonali fi skola sekondarja tal-makkinarju jew ta' l-elettronika kompletati bl-eżami *maturitní zkouška*.

— għalliem tas-sewqan fit-triq (učitel autoškoly),

persuna ta' mhux anqas minn 24 sena; jirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn tnax-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn tmien snin ta' edukazzjoni primarja u mhux inqas minn erba' snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali iffokata fuq it-traffiku jew il-makkinarju kompletati bl-eżami *maturitní zkouška*.

— tekniku ta' l-Istat li jikkontrolla li vetturi bil-mutur huma tajbin għat-triq (kontrolní technik STK),

persuna għandha iżjed minn 21 sena; tirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn tnax-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn tmien snin ta' edukazzjoni primarja u mhux inqas minn erba' snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali imtemma bl-eżami *maturitní zkouška*, segwita b'mhux inqas minn sentejn ta' prattika teknika; il-persuna kkonċernata għandu jkollha liċenza tas-sewqan u kondotta kriminali nadifa u għandha tkun temmet it-taħriġ speċjali għat-tekniċi ta' l-Istat ta' żmien ta' mhux inqas minn 120 siegħa kif ukoll tkun għaddiet b'suċċess l-eżami.

— mekkanik għall-kontroll ta' emissjonijiet minn vetturi (mechanik měření emisí),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn tnax-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn tmien snin ta' edukazzjoni elementari u mhux inqas minn erba' snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali imtemma bl-eżami *maturitní zkouška*; barra minn dan l-applikant għandu jtemm mhux inqas minn tliet snin ta' xogħol u t-taħriġ speċjali ta' 8 sigħat għal mekkaniku tal-kontroll ta' l-emissjonijiet minn vetturi kif ukoll jgħaddi l-eżami b'suċċess.

— kaptan tad-dgħajjes ta' Klassi I (kapitán I. třídy),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn ħmistax-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn tmien snin ta' edukazzjoni elementari u 3 snin ta' edukazzjoni professjonali imtemma bl-eżami *maturitní zkouška* u jispiċċa b'eżami kkonfermat permezz ta' ċertifikat ta' kapaċità. Din l-edukazzjoni professjonali għandha tiġi segwita minn erba' snin ta' prattika professjonali kompletat b'eżami.

— restawratur ta' monumenti li huma xogħlijiet tas-snajja ta' l-arti (restaurátor památek, které jsou díly uměleckých řemesel),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' 12-il sena jekk tinvolvi edukazzjoni sekondarja teknika sħiħa fil-kors tar-restawr, jew minn għaxar snin sa tnax-il sena ta' studju f'kors rilevanti, flimkien ma' ħames snin ta' esperjenza professjonali fil-każ ta' edukazzjoni sekondarja teknika sħiħa kompletata bl-eżami *maturitní zkouška*, jew tmien snin ta' esperjenza professjonali fil-każ ta' edukazzjoni sekondarja teknika li tiġi kompletata bl-eżami finali ta' l-apprendistat.

— Restawratur ta' xogħlijiet ta' l-arti li mhumiex monumenti u li huma miżmuma fil-kollezzjonijiet ta' mużewijiet u galleriji, u ta' oġġetti oħra ta' valur kulturali (restaurátor děl výtvarných umění, která nejsou památkami a jsou uložena ve sbírkách muzeí a galerií, a ostatních předmětů kulturní hodnoty),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' 12-il sena flimkien ma' ħames snin ta' esperjenza professjonali fil-każ ta' edukazzjoni sekondarja teknika sħiħa fil-kors tar-restawr kompletata bl-eżami *maturitní zkouška*.

— maniġer ta' l-iskart (odpadový hospodář),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn 12-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn tmien snin ta' edukazzjoni primarja u mhux inqas minn erba' snin ta' edukazzjoni sekondarja vokazzjonali kompletata bl-eżami *maturitní zkouška* u minimu ta' ħames snin ta' esperjenza fis-settur ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart matul l-aħħar 10 snin.

— maniġer tekniku ta' l-ibblastjar (technický vedoucí odstřelů),

li jirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn tnax-il sena, li jkun magħmul minn tmien snin ta' edukazzjoni primarja u mhux inqas minn erba' snin ta' edukazzjoni sekondarja professjonali kompletata bl-eżami maturitní zkouška,

u segwita minn:

sentejn bħala operatur ta' l-isparar taħt l-art (għal xogħol taħt l-art) jew sena f'wiċċ l-art (għal xogħol fuq wiċċ l-art), inklużi sitt xhur bħala assistent operatur ta' l-isparar;

kors ta' taħriġ ta' 100 siegħa ta' taħriġ teoretiku u prattiku segwit b'eżami quddiem l-Awtorità Distrettwali tal-Minjieri;

esperjenza professjonali ta' sitt xhur jew aktar fl-ippjanar u l-esekuzzjoni ta' xogħol prinċipali fl-ibblastjar;

kors ta' taħriġ ta' 32 siegħa ta' taħriġ teoretiku u prattiku segwit b'eżami quddiem l- Awtorità Ċeka tal-Mini.

fl-Italja:

— ġeometra (geometra),

— perit agrarju (perito agrario),

li jirrappreżenta edukazzjoni sekondarja teknika ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn 13-il sena, li jkun magħmul minn 8 snin ta' skola obbligatorja segwita minn 5 snin ta' studju sekondarju, inklużi 3 snin ta' studju professjonali, li jispiċċaw b'eżami ta' lawrja teknika, u supplimentat:

(i) għall-ġeometri, b'taħriġ ta' mhux inqas minn sentejn f'uffiċju professjonali, jew ħames snin ta' esperjenza ta' xogħol;

(ii) għall-periti agrarji, bit-tkomplija ta' taħriġ prattiku ta' mhux inqas minn sentejn, segwiti mill-Eżami ta' l-Istat.

fil-Latvja:

— assistent tas-sewwieq tas-settur tal-ferrovija bil-magna (vilces līdzekļa vadītāja (mašīnista) palīgs),

persuna ta' mhux anqas minn 18-il sena; jirrappreżenta edukazzjoni ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn 12-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn tmien snin ta' edukazzjoni primarja u mhux inqas minn erba' snin ta' edukazzjoni professjonali; taħriġ professjonali kompletat b'eżami speċjali ta' min iħaddem; ċertifikat ta' kompetenza maħ−rug minn awtorità kompetenti għal ħames snin.

fl-Olanda:

— marixxall (gerechtsdeurwaarder),

— manifattur ta' proteżi dentali (tandprotheticus),

li jirrappreżenta kors ta' studju u taħriġ professjonali:

(i) fil-każ ta' marixxall (gerechtsdeurwaarder), total ta' 19-il sena, li jkunu magħmula minn 8 snin ta' skola obbligatorja segwiti minn 8 snin ta' edukazzjoni sekondarja inklużi 4 snin ta' edukazzjoni teknika li tispiċċa b'eżami ta' l-Istat u supplimentata bi 3 snin ta' taħriġ professjonali teoretiku u prattiku;

(ii) fil-każ ta' manifattur tal-proteżi dentali (tandprotheticus) total ta' mhux inqas minn 15-il sena ta' taħriġ *full-time* u tliet snin ta' taħriġ *part-time*, inklużi tmien snin ta' edukazzjoni primarja, erba' snin ta' edukazzjoni sekondarja ġenerali, l-ikkompletar ta' tliet snin ta' taħriġ vokazzjonali, li jinvolvi taħriġ teoretiku u prattiku bħala tekniku tas-snien, supplimentati bi tliet snin ta' taħriġ *part-time* bħala manifattur ta' proteżi dentali, li jispiċċa b'eżami.

fl-Awstrija:

— forestier (Förster),

— konsulent tekniku (Technisches Büro),

— intermedjarju għax-xogħol ad interim (Überlassung von Arbeitskräften -Arbeitsleihe),

— aġent ta' l-impieg (Arbeitsvermittlung),

— konsulent fl-investiment (Vermögensberater),

— investigatur privat (Berufsdetektiv),

— gwardjan tas-sigurtà (Bewachungsgewerbe),

— aġent immobiljari (Immobilienmakler),

— maniġer immobiljari (Immobilienverwalter),

— kuntrattur fi proġetti tal-kostruzzjoni (Bauträger, Bauorganisator, Baubetreuer),

— korp li jiġbor id-dejn (Inkassobüro/Inkassoinstitut),

li jirrappreżenta edukazzjoni u taħriġ ta' perjodu totali ta' 15-il sena, li jkun magħmul minn tmien snin ta' skola obbligatorja segwiti b'minimu ta' ħames snin ta' studju sekondarju tekniku jew kummerċjali, li jispiċċaw b'eżami ta' kwalifika f'livell ta' maturità ta' natura teknika jew kummerċjali, supplimentata b'mhux inqas minn sentejn ta' edukazzjoni u taħriġ fuq il-post tax-xogħol li jispiċċa b'eżami professjonali.

— konsulent ta' l-assigurazzjoni (Berater in Versicherungsangelegenheiten),

li jirrappreżenta edukazzjoni u taħriġ ta' perjodu totali ta' 15-il sena, li jkun magħmul minn sitt snin tà taħriġ segwit f'qafas ta' taħriġ strutturat, diviż f'apprendistat ta' perjodu ta' tliet snin u perjodu ta' tliet snin ta' esperjenza u taħriġ professjonali, li jispiċċa b'eżami.

— mgħallem fil-kostruzzjoni/fl-ippjanar u l-kalkolu tekniku (Planender Baumeister),

— mgħallem fil-kostruzzjoni bl-użu ta' l-injam/fl-ippjanar u kalkolu tekniku (Planender Zimmermeister),

li jirrappreżenta edukazzjoni u taħriġ ta' perjodu totali ta' 18-il sena, li jkun magħmul minn mhux inqas minn 9 snin ta' taħriġ professjonali maqsum f'erba' snin ta' studju sekondarju tekniku u ħames snin ta' prattika professjonali u taħriġ li jispiċċa b'eżami professjonali li jagħti d-drittijiet sabiex wieħed ikun jista' jeżerċita l-professjoni u jħarreġ apprentisti, safejn dan it-taħriġ jirrigwarda d-dritt li jiġu ppjanati kostruzzjonijiet, li jsiru kalkoli tekniċi u li jkun sorveljat xogħol ta' kostruzzjoni (il-privileġġ Maria Theresia).

— *accountant* kummerċjali (Gewerblicher Buchhalter), taħt il-Gewerbeordnung ta' l-1994 (1994 liġi dwar il-kummerċ, l-artiġjanat u l-industrija);

— *accountant* li jaħdem għal rasu (Selbständiger Buchhalter), taħt il-Bundesgesetz über die Wirtschaftstreuhandberufe ta' l-1999 (liġi ta' l-1999 dwar il-professjonijiet fil-qasam ta' l-*accounting* pubbliku).

fil-Polonja:

— li jirrappreżenta:

djanjostiku li jeżegwixxi t-testijiet dwar jekk il-vetturi bil-mutur humiex tajbin għat-triq fi stazzjon tal-kontroll tal-vetturi fuq livell bażiku (diagnosta przeprowadzający badania techniczne w stacji kontroli pojazdów o podstawowym zakresie badań),

— li jirrappreżenta tmien snin ta' edukazzjoni primarja u ħames snin ta' edukazzjoni sekondarja teknika fil-qasam tal-vetturi bil-mutur u tliet snin ta' prattika fi stazzjon tas-servizz ta' vetturi jew f'garaxx, li jkopri 51 siegħa ta' taħriġ bażiku fil-kontroll ta' jekk il-vetturi bil-mutur humiex tajbin għat-triq u li jgħaddi l-eżami tal-kwalifika.

djanjostiku li jeżegwixxi t-testijiet dwar jekk il-vetturi bil-mutur humiex tajbin għat-triq fi stazzjon distrettwali tal-kontroll tal-vetturi (diagnosta przeprowadzający badania techniczne pojazdu w okręgowej stacji kontroli pojazdów),

— li jirrappreżenta tmien snin ta' edukazzjoni elementari u ħames snin ta' edukazzjoni sekondarja teknika fil-qasam ta' vetturi bil-mutur u 4 snin ta' prattika fi stazzjon tas-servizz tal-vetturi jew garaxx, li jkopri 51 siegħa ta' kors bażiku fil-kontroll ta' jekk il-vetturi bil-mutur humiex tajbin għat-triq u li jgħaddi l-eżami tal-kwalifika.

djanjostiku li jeżegwixxi t-testijiet dwar jekk il-vetturi bil-mutur humiex tajbin għat-triq fi stazzjon tal-kontroll tal-vetturi (diagnosta wykonujący badania techniczne pojazdów w stacji kontroli pojazdów),

(i) 8 snin ta' edukazzjoni primarja u ħames snin ta' edukazzjoni sekondarja teknika fil-qasam tal- vetturi bil-mutur u erba' snin ta' prattika attestata fi stazzjon tas-servizz tal-vetturi jew f'garaxx, jew

(ii) tmien snin ta' edukazzjoni primarja u 5 snin ta' edukazzjoni sekondarja teknika f'qasam differenti minn dak ta' l-ispeċjalizzazzjoni ta' vetturi bil-mutur u 8 snin ta' prattika attestata fi stazzjon ta' servizz tal-vetturi jew f'garaxx, li jkopru total ta' 113 siegħa ta' taħriġ sħiħ inkluż taħriġ bażiku u speċjalizzat, b'eżamijiet wara kull stadju.

It-tul u l-iskop ġenerali tal-korsijiet partikolari fil-qafas tat-taħriġ sħiħ bħala djanjostiku huma speċifikati separatament fir-Regolament tal-Ministeru ta' l-Infrastruttura tat-28 ta' Novembru 2002 dwar ir-rekwiżiti dettaljati rigward id-djanjostiċi (ĠU 2002, Nru 208, pos. 1769).

— dispaċer tal-ferrovija (dyżurny ruchu),

li jirrappreżenta 8 snin ta' edukazzjoni primarja u erba' snin ta' edukazzjoni professjonali sekondarja, bi speċjalizzazzjoni fit-trasport ferrovjarju, kif ukoll kors li jipprepara lil persuna għal xogħol bħala dispaċer tal-ferrovija ta' 45 jum u li l-persuna tgħaddi b'suċċess l-eżami tal-kwalifika, jew li jirrapreżenta tmien snin ta' edukazzjoni primarja u ħames snin ta' edukazzjoni sekondarja professjonali bi speċjalizzazzjoni fit-trasport ferrovjarju, kif ukoll kors li jipprepara lil persuna għal xogħol bħala dispaċer tal-ferrovija ta' 63 jum u li l-persuna tgħaddi b'suċċess l-eżami tal-kwalifika.

5. *Korsijiet tar-Renju Unit akkreditati bħala Kwalifiki Professjonali Nazzjonali jew Kwalifiki Professjonali Skoċċiżi:*

Taħriġ għal:

— infermier veterinarju reġistrat,

— inġinier elettriku fis-settur tal-minjieri,

— inġinier mekkaniku fis-settur tal-minjieri,

— terapista tas-snien,

— naddâf tas-snien,

— speċjalista ta' l-għajnejn,

— viċi-direttur fis-settur tal-minjieri,

— konsulent fil-qasam tal-falliment

— skrivan bil-liċenza,

— baħħar — bastimenti tal-merkanzija/passiġġieri — bla limitu,

— baħħar tas-sekonda - bastimenti tal-merkanzija/passiġġieri — bla limitu,

— baħħar tat-terza - bastimenti tal-merkanzija/passiġġieri - bla limitu,

— uffiċjal tal-gverta - bastimenti tal-merkanzija/passiġġieri — bla limitu,

— uffiċjal ta' l-inġinerija - bastimenti tal-merkanzija/passiġġieri — żona tal-kummerċ mhux limitata,

— persuna ċertifikata teknikament kompetenti fl-immaniġġjar ta' l-iskart,

li jwasslu għal kwalifiki akkreditati bħala Kwalifiki Professjonali Nazzjonali (NVQs) jew, fl-Iskozja, akkreditati bħala Kwalifiki Professjonali Skoċċiżi, fil-livelli 3 u 4 tal-Qafas Nazzjonali ta' Kwalifiki Professjonali tar-Renju Unit.

Dawn il-livelli huma definiti kif ġej:

— Livell 3: kompetenza f'firxa estiża ta' attivitajiet ta' xogħol imwettqa f'kuntest varjat u wiesa' u li l-bicca l-kbira huma komplessi u mhux tar-rutina. Hemm responsabbiltà u awtonomija konsiderevoli, u l-kontroll jew il-gwida ta' persuni oħra hija sikwiet meħtieġa.

— Livell 4: Kompetenza f'firxa estiża ta' attivitajiet ta' xogħol komplessi, tekniċi u professjonali imwettaq f'kuntesti varji u wiesa' u bi grad sostanzjali ta' responsabbiltà personali u awtonomija. Ir-responsabbiltà għax-xogħol ta' oħrajn u t-tqassim ta' riżorsi huma sikwiet meħtiega.

*ANNESS III*

**Lista ta' edukazzjoni u taħriġ regolati imsemmija fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 13(2)**

Fir-Renju Unit:

Korsijiet regolati li jwasslu għal kwalifiki akkreditati bħala Kwalifiki Professjonali Nazzjonali (NVQs) jew, fl-Iskozja, akkreditati bħala Kwalifiki Professjonali Skoċċiżi, fil-livelli 3 u 4 tal-Qafas Nazzjonali ta' Kwalifiki Professjonali tar-Renju Unit.

Dawn il-livelli huma mfissra kif ġej:

— Livell 3: kompetenza f'firxa estiża ta' attivitajiet ta' xogħol imwettqa f'kuntest varjat u wiesa' u li l-bicca l-kbira huma komplessi u mhux tar-rutina. Hemm responsabbiltà u awtonomija konsiderevoli, u l-kontroll jew il-gwida ta' persuni oħra hija sikwiet meħtieġa.

— Livell 4: Kompetenza f'firxa estiża ta' attivitajiet ta' xogħol komplessi, tekniċi u professjonali imwettaq f'kuntesti varji u wiesa' u bi grad sostanzjali ta' responsabbiltà personali u awtonomija. Ir-responsabbiltà għax-xogħol ta' oħrajn u t-tqassim ta' riżorsi huma sikwiet meħtiega.

Fil-Ġermanja:

Il-korsijiet regolati li ġejjin:

— Korsijiet regolati preparatorji għall-eżerċizzju tal-professjonijiet ta' assistent tekniku (technische(r) Assistent(in)), assistent kummerċjali (kaufmännische(r) Assistent(in)), il-professjonijiet soċjali (soziale Berufe) u l-professjoni ta' struttur ċertifikat mill-Istat fis-settur tar-respirazzjoni u tal-kelma (staatlich geprüfte(r) Atem-, Sprech- und Stimmlehrer(in)), ta' perjodu totali ta' mhux inqas minn 13-il sena, li jeħtiegu l-kompletar b'suċċess tal-kors sekondarju ta' l-edukazzjoni (mittlerer Bildungsabschluss) u li jkunu magħmula minn:

(i) mhux inqas minn tliet snin ([1]) ta' taħriġ professjonali fi skola speċjalizzata (Fachschule) li tispiċċa b'eżami u, fejn huwa applikabbli, supplimentat b'kors ta' sena jew sentejn speċjalizzazzjoni li wkoll jispiċċaw b'eżami, jew

(ii) mhux inqas minn sentejn u nofs fi skola speċjalizzata (Fachschule) li jispiċċaw b'eżami u supplimentati b'esperjenza ta' xogħol ta' perjodu ta' mhux anqas minn 6 xhur jew taħriġ ta' mhux anqas minn 6 xhur fi stabbiliment approvat, jew

(iii) mhux inqas minn sentejn fi skola speċjalizzata (Fachschule) li jispiċċaw b'eżami u supplimentati b'esperjenza ta' xogħol ta' perjodu ta' mhux anqas minn sena jew taħriġ ta' mhux anqas minn sena fi stabbiliment approvat.

— Korsijiet regolati għall-professjonijiet ta' tekniku (staatlich geprüfte(r)) (Techniker(in)), ekonomista tan-negozju (Betriebswirt(in)), stilista (Gestalter(in)) u assistent tal-familja (Familienpfleger(in)) ċertifikati mill-Istat, ta' perjodu totali ta' mhux anqas minn 16-il sena, u li prerekwiżit tagħhom huwa it-tmiem b'suċċess ta' tagħlim obbligatorju jew edukazzjoni u taħriġ ekwivalenti (ta' perjodu ta' mhux anqas minn disa' snin) u l-ikkompletar b'suċċess ta' kors fi skola tal-kummerċ (Berufsschule) ta' perjodu ta' mhux anqas minn tliet snin u li jkunu magħmula minn, wara t-tlestija ta' mhux inqas minn sentejn ta' esperjenza ta' xogħol, edukazzjoni full-time u taħriġ ta' perjodu ta' mhux anqas minn sentejn jew edukazzjoni *part-time* u taħriġ għal perjodu ekwivalenti.

— Korsijiet regolati u taħriġ *in-service* regolat, ta' perjodu totali ta' mhux anqas minn 15-il sena, u li prerekwiżit tagħhom huwa, ġeneralment, it-tmiem b'suċċess ta' edukazzjoni obbligatorja (ta' perjodu ta' mhux anqas minn 9 snin) u ta' taħriġ professjonali (normalment tliet snin) u li ġeneralment jkunu magħmula minn sentejn ta' esperjenza ta' xogħol (tliet snin snin f'ħafna każijiet) u eżami fil-kuntest ta' preparazzjoni ta' taħriġ fis-servizz li ġeneralment ikunu magħmul minn kors ta' taħriġ li huwa miżmum jew fl-istess żmien ta' l-esperjenza ta' xogħol (ta' mhux inqas minn 1 000 siegħa) jew huwa segwit fuq bażi *full-time* (mhux inqas minn sena).

L-awtoritajiet Ġermanizi għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra lista tal-korsijiet ta' taħriġ koperti minn dan l-Aness.

([1]) Il-perjodu minimu jista' jitnaqqas minn tliet snin għal sentejn jekk il-persuna konċernata għandha l-kwalifika meħtieġa sabiex tidħol fl-università (Abitur), i.e. tlettax — il sena ta' edukazzjoni u taħriġ preċedenti, jew il-kwalifika meħtieġa sabiex wieħed jidħol f'Fachhochschule (Fachhochschulreife), i.e. 12 — il sena ta' edukazzjoni u taħriġ preċedenti.

Fl-Olanda:

— Korsijiet ta' taħriġ regolat ta' perjodu totali ta' mhux anqas minn 15-il sena, li prerekwiżit tagħhom huwa t-tlestija ta' tmien snin ta' edukazzjoni primarja flimkien ma' erba' snin ta' jew edukazzjoni sekondarja ġenerali intermedjarja (MAVO) inkella Edukazzjoni Professjonali Preparatorja (VBO) jew edukazzjoni sekondarja ġenerali ta' livell superjuri, u li jirrikjedu l-ikkompletar ta' kors ta' tliet snin jew erba' snin f'kulleġġ għal taħriġ professjonali intermedjarju (MBO), li jispiċċaw b'eżami.

— Korsijiet ta' taħriġ regolat ta' perjodu totali ta' mhux anqas minn 16-il sena, li prerekwiżit tagħhom huwa t-tlestija ta' tmien snin ta' edukazzjoni primarja flimkien ma' erba' snin ta' edukazzjoni professjonali preparatorji (VBO) jew livell superjuri ta' edukazzjoni sekondarja ġenerali, u li teħtieg l-ikkompletar ta' mhux inqas minn erba' snin ta' taħriġ professjonali fis-sistema ta' apprendistat, li jkun magħmul minn mhux inqas minn jum ta' tagħlim teoretiku f'kulleġġ fil-ġimgħa u fil-jiem l-oħra taħriġ prattiku f'ċentru għat-taħriġ prattiku jew ma' ditta, li jispiċċaw b'eżami ta' livell sekondarju jew terzjarju.

L-awtoritajiet Olandizi għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra lista tal-korsijiet ta' taħriġ koperti minn dan l-Anness.

Fl-Awstrija:

— Korsijiet fi skejjel professjonali superjuri (Berufsbildende Höhere Schulen) u stabbilimenti għall-edukazzjoni superjuri għall-agrikoltura u l-forestrija (Höhere Land- und Forstwirtschaftliche Lehranstalten), inklużi tipi speċjali (einschließlich der Sonderformen), li l-istruttura u l-livell tagħhom huma stabbiliti minn dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi.

  Dawn il-korsijiet huma ta' perjodu totali ta' mhux anqas minn 13-il sena u jkunu magħmula minn ħames snin ta' taħriġ professjonali, li jispiċċa b'eżami finali, li s-suċċess tiegħu huwa prova ta' kompetenza professjonali.

— Korsijiet fi skejjel ta' mgħallem (Meisterschulen), klassijiet ta' mgħallem (Meisterklassen), skejjel ta' mgħallem industrijali (Werkmeisterschulen) jew skejjel għall-artiġjanat fil-bini (Bauhandwerkerschulen), li l-istruttura u l-livell tagħhom huma stabbiliti minn dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi.

  Dawn il-korsijiet huma ta' perjodu totali ta' mhux anqas minn 13-il sena, li jkun magħmul minn disa' snin ta' edukazzjoni obbligatorja, segwita jew minn tliet snin ta' taħriġ professjonali fi skola speċjalizzata inkella mhux inqas minn tliet snin ta' taħriġ f'ditta u fl-istess ħin fi skola ta' taħriġ professjonali (Berufsschule), li t-tnejn li huma jispiċċaw b'eżami, u huma supplimentati bl-ikkompletar b'suċċess ta' kors ta' taħriġ fi skola ta' mgħallem ta' mhux inqas minn sena (Meisterschule), klassijiet ta' mgħallem (Meisterklassen), skola industrijali ta' mgħallem (Werkmeisterschule) jew skola għall-artiġjanat fil-bini (Bauhandwerkerschule). Fil-maġġoranza tal-każijiet il-perjodu totali huwa ta' mhux inqas minn 15-il sena, li jkun magħmul minn perijodi ta' esperjenza ta' xogħol, li jew jippreċedu l-korsijiet ta' taħriġ f'dawn l-istabbilimenti inkella li huma akkumpanjati minn korsijiet *part-time* (mhux inqas minn 960 siegħa).

L-awtoritajiet Awstrijaki għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri lista tal-korsijiet ta' taħriġ koperti minn dan l-Anness.

*ANNESS IV*

**Attivitajiet relatati ma' kategoriji ta' esperjenza professjonali ta' l-Artikoli 17, 18 u 19**

**Lista I**

**Gruppi prinċipali koperti mid-Direttiva 64/427/KEE, kif emendata mid-Direttiva 69/77/KEE, u mid-Direttivi 68/366/KEE u 82/489/KEE**

*1*

*Direttiva 64/427/KEE*

*(id-Direttiva dwar il-liberalizzazzjoni: 64/429/KEE)*

*In-Nomenklatura Nice (li tikkorrispondi għall-Gruppi Prinċipali ISIC 23-40)*

| | | |
|---|---|---|
| Grupp Prinċipali | 23 | fabbrikazzjoni tat-tessuti |
| | 232 | Il-fabbrikazzjoni u l-ipproċessar ta' materjali tat-tessuti fuq makkinarju għas-suf |
| | 233 | Il-fabbrikazzjoni u l-ipproċessar ta' materjali tat-tessuti fuq makkinarju għall-qoton |
| | 234 | Il-fabbrikazzjoni u l-ipproċessar ta' materjali tat-tessuti fuq makkinarju għall-ħarir |
| | 235 | Il-fabbrikazzjoni u l-ipproċessar ta' materjali tat-tessuti fuq makkinarju għall-kittien u l-qanneb |
| | 236 | Industriji oħra tal-fibra tat-tessuti (il-ġuta, fibri iebsin, eċċ), ċwiemi |
| | 237 | Il-fabbrikazzjoni ta' oġġetti mmaljati u tal-ganċ u |
| | 238 | L-Irfinar tat-tessuti |
| | 239 | Industriji oħra tat-tessuti |
| Grupp Prinċipali | 24 | Il-fabbrikazzjoni ta' żraben, ħwejjeġ ta' l-ilbies u friex |
| | 241 | Il-fabbrikazzjoni bil-magna taż-żraben (ħlief minn gomma jew injam) |
| | 242 | Il-fabbrikazzjoni u tiswija bl-idejn taż-żraben |
| | 243 | Il-fabbrikazzjoni ta' ħwejjeġ ta' l-ilbies (ħlief pellicċi) |
| | 244 | Il-fabbrikazzjoni ta' mtieraħ u sodod |
| | 245 | Industriji tal-ġlud u tal-pil |
| Grupp Prinċipali | 25 | Il-fabbrikazzjoni ta' l-injam u tas-sufra, ħlief il-fabbrikazzjoni ta' l għamara |
| | 251 | L-issegar u l-preparazzjoni industrijali ta' l-injam |
| | 252 | Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti ta' l-injam nofshom lesti |
| | 253 | Il-produzzjoni bis-serje ta' komponenti ta' l-injam għall-bini inklużi l-pavimenti. |
| | 254 | Il-fabbrikazzjoni ta' reċipjenti ta' l-injam |
| | 255 | Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti oħra ta' l-injam (ħlief għamara) |
| | 259 | Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti tat-tiben, tas-sufra, tal-basktijiet, tal-qasab u tar-rattan, il-produzzjoni ta' xkupilji |
| Grupp Prinċipali | 26 | 260 Il-fabbrikazzjoni ta' għamara ta' l-injam |
| Grupp Prinċipali | 27 | Il-fabbrikazzjoni ta' karta u prodotti tal-karta |
| | 271 | Il-fabbrikazzjoni ta' polpa, karta u kartun |
| | 272 | L-ipproċessar tal-karta u l-kartun, u l-fabbrikazzjoni ta' artikoli tal-polpa |
| Grupp Prinċipali | 28 | 280 L-istampar, l-ippubblikar u industriji alleati |

| | | |
|---|---|---|
| Grupp Prinċipali | 29 | L-industrija tal-ġilda |
| | 291 | Il-konzeriji u impjanti għall-irfinar tal-ġilda |
| | 292 | Il-fabbrikazzjoni tal-prodotti tal-ġilda |
| Ex Grupp Prinċipali | 30 | Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti tal-gomma u tal-plastik, fibri artifiċjali u prodotti tal-lamtu |
| | 301 | L-ipproċessar ta' gomma u asbestos |
| | 302 | L-ipproċessar ta' materjali tal-plastik |
| | 303 | Il-produzzjoni ta' fibri artifiċjali |
| Ex Grupp Prinċipali | 31 | L-industrija Kimika |
| | 311 | Il-fabbrikazzjoni ta' materjali ta' bażi kimika u iktar ipproċessar ulterjuri ta' dawn il-materjali |
| | 312 | fabbrikazzjoni speċjalizzata ta' prodotti kimiċi prinċipalment għal skopijiet industrijali u agrikoli (inklużа Il-fabbrikazzjoni għall-użu industrijali ta' xaħmijiet u żjut ta' oriġini veġetali jew annimali li jaqgħu fl-ambitu tal-grupp ISIC 312) |
| | 313 | Il-fabbrikazzjoni speċjalizzata ta' prodotti kimiċi prinċipalment għall-użu domestiku jew fl-uffiċċji [eskluża l-fabbrikazzjoni ta' prodotti mediċi u farmaċewtiċi (ISIC ex Grupp 319)] |
| Grupp Prinċipali | 32 | 320 industrija tal-petrolju |
| Grupp Prinċipali | 33 | Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti mhux metalliċi minerali |
| | 331 | Il-fabbrikazzjoni tal-prodotti tat-tafal li jintużaw fl-istrutturi |
| | 332 | Il-fabbrikazzjoni tal-ħġieġ u prodotti tal-ħġieġ |
| | 333 | Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti taċ-ċeramika, inklużi oġġetti tal-mirja |
| | 334 | Il-fabbrikazzjoni tas-siment, tal-ġir u tal-ġibs |
| | 335 | Il-fabbrikazzjoni ta' materjali għall-istruttura, fil-konkrit, fis-siment u fil-ġibs |
| | 339 | Ix-xogħol tal-ġebel u l-fabbrikazzjoni ta' prodotti minerali oħrajn mhux metalliċi |
| Grupp Principali | 34 | Il-produzzjoni u t-trasformazzjoni primarja ta' metalli li fihom il ħadid u li ma fihomx il-ħadid |
| | 341 | L-industrija tal-ħadid u l-azzar (kif definit fit-Trattat tal-KEFA, inklużi impjanti tal-kokk magħquda fl-impriżi ta' l-azzar) |
| | 342 | Il-fabbrikazzjoni tat-tubi ta' l-azzar |
| | 343 | Trafilaġġ, ġibda bil-kiesaħ, trembil bil-kiesaħ ta' strippi, ffurmar bil-kiesaħ |
| | 344 | Il-produzzjoni u t-trasformazzjoni primarja ta' metalli li ma fihomx ħadid |
| | 345 | funderiji tal-metall li fih il-ħadid u li ma fihx ħadid |
| Grupp Prinċipali | 35 | Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti tal-metall (ħlief makkinarji u tagħmir tat-trasport) |
| | 351 | Il-forġa, l-istampa u l-pressa tqal |
| | 352 | It-trasformazzjoni sekondarja u trattament tas-superfiċi |
| | 353 | L-istrutturi tal-Metalli |
| | 353 | Il-fabbrikazzjoni tal-bojlers, il-fabbrikazzjoni ta' affarijiet industrijali vojta minn ġewwa |
| | 355 | Il-fabbrikazzjoni ta' għodod u strumenti u artikoli lesti tal-metall (ħlief tagħmir elettriku) |
| | 359 | Attivitajiet anċillari ta' inġinerija mekkanika |

| | | |
|---|---|---|
| Grupp Prinċipali | 36 | Il-fabbrikazzjoni ta' makkinarju barra makkinarju elettriku |
| | 361 | Il-fabbrikazzjoni ta' makkinarju agrikolu u tratturi |
| | 362 | Il-fabbrikazzjoni ta' makkinarju għall-uffiċċju |
| | 363 | Il-fabbrikazzjoni ta' għodod li jaħdmu l-metall u għodod ta' makkinarju oħra u fissi ma' immobbli għal dawn u għal għodod oħra li jaħdmu bl-elettriku |
| | 364 | Il-fabbrikazzjoni ta' makkinarju u aċċessorji għat-tessuti, il-fabbrikazzjoni ta' magni tal-ħjata |
| | 365 | Il-fabbrikazzjoni ta' makkinarju u tagħmir għall-industriji ta' l-ikel u x-xorb u għall-industriji kimiċi u l-allejati tagħhom |
| | 366 | Il-fabbrikazzjoni ta' impjanti u tagħmir għall-mini, funderiji tal-ħadid u l-azzar, u għall-industrija tal-kostruzzjoni; il-fabbrikazzjoni ta' tagħmir għall-maniġġ mekkaniku |
| | 367 | Il-fabbrikazzjoni ta' tagħmir għat-trasmissjoni |
| | 368 | Il-fabbrikazzjoni ta' makkinarju għal skopijiet oħra speċifiċi industrijali |
| | 369 | Il-fabbrikazzjoni ta' makkinarju u tagħmir mhux elettriku |
| Grupp Prinċipali | 37 | L-inġinerija elettrika |
| | 371 | Il-fabbrikazzjoni ta' wajers elettriċi u kejbils |
| | 372 | Il-fabbrikazzjoni ta' muturi, ġeneraturi, transformers, affarijiet tas-swiċċijiet u tagħmir simili ieħor għall-provvediment ta' l-elettriku |
| | 373 | Il-fabbrikazzjoni ta' tagħmir elettriku għall-użu dirett kummerċjali |
| | 374 | Il-fabbrikazzjoni ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni, meters, għodod tal-kejl oħrajn u tagħmir elettromediku |
| | 375 | Il-fabbrikazzjoni ta' tagħmir elettroniku, riċevituri tar-radju u t-televiżjoni, tagħmir ta' l-awdjo |
| | 376 | Il-fabbrikazzjoni ta' għodod elettroniċi għal użu domestiku |
| | 377 | Il-fabbrikazzjoni ta' lampi u tagħmir ta' illuminazzjoni |
| | 378 | Il-fabbrikazzjoni ta' batteriji u akkumulaturi |
| | 379 | It-tiswija, assemblaġġ u l-istallazzjoni speċjalista ta' tagħmir elettriku |
| ex Grupp Prinċipali | 38 | Il-fabbrikazzjoni ta' tagħmir tat-trasport |
| | 383 | Il-fabbrikazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-partijiet tagħhom |
| | 384 | It-tiswija ta' vetturi bil-mutur, muturi u ċikletti |
| | 385 | Il-fabbrikazzjoni ta' muturi, ċiklettiu l-partijiet tagħhom |
| | 389 | Il-fabbrikazzjoni ta' tagħmir tat-trasport li mhux ikklassifikat imkien ieħor |
| Grupp Prinċipali | 39 | L-industriji tal-fabbrikazzjoni mixxellanji |
| | 391 | Il-fabbrikazzjoni ta' strumenti ta' preċiżjoni u strumenti tal-kejl u kontroll |
| | 392 | Il-fabbrikazzjoni ta' strumenti mediko-kirurġiċi u tagħmir u strumenti ortopediċi (ħlief żraben ortopediċi) |
| | 393 | Il-fabbrikazzjoni ta' tagħmir fotografiku u tabib ta' l-għajnejn |
| | 394 | Il-fabbrikazzjoni u t-tiswija ta' arloġġi ta' l-id u arloġġi |
| | 395 | Il-fabbrikazzjoni ta' ġojjellerija u metalli prezzjużi |
| | 396 | Il-fabbrikazzjoni u t-tiswija ta' strumenti mużikali |
| | 397 | Il-fabbrikazzjoni ta' logħob, ġugarelli u affarijiet ta' sport u atletika |
| | 399 | industriji tal-fabbrikazzjoni oħra |
| Grupp Prinċipali | 40 | Il-kostruzzjoni |
| | 400 | Il-kostruzzjoni (mhux speċjalizzata); demolizzjoni |
| | 401 | Il-kostruzzjoni ta' bini (djar u oħrajn) |
| | 402 | L-inġinerija ċivili; il-kostruzzjoni ta' toroq, pontijiet, ferroviji eċċ |
| | 403 | xogħol ta' stallazzjoni |
| | 404 | Id-dekorazzjoni u l-irfinar |

*2*

*Direttiva 68/366/KEE*

*(Direttiva tal-liberalizzazzjoni 68/365/KEE)*

*Nomenklatura NICE*

| | | |
|---|---|---|
| Grupp Prinċipali | 20A | 200 industriji li jipproduċu xaħam u żjut ta' l-annimali u veġetali |
| | 20B | industriji tal-fabbrikazzjoni ta' l-ikel (eskluża l-industrija tax-xorb) |
| | 201 | Il-qtil, il-preparazzjoni u l-preservazzjoni tal-laħam |
| | 202 | Il-ħalib u l-industrija tal-prodotti tal-ħalib |
| | 203 | L-ippakkjar fil-laned u l-ippreservar ta' frottijiet u ħxejjex |
| | 204 | L-ippakkjar fil-laned u l-ppreservar ta' ħut u frott tal-baħar |
| | 205 | Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti mill-qamħ |
| | 206 | Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti tal-forn, inklużi biskuttelli u gallettini |
| | 207 | L-industrija taz-zokkor |
| | 208 | Il-fabbrikazzjoni ta' kawkaw, ċikkulata, u ħelu |
| | 209 | Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti ta' l-ikel mixxellanji |
| Grupp Prinċipali | 21 | industrija tax-xorb |
| | 211 | Il-produzzjoni ta' alkoħol etiliku permezz tal-fermentazzjoni, il-produzzjoni ta' ħmira u spirti |
| | 212 | Il-produzzjoni ta' nbid u xorb ieħor alkoħoliku bla xgħir |
| | 213 | tisjir tal-birra u tax-xgħir |
| | 214 | L-industriji tas-soft drinks u ilma kkarbonat |
| | ex 30 | Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti tal-gomma, materjali tal-plastik, fibri artifiċjali u sintetiċi u prodotti tal-lamtu |
| | 304 | Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti tal-lamtu |

*3*

*Direttiva 82/489/KEE*

*Nomenklatura ISIC*

Ex 855 Il-parrukkerija (esklużi s-servizzi ta' kiropodisti u *beauticians* professjonali u skejjel għat-taħriġ tal-parrukkiera)

**Lista II**

**Gruppi prinċipali tad-Direttivi 75/368/EEC, 75/369/EEC and 82/470/EEC**

*1*

*Direttiva 75/368/KEE (attivitajiet elenkati fl-Artikolu 5(1))*

*Nomenklatura ISIC*

| | | |
|---|---|---|
| Ex 04 | is-sajd | |
| | 043 | Is-sajd fl-ilmijiet interni |
| Ex 38 | Il-fabbrikazzjoni ta' tagħmir tat-trasport | |
| | 381 | bini u t-tiswija tal-vapuri |
| | 382 | Il-fabbrikazzjoni ta' tagħmir tal-ferroviji |
| | 386 | Il-fabbrikazzjoni ta' inġenji ta' l-ajru (inkluż tagħmir għall-ispazju) |

Ex 71 Attivitajiet relatati mat-trasport u attivitajiet barra t-trasport li jaqgħu taħt il-gruppi li ġejjin:

Ex 711 Servizzi ta' *wagon-lit*; il-manutenzjoni ta' tagħmir tal-ferroviji f'barrakki tat-tiswija; it-tindif tal-vaguni

Ex 712 Il-manutenzjoni tat-tagħmir tat-trasport urban, suburban u interurban ta' passiġġieri

Ex 713 Il-manutenzjoni ta' tagħmir għal trasport ieħor fuq l-art tal-passiġġieri (bħal vetturi bil-mutur, coaches, taxis)

Ex 714 L-operazzjoni u l-manutenzjoni ta' servizzi ta' sostenn għat-trasport fit-toroq (bħal toroq, mini, u pontijiet li tħallas għalihom, parkeġġi għall-karozzi, postijiet ta' karozzi tal-linja u trammijiet)

Ex 716 attivitajiet relatati mat-trasport fl-ilmijiet interni (bħall-operazzjoni u l-manutenzjoni ta' kanali, portijiet u stallazzjonijiet oħra għal trasport fl-ilmijiet interni; servizzi ta' rmonk u pilotaġġ fil-portijiet, tfigħ ta' bagi, it-tagħbija u l-ħatt ta' bastimenti u attivitajiet simili, per eżempju is-salvataġġ ta' vapuri, l-irmonk u l-operazzjoni ta' boathouses)

73 Il-komunikazzjoni: servizzi postali u telekomunikazzjonijiet

Ex 85 servizzi personali

854 *laundries* u servizzi ta' *laundry, dry-cleaning* u żebgħa

Ex 856 studji fotografiċi: ritratti u fotografija kummerċjali, ħlief fotografi ġurnalistiċi

Ex 859 servizzi personali li mhumiex klassifikati mkien ieħor (il-manutenzjoni u tindif ta' bini jew akkomodazzjoni biss

*2*

*Direttiva 75/369/KEE (Artikolu 6: meta l-attività hi meqjusa li tkun ta' natura industrijali jew ta' snajja)*

*Nomenklatura ISIC*

L-attivitajiet itineranti li ġejjin:

(a) ix-xiri u l-bejgħ ta' oġġetti:

— minn kummerċjanti itineranti, *hawkers* jew bejjiegħa minn bieb għal bieb (ex Grupp ISIC 612);

— fi swieq koperti barra minn stallazzjonijiet fissi u fi swieq fil-miftuħ;

(b) attivitajiet koperti minn miżuri transitorji diġà adottati li espressament jeskludu jew ma jsemmux it-twettiq ta' dawn l-attivitajiet fuq bażi itineranti.

*3*

*Direttiva 82/470/EEC (Artikolu 6(1) u (3))*

*Gruppi 718 u 720 tan-nomenklatura ISIC*

L-attivitajiet jinkludu b'mod partikolari:

— l-organizzazzjoni, l-offerta għall-bejgħ u l-bejgħ, dirett jew a bażi ta' kommissjoni, oġġetti singoli jew kollettivi (trasport, bord, akkomodazzjoni, eskursjonijiet, eċċ) għal vjaġġ jew soġġorn, ikunu x' ikunu r-raġunijiet għall-vjaġġ (Artikolu 2(B)(a)).

— li jaġixxu bħala intermedjarji bejn kuntratturi għal metodi varji ta' trasport u persuni li jibagħtu u jirċievu oġġetti, u jwettqu attivitajiet relatati:

(aa) billi jikkonkludu kuntratti ma' kuntratturi ta' trasport, għan-nom tal-prinċipali

(bb) billi jagħżlu l-metodu ta' trasport, id-ditta u r-rotta kkunsidrata l-aktar ta' profitt għall-prinċipal

(ċċ) billi jorganizzaw l-aspetti tekniċi ta' l-operazzjoni ta' trasport (eż. l-imballaġġ meħtieġ għat-trasport); billi jwettqu operazzjonijiet varji inċidentali għat-trasport (eż: li jiżguraw li hemm biżżejjed silġ fil-vaguni refriġerati)

(dd) billi jikkompletaw il-formalitajiet konnessi mat-trasport bħat-tfassil tal-listi tal-passiġġieri; bl-assemblaġġ u d-distribuzzjoni ta' tagħbija

(ee) billi jikkordinaw l-istadji varji ta' trasportazzjoni, billi jiżguraw it-tranżit, ir-ritrasbord, it-trasbord u operazzjonijiet oħrajn fid-destinazzjoni

(ff) billi jirranġaw kemm il-merkanzija kif ukoll it-trasportaturi u l-mezzi ta' trasport għal persuni li jikkunsinnaw l-oġġetti jew li jirċevuhom:

— l-istima ta' l-ispejjeż tat-trasport u l-kontroll tal-kontijiet iddettaljati

— billi jieħdu ċerti miżuri temporanji jew permanenti fl-isem u għan-nom tas-sid ta' vapur jew xi trasportatur ieħor bil-baħar (ma' l-awtoritajiet tal-port, burdnara eċċ)

[L-attivitajiet elenkati taħt l-Artikolu 2(A)(a), (b) u (d)].

**Lista III**

**Direttivi 64/222/KEE, 68/364/KEE, 68/368/KEE, 75/368/KEE, 75/369/KEE, 70/523/KEE and 82/470/KEE**

*1*

*Direttiva 64/222/KEE*

*(Direttivi ta' liberalizzazzjoni: 64/223/KEE and 64/224/KEE)*

1. Attivitajiet professjonali ta' persuni li jaħdmu għal rashom fil-kummerċ bl-ingrossa, bl-eċċezzjoni ta' kummerċ bl-ingrossa ta' prodotti mediċinali u farmaċewtiċi, ta' prodotti tossiċi, u patoġeni u fil-faħam (ex Grupp 611).

2. attivitajiet professjonali ta' intermedjarju li jidħol f'operazzjonijiet kummerċjali f'ismu għan-nom ta' ħaddieħor.

3. l-attivitajiet professjonali ta' intermedjarju li, filwaqt li ma jkunx mogħti istruzzjonijiet permanenti jġib flimkien persuni li jixtiequ jidħlu f'kuntratt dirett ma' xulxin jew jorganizza in-negozji tagħhom jew jassistihom fit-tlestija tagħhom.

4. attivitajiet professjonali ta' intermedjarju li jidħol f'operazzjonijiet kummerċjali f'ismu għan-nom ta' ħaddieħor.

5. attivitajiet professjonali ta' intermedjarju li jwettaq bejgħ bl-ingrossa permezz ta' rkant għan-nom ta' ħaddieħor.

6. attivitajiet professjonali ta' intermedjarju li jmur minn bieb għal bieb ifittex l-ordnijiet.

7. provvediment ta' servizzi, permezz ta' attivitajiet professjonali, permezz ta' intermedjarju fl-impjieg ta' impriża waħda jew aktar kummerċjali, industrijali jew ta' artiġjanat.

*2*

*Direttiva 68/364/KEE*

*(Direttiva ta' liberalizzazzjoni: 68/363/KEE)*

Ex ISIC Grupp 612: Kummerċ bl-imnut

Attivitajiet esklużi:

| | |
|---|---|
| 012 | Il-kiri ta' makkinarju ta' l-agrikoltura |
| 640 | proprjetà, kiri ta' proprjetà |
| 713 | kiri ta' karozzi, karozzini u żwiemel |
| 718 | kiri ta' vaguni tal-merkanzija u vaguni tal-passiġġieri |
| 839 | kiri ta' makkinarju lill-impriżi kummerċjali |
| 841 | Il-prenotazzjoni ta' postijiet taċ-ċinema u l-kiri ta' films ċinematografiċi |
| 842 | Il-prenotazzjoni ta' postijiet tat-teatru u l-kiri ta' tagħmir teatrali |
| 843 | Il-kiri ta' dgħajjes, roti, magni li jaħdmu bil-flus għall-logħob ta' kapaċità jew ażżard |
| 853 | Il-kiri ta' kmamar ammobbiliti |
| 854 | Il-kiri ta' għażel maħsul |
| 859 | Il-kiri ta' ħwejjeġ |

*3*

*Direttiva 68/368/KEE*

*(Direttiva ta' liberalizzazzjoni 68/367/KEE)*

*Nomenklatura ISIC*

ISIC ex Grupp Prinċipali 85:

1. Ristoranti, kafejiet, taverni u postijiet oħra ta' l-ikel u x-xorb (Grupp ISIC 852).

2. Lukandi, kmamar għall-kiri, kampijiet u postijiet oħra ta' alloġġ (Grupp ISIC 853).

*4*

*Direttiva 75/368/KEE (Artikolu 7)*

*L-attivitajiet kollha elenkati fl-Anness mad-Direttiva 75/368/KEE, ħlief dawk imsemmija fl-Artikolu 5(1) ta' dik id-Direttiva (Lista II, punt 1, ta' dan l-Anness).*

*Nomenklatura ISIC*

| | | |
|---|---|---|
| Ex 62 | banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra | |
| | Ex 620 | xiri ta' privattiva u impriżi ta' liċenzji |
| Ex 71 | trasport | |
| | Ex 713 | trasport bit-triq tal-passiġġieri, barra t-trasportazzjoni permezz ta' vetturi bil-mutur |
| | Ex 719 | It-trasport permezz ta' pipelines ta' idrokarburi likwidi u prodotti kimiċi likwidi oħra |
| Ex 82 | servizzi komunitarji | |
| | 827 | libreriji, mużewijiet, ġonna botaniċi u żooloġiċi |
| Ex 84 | servizzi ta' rekreazzjoni | |
| | 843 | servizzi ta' rekreazzjoni li mhumiex klassifikati x'imkien ieħor:<br>— attivitajiet ta' sports (grounds ta' l-isport, l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' l-isport eċċ) ħlief l-attivitajiet ta' edukatur ta' l-isport<br>— logħob (stallel għal żwiemel tat-tlielaq, spazji tal-logħob, korsi għall-ġiri, eċċ)<br>— attivitajiet oħra ta' rikreazzjoni (ċirkli, postijiet tad-divertiment u divertimenti oħra) |
| Ex 85 | servizzi personali | |
| | Ex 851 | servizzi domestiċi |
| | Ex 855 | swali tas-sbuħija u servizzi ta' manikura, barra servizzi ta' kiropodisti u beauticians professjonali u skejjel għat-taħriġ tal-parrukkiera |
| | Ex 859 | servizzi personali li mhumiex klassifikati mkien ieħor, barra massaġġaturi ta' l-isport u paramediċi u gwidi tal-muntanji, maqsuma fil-gruppi li ġejjin:<br>— id-diżinfettar u l-kontroll ta' l-insetti<br>— il-kiri ta' ħwejjeġ u faċilitajiet għall-magazzinaġġ<br>— uffiċċji taż-żwieġ u servizzi simili<br>— astroloġija u l-qari tax-xorti u simili<br>— servizzi sanitarji u attivitajiet relatati magħhom<br>— kummissjonanti għall-funerali u l-manutenzjoni taċ-ċimiterji<br>— kurrieri u gwidi-interpreti |

*5*

*Direttiva 75/369/KEE (Artikolu 5)*

([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2003 (ĠU C 91 E, tal-15.4.2004, p. 487), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' l-24 ta' Jannar 2005 (ĠU C 111 E, tal-11.5.2005, p. 33), Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Mejju 2005 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2005.

([3]) ĠU C 68, ta' l-24.3.1986, p. 35.

([4]) ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/104/KE (ĠU L 337, tat-13.11.2004, p. 13).

([5]) ĠU L 221, tat-12.8.1974, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mill-Att ta' l-Adezzjoni 2003.

([6]) ĠU L 186, tal-25.7.1996, p. 28.

(11) Peress li l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri t-titjib tas-sigurtà fit-toroq bl-installazzjoni obbligatorja taċ-ċinturini tas-sigurtà f'ċerti kategoriji ta' vetturi, ma jistax jintlaħaq suffiċjentement mill-Istati Membri u jista', għal-hekk, minħabba l-iskala ta' l-azzjoni, jintlaħaq aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, konformement mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalitá, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak il-għan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

**Emendi għad-Direttiva 74/408/KEE**

Id-Direttiva 74/408/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

1) L-Artikolu 1 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej mal-paragrafu 1:

"Vetturi tal-kategorija $M_2$ u $M_3$ għandhom ikunu suddiviżi fi klassijiet kif definit fis-sezzjoni 2 ta' l-Anness I mad-Direttiva 2001/85/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Novembru 2001 li tirrigwarda d-dispożizzjonijiet speċjali għal vetturi wżati għat-trasport ta' passiġġieri li jkollhom aktar minn tmien sedili b'żjieda mas-sedil tas-sewwieq (*).

(*) ĠU L 42, tat-13.2.2002, p. 1."

(b) il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal sedili li jħarsu lura."

2) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"L-Artikolu 3a*

1. Għandha tkun projbita l-installazzjoni ta' sedili li jħarsu lejn il-ġenb tal-vettura f'vetturi tal-kategoriji $M_1$, $N_1$, $M_2$ (tal-klassi III jew B) u $M_3$ (ta' klassi III jew B).

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal ambulanzi jew għal vetturi elenkati fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 70/156/KEE.

3. Barra minn hekk, il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal vetturi tal-kategorija $M_3$ (tal-klassi III jew B) ta' massa teknikament permissibbli, b'tagħbija massima ta' aktar minn għaxar tunnellati metriċi, li fihom sedili li jħarsu lejn il-ġenb ikunu raggruppati flimkien fin-naħa ta' wara tal-vettura sabiex jiffurmaw berlina integrata ta' mhux aktar minn għaxar sedili. Sedili bħal dawn li jħarsu lejn il-ġenb għandhom ikunu mgħammra għall-inqas b'restrizzjonijiet għar-ras u b'ċinturin ta' żewġ punti ta' ankoraġġ u b'*retractor* li jkollhom approvazzjoni tat-tip skond id-Direttiva tal-Kunsill 77/541/KEE (*). L-ankoraġġi għaċ-ċinturini tas-sigurtà tagħhom għandhom jikkonformaw mad-Direttiva tal-Kunsill 76/115/KEE (**).

Din l-eżenzjoni għandha jkollha effett għal ħames snin minn 20 Ottubru 2005. Din l-eżenzjoni tista' tiġi estiża jekk tkun disponibbli statistika affidabbli dwar l-aċċidenti u jekk ikun sar żvilupp ulterjuri tas-sistemi ta' restrizzjoni.

(*) ĠU L 220, tad-29.8.1977, p. 95. Direttiva kif l-aħħar emendata mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.
(**) ĠU L 24, tat-30.1.1976, p. 6. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/38/KE (ĠU L 187, tas-26.7.1996, p. 95)."

3) L-Anness II għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-punt 1.1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1.1. Il-ħtiġijiet ta' dan l-Anness ma japplikawx għal sedili li jħarsu lura, jew għal kwalunkwe restrizzjoni għar-ras installata fuq tali sedili."

(b) Il-punt 2.3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2.3. 'Sedil' tfisser struttura li tista' tkun jew ma tkunx integrata ma' l-istruttura tal-vettura, kompluta bit-tapizzerija, maħsuba sabiex takkomoda persuna waħda adulta. It-terminu jkopri kemm sedil individwali kif ukoll parti minn sedil-bank maħsub sabiex jakkomoda persuna waħda.

Skond l-orjentazzjoni tiegħu, sedil huwa definit kif ġej:

2.3.1. 'Sedil li jħares 'il quddiem' tfisser sedil li jista' jintuża waqt li l-vettura qiegħda f'moviment u li jħares lejn in-naħa ta' quddiem tal-vettura b'tali mod li l-pjan vertikali ta' simmetrija tas-sedil jifforma angolu ta' inqas minn + 10° jew - 10° mal-pjan vertikali ta' simmetrija tal-vettura;

2.3.2. 'Sedil li jħares lura' tfisser sedil li jista' jintuża waqt li l-vettura qiegħda f'moviment u li jħares lejn in-naħa ta' wara tal-vettura b'tali mod li l-pjan vertikali ta' simmetrija tas-sedil jifforma angolu ta' inqas minn + 10° jew - 10° mal-pjan vertikali ta' simmetrija tal-vettura;

2.3.3. 'Sedil li jħares lejn il-ġenb' tfisser sedil li, fir-rigward ta' l-allinjament tiegħu mal-pjan vertikali ta' simmetrija tal-vettura, ma jaqa' taħt ebda waħda mid-definizzjonijiet mogħtija f'2.3.1. jew 2.3.2. hawn fuq;"

(ċ) Il-punt 2.9. għandu jiġi mħassar.

4) Fl-Anness III, il-punt 2.5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2.5. 'Sedil' tfisser struttura li x'aktarx tkun ankrata ma' l-istruttura tal-vettura, inkluża t-tapizzerija u l-aċċessorji ta' l-installazzjoni tagħha, maħsuba sabiex tintuża f'vettura u li takkomoda persuna adulta waħda jew aktar.

Skond l-orjentazzjoni tiegħu, sedil huwa definit kif ġej:

2.5.1. 'Sedil li jħares 'il quddiem' tfisser sedil li jista' jintuża waqt li l-vettura qiegħda f'moviment u li jħares lejn in-naħa ta' quddiem tal-vettura b'tali mod li l-pjan vertikali ta' simmetrija tas-sedil jifforma angolu ta' inqas minn + 10° jew - 10° mal-pjan vertikali ta' simmetrija tal-vettura;

2.5.2. 'Sedil li jħares lura' tfisser sedil li jista' jintuża waqt li l-vettura qiegħda f'moviment u li jħares lejn in-naħa ta' wara tal-vettura b'tali mod li l-pjan vertikali ta' simmetrija tas-sedil jifforma angolu ta' inqas minn + 10° jew - 10° mal-pjan vertikali ta' simmetrija tal-vettura;

2.5.3. 'Sedil li jħares lejn il-ġenb' tfisser sedil li, fir-rigward ta' l-allinjament tiegħu mal-pjan vertikali ta' simmetrija tal-vettura, ma jaqa' taħt ebda waħda mid-definizzjonijiet mogħtija f'2.5.1. jew 2.5.2. hawn fuq;"

5) L-Anness IV għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-punt 1.1. għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1.1. Il-ħtiġijiet stabbiliti f'dan l-Anness japplikaw għal vetturi tal-Kategoriji $N_1$, $N_2$ u $N_3$ u għal dawk tal-Kategoriji $M_2$ u $M_3$ mhux koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Anness III. Bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-punt 2.5 ta' l-Anness IV, il-ħtiijiet japplikaw ukoll għal sedili li jħarsu lejn il-ġenb tal-kategoriji kollha ta' vetturi."

(b) il-punt 2.4, għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"2.4. Is-sedili kollha li jistgħu jinqalbu 'l quddiem jew li għandhom dahar li jingħalaq 'il quddiem għandhom jissakkru awtomatikament fil-pożizzjoni normali. Din il-ħtieġa ma tapplikax għal sedili installati fl-ispazji maħsuba għal siġġijiet tar-roti ta' vetturi tal-kategorija M2 jew M3 tal-klassi I, II jew A."

*L-Artikolu 2*

## Implementazzjoni

1. Minn 20 April 2006, fir-rigward tas-sedili, l-ankoraġġi u r-restrizzjonijiet għar-ras tagħhom, li jikkonformaw mal-ħtiġijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, l-Istati Membri ma għandhomx:

(a) jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE, jew l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali, fir-rigward ta' xi tip ta' vettura;

(b) jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, bejgħ jew il-bidu ta' l-użu ta' vetturi ġodda.

2. Minn 20 October 2006, fir-rigward tas-sedili, l-ankoraġġi u r-restrizzjonijiet għar-ras tagħhom li ma jikkonformawx mal-ħtiġijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom, fir-rigward ta' tip ġdid ta' vettura:

(a) ma jibqgħux jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE;

(b) jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip nazzjonali.

3. Minn 20 October 2007, fir-rigward tas-sedili, l-ankoraġġi u r-restrizzjonijiet għar-ras tagħhom li ma jikkonformawx mal-ħtiġijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom:

(a) jikkunsidraw bħala mhux aktar validi, għall-finijiet ta' l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 70/156/KEE, iċ-ċertifikati ta' konformità li jakkumpanjaw vetturi ġodda;

(b) jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni, bejgħ jew il-bidu ta' l-użu ta' vetturi ġodda, ħlief f'każijiet fejn jiġu invokati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 70/156/KEE.

*L-Artikolu 3*

## Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel 20 April 2006. Għandhom jinformaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

2. Għandhom japplikaw dawn il-miżuri minn 21 April 2006.

3. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*L-Artikolu 4*

## Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

*L-Artikolu 5*

## Indirizzati

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasbourg, nhar is-7 ta' Settembru 2005.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BORRELL FONTELLES | C. CLARKE |

# ID-DIRETTIVA 2005/40/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-7 ta' Settembru 2005

## li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 77/541/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar iċ-ċintorini tas-sigurtà u s-sistemi ta' trażżin f'vetturi bil-mutur

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([1]),

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Ir-riċerka wriet li l-użu ta' ċinturini tas-sigurtà u sistemi ta' trażżin jista' jikkontribwixxi għal tnaqqis sostanzjali fin-numru ta' mwiet u fil-gravità tal-korrimenti f'każ ta' inċident, anke dak ta' qlib ta' karozza. It-tagħmir bihom fil-kategoriji kollha ta' vetturi ikun żgur pass importanti 'l quddiem fis-sigurtà fit-toroq u għaldaqstant jiġu salvati aktar ħajjiet.

(2) Jista' jinkiseb benefiċċju sostanzjali għas-soċjetà, li kieku l-vetturi kollha jkunu mgħammra b'ċinturini tas-sigurtà.

(3) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Frar 1986 dwar miżuri komuni biex jitnaqqsu l-inċidenti fit-toroq, bħala parti mill-programm tal-Komunità għas-sigurtà fit-toroq ([3]), il-Parlament Ewropew saħaq fuq il-ħtieġa li jsir obbligatorju għal kull passiġġier li jilbes iċ-ċinturin tas-sigurtà, inklużi t-tfal, ħlief f'vetturi ta' servizz pubbliku. Għaldaqstant, għandha ssir distinzjoni bejn karozzi tal-linja li jagħtu servizz pubbliku u vetturi oħra rigward l-istallazzjoni obbligatorja ta' ċinturini tas-sigurtà u/jew sistemi ta' trażżin.

(4) Skond id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x' jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ([4]), is-sistema Komunitarja ta' approvazzjoni tat-tip ġiet implimentata biss għall-vetturi ġodda kollha ta' kategorija $M_1$ mill-1 ta' Jannar 1998. B'konsegwenza, dawn il-vetturi biss għandhom ikunu mgħammra b'ċinturini tas-sigurtà u/jew sistemi ta' trażżin li jissodisfaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 77/541/KEE ([5]).

(5) Sakemm is-sistema Komunitarja ta' approvazzjoni tat-tip tiġi estiża għall-kategoriji kollha ta' vetturi, l-istallazzjoni ta' ċinturini tas-sigurtà u/jew sistemi ta' trażżin għandha tkun meħtieġa, fl-interess tas-sigurtà fit-toroq, f'vetturi li jaqgħu taħt kategoriji oħra minbarra $M_1$.

(6) Id-Direttiva 77/541/KEE diġà tipprovdi għad-dispożizzjonijiet tekniċi u amministrattivi kollha li jippermettu l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi ta' kategoriji oħra minbarra $M_1$. Għaldaqstant, l-Istati Membri ma jeħtiġux l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet ulterjuri.

(7) Mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 96/36/KE tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 1996 li tadatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 77/541/KEE rigward iċ-ċinturini tas-sigurtà u s-sistemi tat-trażżin tal-vetturi bil-mutur ([6]), bosta Stati Membri diġà għamlu obbligatorji d-dispożizzjonijiet li hemm fiha fir-rigward ta' ċerti kategoriji oħra ta' vetturi minbarra $M_1$. Għaldaqstant il-manifatturi u l-fornituri tagħhom żviluppaw teknoloġija xierqa.

(8) Id-Direttiva 2001/85/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Novembru 2001 li tirrigwardja d-dispożizzjonijiet speċjali għal vetturi użati għat-trasport ta' pasiġġieri li jkollhom aktar minn tmien sedili b'żieda mas-sedil tas-sewwieq ([7])tipprovdi dispożizzjonijiet għal aċċess aktar faċli għal persuni ta' mobilità limitata bħal persuni b'diżabilità f'vetturi wżati għat-trasport ta' passiġġieri li fihom iżjed minn tmien sedili. Jeħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jippermettu l-istallazzjoni ta' ċinturini tas-sigurtà u/jew sistemi ta' trażżin, li ma jikkonformawx ma' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tad-Direttiva 77/541/KEE, iżda li ġew iddisinjati b'mod speċifiku għas-sigurtà ta' dawk il-persuni f'tali vetturi.

---

([1]) ĠU C 80, tat-30.3.2004, p. 10.

([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2003 (ĠU C 91 E, tal-15.4.2004, p. 491), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' l-24 ta' Jannar 2005 (ĠU C 111 E, tal-11.5.2005, p. 28), Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Mejju 2005 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) ĠU C 68, ta' l-24.3.1986, p. 35.

([4]) ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/78/KE (ĠU L 153, tat-30.4.2004, p. 103).

([5]) ĠU L 220, tad-29.8.1977, p. 95. Direttiva kif emendata l-aħħar mill-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

([6]) ĠU L 178, tas-17.7.1996, p. 15.

([7]) ĠU L 42, tat-13.2.2002, p. 1.

(9) Id-Direttiva 77/541/KEE għandha tiġi hekk emendata.

(10) Minħabba li l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri t-titjib tas-sigurtà fit-toroq bl-introduzzjoni tat-tagħmir obbligatorju b'ċinturini tas-sigurtà f'ċerti kategoriji ta' vetturi, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu, għalhekk, minħabba d-daqs ta' l-azzjoni, jintlaħqu aħjar fuq il-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalitá, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak il-għan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Direttiva 77/541/KEE**

Id-Direttiva 77/541/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu li ġej għandu jiġi mdaħħal:

*"L-Artikolu 2a*

1. L-Istati Membri jistgħu, skond il-liġi nazzjonali, jippermettu l-istallazzjoni ta' ċinturini tas-sigurtà jew sistemi ta' trażżin oħra minbarra dawk koperti minn din id-Direttiva kemm-il darba dawn ikunu intiżi għal persuni b'diżabilità.

2. L-Istati Membri jistgħu wkoll jeżentaw is-sistemi ta' trażżin maħluqa biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' l-Anness VII għad-Direttiva 2001/85/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Novembru 2001 li tirrigwardja d-dispożizzjonijiet speċjali għal vetturi wżati għat-trasport ta' pasiġġieri li jkollhom aktar minn tmien sedili b'żieda mas-sedil tas-sewwieq (*), mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

3. Il-ħtiġijiet ta' l-Anness I, punt 3.2.1. ta' din id-Direttiva m' għandhomx japplikaw għal ċinturini tas-sigurtà u sistemi ta' trażżin koperti mill-paragrafi 1 u 2.

(*) ĠU L 42, tat-13.2.2002, p. 1.."

(2) Fl-Artikolu 9, għandu jiġi miżjud il-paragrafu li ġej:

"Vetturi tal-kategorija $M_2$ u $M_3$ għandhom jiġu suddiviżi fi klassijiet kif imfisser fis-sezzjoni 2 ta' l-Anness I għad-Direttiva 2001/85/KE.".

(3) L-Anness I għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) In-nota tal-qiegħ relatata mal-punt 3.1. għandha tiġi mħassra;

(b) Il-punt 3.1.1. għandu jiġi sostitwit bis-segwenti:

"3.1.1. Bl-eċċezzjoni ta' postijiet bilqiegħda intiżi biss għall-użu meta l-vettura tkun wieqfa, is-sedili ta' vetturi tal-kategorija $M_1$, $M_2$ (ta' klassi III jew B), $M_3$ (ta' klassi III jew B), u N għandhom ikunu mgħammra b'ċinturini tas-sigurtà u/jew sistemi ta' trażżin li jikkonformaw mal-ħtiġijiet ta' din id-Direttiva.

Vetturi ta' klassi I, II jew A tal-kategorija $M_2$ jew $M_3$ jistgħu jiġu mgħammra b'ċinturini tas-sigurtà u/jew sistemi ta' trażżin, sakemm jikkonformaw mal-ħtiġijiet ta' din id-Direttiva.".

*Artikolu 2*

**Miżuri previsti għal persuni b'diżabilità**

Mhux iżjed tard minn 20 ta' April ta' l-2008, il-Kummissjoni għandha teżamina proċeduri speċifiċi biex jiġu armonizzati l-ħtiġijiet għal ċinturini tas-sigurtà intiżi għal persuni b'diżabilità, ibbażati fuq standards internazzjonali eżistenti u ħtiġijiet legali nazzjonali, sabiex jagħtu lil din id-Direttiva livell ta' sigurtà ekwivalenti. Jekk xieraq, il-Kummissjoni għandha tippreżenta abbozz ta' miżuri. Emendi għal din id-Direttiva għandhom jiġu adottati f'konformità ma' l-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE.

*Artikolu 3*

**Implimentazzjoni**

1. Minn 20 ta' April 2006, fir-rigward ta' l-istallazzjoni ta' ċinturini tas-sigurtà u/jew l-istallazzjoni ta' sistemi ta' trażżin, li jikkonformaw mal-ħtiġijiet stabbiliti fid-Direttiva 77/541/KEE kif emendata b'din id-Direttiva, l-Istati Membri m'għandhomx:

(a) jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE, jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali, rigward tip ta' vettura;

(b) jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, bejgħ jew dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda.

2. Minn 20 ta' Ottubru ta' l-2006, fir-rigward ta' l-istallazzjoni ta' ċinturini tas-sigurtà u/jew sistemi ta' trażżin, li ma jikkonformawx mal-ħtiġijiet stabbiliti fid-Direttiva 77/541/KEE kif emendata b'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom, fir-rigward ta' tip ġdid ta' vettura:

(a) ma jibqgħux jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE;

(b) jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip nazzjonali.

3. Minn 20 ta' Ottubru ta' l-2007, fir-rigward ta' l-istallazzjoni ta' ċinturini tas-sigurtà u/jew sistemi ta' trażżin, li ma jikkonformawx mal-ħtiġijiet stabbiliti fid-Direttiva 77/541/KEE kif emendata b'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom:

(a) jikkunsidraw iċ-ċertifikati ta' konformità li jakkumpanjaw vetturi ġodda bħala li m' għadhomx validi għall-għan ta' l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 70/156/KEE;

(b) jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni, bejgħ jew dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda, ħlief f'każijiet fejn jiġu invokati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 70/156/KEE.

*Artikolu 4*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel 20 ta' April ta' l-2006. Għandhom jinformaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

2. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jidħlu fis-seħħ f'21 ta' April 2006

3. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'tali referenza meta jkunu ppubblikati uffiċjalment. Il-metodi ta' kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 5*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 6*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, nhar is-7 ta' Settembru 2005

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BORRELL FONTELLES | C. CLARKE |

# ID-DIRETTIVA 2005/41/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-7 ta' Settembru 2005

## li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/115/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-ankoraġġi għaċ-ċinturini tas-sigurtà ta' vetturi bil-mutur

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (1),

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat (2),

Billi:

(1) Ir-riċerka wriet li l-użu ta' ċinturini tas-sigurtà u sistemi ta' trażżin jista' jikkontribwixxi għal tnaqqis sostanzjali fin-numru ta' mwiet u fil-gravità tal-korrimenti fil-każ ta' inċident, anke dak ta' qlib ta' karozza. It-tagħmir bihom fil-kategoriji kollha ta' vetturi ikun żgur pass importanti 'l quddiem biex iżid fis-sigurtà fit-toroq u b'konsegwenza jiġu salvati aktar ħajjiet.

(2) Jista' jinkiseb benefiċċju sostanzjali għas-soċjetà, li kieku l-vetturi kollha jkunu mgħammra b'ċinturini tas-sigurtà.

(3) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Frar 1986 dwar miżuri komuni biex jitnaqqsu l-inċidenti fit-toroq, bħala parti mill-programm tal-Komunità għas-sigurtà fit-toroq (3), il-Parlament Ewropew saħaq fuq il-ħtieġa li jsir obbligatorju għal kull passiġġier li jilbes iċ-ċinturin tas-sigurtà, inklużi t-tfal, ħlief f'vetturi ta' servizz pubbliku. Għaldaqstant, għandha ssir distinzjoni bejn karozzi tal-linja li jagħtu servizz pubbliku u vetturi oħra rigward l-istallazzjoni obbligatorja ta' ċinturini tas-sigurtà u/jew sistemi ta' trażżin.

(4) Skond id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/EEC tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom (4), is-sistema Komunitarja ta' approvazzjoni tat-tip ġiet implimentata biss għall-vetturi ġodda kollha tal-kategorija $M_1$ mill-1 ta' Jannar 1998. B'konsegwenza, dawn il-vetturi biss għandhom ikunu mgħammra b'ankoraġġi intiżi għal ċinturini tas-sigurtà u/jew sistemi ta' trażżin li jissodisfaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 76/115/KEE (5).

(5) Sakemm is-sistema Komunitarja ta' approvazzjoni tat-tip tiġi estiża għall-kategoriji kollha ta' vetturi, l-installazzjoni ta' ankoraġġi intiżi għal ċinturini tas-sigurtà u/jew sistemi ta' trażżin għandha tkun meħtieġa, fl-interess tas-sigurtà fit-toroq, f'vetturi li jaqgħu taħt kategoriji oħra minbarra $M_1$.

(6) Id-Direttiva 76/115/KEE diġà tipprovdi għad-dispożizzjonijiet tekniċi u amministrattivi kollha li jippermettu l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi ta' kategoriji oħra minbarra $M_1$. Għaldaqstant, l-Istati Membri ma jeħtiġux l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet ulterjuri.

(7) Mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva tal-Kummissjoni 96/38/KE tas-17 ta' Ġunju 1996 li tadatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 76/115/KEE li għandha x' taqsam ma' l-ankoraġġi għaċ-ċinturini tas-sigurtà ta' vetturi bil-mutur, bosta Stati Membri diġa għamlu obbligatorji d-dispożizzjonijiet li hemm fiha fir-rigward ta' ċerti kategoriji oħra ta' vetturi minbarra $M_1$. Għaldaqstant, il-manifatturi u l-fornituri tagħhom żviluppaw teknoloġija xierqa.

(9) Id-Direttiva 76/115/KEE għandha tiġi hekk emendata.

(10) Minħabba li l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri t-titjib tas-sigurtà fit-toroq bl-introduzzjoni tat-tagħmir obbligatorju b'ċinturini tas-sigurtà f'ċerti kategoriji ta' vetturi, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu, għalhekk, minħabba d-daqs ta' l-azzjoni, jintlaħqu aħjar fuq il-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalitá, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak il-għan,

(1) ĠU C 80, tat-30.3.2004, p. 8.
(2) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2003 (ĠU C 91 E, tal-15.4.2004, p. 496), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta'l-24 ta' Jannar 2005 (ĠU C 111 E, tal-11.5.2005, p. 23) u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Mejju 2005 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
(3) ĠU C 68, ta' l-24.3.1986, p. 35.
(4) ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/78/KE (ĠU L 153, tat-30.4.2004, p. 103).
(5) ĠU L 24, tat-30.1.1976, p. 6. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/38/KE (ĠU L 187, tas-26.7.1996, p. 95).

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Direttiva 76/115/KEE**

Id-Direttiva 76/115/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, għandu jiġi miżjud il-paragrafu li ġej:

"Vetturi tal-kategorija $M_2$ u $M_3$ għandhom ikunu suddiviżi fi klassijiet kif imfisser fis-sezzjoni 2 ta' l-Anness I għad-Direttiva 2001/85/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Novembru 2001 li tirrigwardja d-dispożizzjonijiet speċjali għal vetturi użati għat-trasport ta' pasiġġieri li jkollhom aktar minn tmien sedili b'żieda mas-sedil tas-sewwieq (*).

(*) ĠU L 42, tat-13.2.2002, p. 1."

(2) L-Anness I għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-punt 1.9. għandu jiġi mħassar;

(b) Il-punt 4.3.1 għandu jinbidel bis-segwenti:

"4.3.1. Vetturi tal-kategoriji $M_1$, $M_2$ (ta' klassi III jew B), $M_3$ (ta' klassi III jew B), u N iridu jkunu mgħammra b'ankoraġġi għaċ-ċinturini tas-sigurtà li jikkonformaw mal-ħtiġijiet ta' din id-Direttiva.";

(ċ) Il-punt 4.3.8 għandu jiġi mibdul bis-segwenti:

"4.3.8. Għal postijiet bilqiegħda intiżi biss għall-użu meta l-vettura tkun wieqfa, kif ukoll sedili ta' kwalunkwe vettura mhux koperti mill-punti 4.3.1. sa 4.3.5., ma jeħtieġ l-ebda ankoraġġ għaċ-ċinturini tas-sigurtà. Jekk il-vettura hija mgħammra b'ankoraġġi għal tali sedili, dawn l-ankoraġġi għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Madankollu, kwalunkwe ankoraġġ intiż biss għall-użu flimkien ma' ċinturin tas-sigurtà għal persuni b'diżabbiltà jew kwalunkwe sistema oħra ta' trażżin imsemmija fl-Artikolu 2a tad-Direttiva tal-Kunsill 77/541/KEE tat-28 ta' Ġunju ta' l-1977 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar ċintorini tas-sigurtà u sistemi ta' trażżin f'vetturi bil-mutur (*) m' hemmx bżonn li jkun konformi mal-ħtiġijiet ta' din id-Direttiva kemm-il darba jkun ddisinjat u mibni skond il-ħtiġijiet legali nazzjonali biex jipprovdu l-ogħla livell prattiku ta' sigurtà.

(*) ĠU L 220, tad-29.8.1977, p. 95. Direttiva kif emendata l-aħħar mill-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003."

*Artikolu 2*

**Miżuri previsti għal persuni b'disabbilità**

Mhux iżjed tard minn 20 ta' April 2008, il-Kummissjoni għandha teżamina proċeduri speċifiċi biex jiġu armonizzati l-ħtiġijiet għal ankoraġġi intiżi biss għall-użu flimkien ma' ċinturin tas-sigurtà għal persuni b'diżabbiltà jew kwalunkwe sistema oħra ta' trażżin imsemmija fl-Artikolu 2a tad-Direttiva 77/541/KEE, ibbażati fuq standards internazzjonali eżistenti u ħtiġijiet legali nazzjonali, sabiex jagħtu livell ta' sigurtà ekwivalenti għal din id-Direttiva. Jekk xieraq, il-Kummissjoni għandha tippreżenta abbozz ta' miżuri. Emendi għal din id-Direttiva għandhom jiġu adottati f'konformità ma' l-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE.

*Artikolu 3*

**Implimentazzjoni**

1. Minn 20 ta' April 2006, fir-rigward ta' l-ankoraġġi għal ċinturini tas-sigurtà, li jikkonformaw mal-ħtiġijiet stabbiliti fid-Direttiva 76/115/KEE kif emendata b'din id-Direttiva, l-Istati Membri m' għandhomx:

(a) jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE, jew approvazzjoni ta' tipi nazzjonali, rigward tip ta' vettura;

(b) jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, bejgħ jew dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda.

2. B'effett minn 20 ta' Ottubru 2006, fir-rigward ta' l-ankoraġġi għal ċinturini tas-sigurtà, li ma jikkonformawx mal-ħtiijiet stabbiliti fid-Direttiva 76/115/KEE kif emendata b'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom, fir-rigward ta' tip ġdid ta' vettura:

(a) ma jibqgħux jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KE;

(b) jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip nazzjonali.

3. Minn 20 ta' Ottubru 2007, fir-rigward ta' l-ankoraġġi għal ċinturini tas-sigurtà li ma jikkonformawx mal-ħtiġijiet stabbiliti fid-Direttiva 76/115/KEE kif emendata b'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom:

(a) jikkunsidraw iċ-ċertifikati ta' konformità li jakkumpanjaw vetturi ġodda bħala li m' għadhomx validi għall-għan ta' l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 70/156/KEE;

(b) jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni, bejgħ jew dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda, ħlief f'każijiet fejn jiġu invokati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 70/156/KEE.

*Artikolu 4*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel 20 ta' April 2006. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

2. Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet minn 21 ta' April 2006.

3. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'tali referenza meta jkunu ppublikati uffiċjalment. Il-metodi ta' kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali, li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 5*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 6*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, nhar is-7 ta' Settembru 2005

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BORRELL FONTELLES | C. CLARKE |

# ID-DIRETTIVA 2005/44/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-7 ta' Settembru 2005

## dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (*RIS*) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) L-użu ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni f'passaġġi fuq l-ilma interni jgħin sabiex jiżdiedu b'mod sinjifikanti is-sigurtà u l-effiċjenza tat-trasport f'passaġġi fuq l-ilma interni.

(2) F'xi Stati Membri diġà qegħdin jintużaw applikazzjonijiet nazzjonali ta' servizzi ta' informazzjoni f'diversi passaġġi fuq l-ilma. Sabiex tiġi żgurata għajnuna navigazzjonali armonizzata, interoperabbli u miftuħa kif ukoll sistema ta' informazzjoni fir-retikolat tal-passaġġi fuq l-ilma interni tal-Komunità, għandhom jiġu introdotti rekwiżiti komuni u speċifikazzjonijiet tekniċi.

(3) Għal raġunijiet ta' sigurtà u fl-interess ta' armonizzazzjoni pan-Ewropej, il-kontenut ta' tali rekwiżiti komuni u speċifikazzjonijet tekniċi għandu jibni fuq xogħol imwettaq f'dan il-kamp minn organnizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, bħall-Assoċjazzjoni Internazzjonali tan-Navigazzjoni (*PIANC*), il-Kummissjoni Ċentrali tan-Nazzjonijiet fuq ir-Rhine (*CCNR*) u l-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE).

(4) Is-sistema ta' Servizzi ta' Informazzjoni tat-Traffiku fix-Xmajjar (*RIS*) għandha tibni fuq sistemi interoperabbli li għandhom ikunu bbażati fuq standards miftuħa u pubbliċi, disponibbli fuq bażi mhux diskriminatorja għall-fornituri u l-utenti tas-sistema kollha.

(5) F'passaġġi fuq l-ilma interni navigabbli nazzjonali li mhumiex konnessi mar-retikolat navigabbli ta' xi Stat Membru ieħor dawn ir-rekwiżiti u speċifikazzjonijiet tekniċi ma għandhomx għalfejn ikunu obbligatorji. Huwa madankollu rakkomandat li s-sistema ta' l-RIS, kif definita f'din id-Direttiva, tkun implementata f'dawk il-passaġġi fuq l-ilma interni u li s-sistemi eżistenti jsiru interoperabbli magħha.

(6) L-iżvilupp ta' l-RIS għandu jkun ibbażat fuq għanijiet bħas-sigurtà, l-effiċjenza u l-kompatibbiltà ambjentali tan-navigazzjoni interna, li jintlaħqu permezz ta' amministrazzjoni tat-traffiku u t-trasport, protezzjoni ambjentali u infrastrutturali u l-infurzar ta' regoli speċifiċi.

(7) Ir-rekwiżiti konnessi ma' l-RIS għandhom mill-inqas jikkonċernaw is-servizzi ta' informazzjoni li għandhom ikunu provduti mill-Istati Membri.

(8) It-twaqqif ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għandu jinkludi sistemi bħal mapep elettroniċi tan-navigazzjoni, rapportaġġ navali elettroniku, inkluża sistema Ewropea tan-numerazzjoni uniformi ta' bastimenti, avviżi lill-kaptani u sistemi navali ta' monitoraġġ u lokalizzazzjoni. Il-kompatibbilità teknika tat-tagħmir meħtieġ għall-użu ta' l-RIS għandha tiġi żgurata permezz ta' kumitat.

(9) Għandha tkun ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Komunità, li jinkoraġġixxu l-utenti sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti konnessi mal-proċeduri u mat-tagħmir, b'kont meħud ta' l-istruttura tal-kumpanniji żgħar u ta' daqs medju tas-settur tan-navigazzjoni interna.

(10) L-introduzzjoni ta' l-RIS ser tirrikjedi l-ipproċessar tad-*data* personali. Tali proċessar għandu jitwettaq skond ir-regoli Komunitarji, kif stabbiliti inter alia fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data* ([3]) u fid-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika ([4]). L-introduzzjoni ta' l-RIS ma għandhiex twassal għal ipproċessar mingħajr kontroll ta' *data* ekonomikament sensittiva dwar operaturi tas-suq.

(11) Għall-finijiet ta' l-RIS li għalih huwa meħtieġ pożizzjonament eżatt, l-użu tal-pożizzjonament bis-satellita għandu jkun rakkomandat. Dawn it-teknoloġiji għandhom, kulfejn huwa possibbli, ikunu interoperabbli ma' sistemi oħrajn rilevanti u għandhom ikunu integrati magħhom, b'konformità mad-deċiżjonijiet applikabbli f'dan il-kamp.

([1]) ĠU C 157, tat-28.6.2005, p. 56.
([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Frar 2005 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2005.
([3]) ĠU L 281, tat-23.11.1995, p. 31. Direttiva kif emendata mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).
([4]) ĠU L 201, tal-31.7.2002, p. 37.

(12) Peress li l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu stabbiliti sistemi ta' l-RIS armonizzati fil-Komunità, ma jistax jintlaħaq b'mod sħiħ mill-Istati Membri u għalhekk jista', minħabba d-dimensjoni Ewropea tiegħu, jintlaħaq aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-trattat. Konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex tikseb dak l-għan.

(13) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([1]).

(14) Skond il-paragrafu 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet ([2]), l-Istati Membri huma mħeġġa jfasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Komunità, tabelli, li safejn ikun possibbli jillustraw il-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni u jagħmluhom pubbliċi,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu I*

**Suġġett**

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas għall-implimentazzjoni u l-użu ta' Servizzi armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (*RIS*) fil-Komunità sabiex jappoġġaw it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni bil-għan li jtejbu s-sigurtà, l-effiċjenza u l-kompatibbiltà ambjentali u sabiex jiffaċilitaw il-kollegament ma' modi oħra ta' trasport.

2. Din id-Direttiva tipprovdi qafas għall-istabbiliment u għal iktar żvilupp ta' rekwiżiti, speċifikazzjonijiet u kondizzjonijiet tekniċi sabiex jiġu żgurati sistemi ta' l-RIS li jkunu armonizzati, interoperabbli u miftuħa fil-passaġġi fuq l-ilma interni tal-Komunità. Tali stabbiliment u iktar żvilupp ta' rekwiżiti, speċifikazzjonijiet u kondizzjonijiet tekniċi għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni, megħjuna mill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 11. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tieħu l-kont dovut tal-miżuri żviluppati mill-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, bħall-PIANC, is-CCNR u l-UNECE. Għandha tiġi żgurata l-kontinwità ma' sistemi modali oħra ta' servizzi ta' amministrazzjoni ta' traffiku, b'mod partikolari mas-servizzi marittimi ta' l-amministrazzjoni tat-traffiku ta' bastimenti u ta' informazzjoni.

([1]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.
([2]) ĠU C 321, tal-31.12.2003, p. 1.

*L-Artikolu 2*

***Kamp ta' Applikazzjoni***

1. Din id-Direttiva tapplika għall-implimentazzjoni u l-operazzjoni ta' l-RIS fil-passaġġi fuq l-ilma interni kollha, ta' l-Istati Membri, tal-klassi IV jew superjuri li huma konnessi permezz ta' passaġġ fuq l-ilma ta' klassi IV jew superjuri ma' passaġġ fuq l-ilma ta' klassi IV jew superjuri ta' Stat Membru ieħor, inklużi l-portijiet fuq tali passaġġi fuq l-ilma kif imsemmija fid-Deċiżjoni Nru 1346/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li temenda d-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE fir-rigward ta' portijiet fuq l-ibħra, portijiet interni u terminals intermodali kif ukoll il-proġett Nru 8 fl-Anness III ([3]). Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandha tapplika l-Klassifikazzjoni tal-Passaġġi fuq l-Ilma Interni Ewropej kif esposta fir-Riżoluzzjoni Nru 30 ta' l-UNECE tat-12 ta' Novembru 1992.

2. L-Istati Membri jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għall-passaġġi fuq l-ilma interni u għall-portijiet interni mhux imsemmija fil-paragrafu 1.

*L-Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Servizzi ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS)" tfisser servizzi armonizzati t' informazzjoni sabiex jappoġġaw l-amministrazzjoni tat-traffiku u tat-trasport fin-navigazzjoni interna, inkluż fejn huwa teknikament possibbli, il-kollegamenti ma' modi oħra ta' trasport. L-RIS ma jirrigwardawx l-attivitajiet kummerċjali interni bejn il-kumpanniji involuti, iżda huma miftuħa għall-kollegament ma' attivitajiet kummerċjali. L-RIS jinkludu servizzi bħal informazzjoni dwar kanali navigabbli, informazzjoni dwar it-traffiku, amministrazzjoni tat-traffiku, għajnuna għat-trattament ta' diżastri, informazzjoni għall-amministrazzjoni tat-trasport, servizzi statistiċi u doganali u ħlasijiet għall-użu tal-passaġġi fuq l-ilma u tal-portijiet;

(b) "Informazzjoni dwar Kanali Navigabbli" tfisser informazzjoni ġeografika, idroloġika u amministrattiva fir-rigward tal-passaġġi interni (kanali navigabbli). L-informazzjoni dwar Kanali Navigabbli hija informazzjoni mogħtija f'direzzjoni waħda: mill-art għall-vapur jew mill-art għall-uffiċċju;

(ċ) "Informazzjoni Tattika tat-Traffiku" tfisser l-informazzjoni li taffettwa d-deċiżjonijiet immedjati navigazzjonali fis-sitwazzjoni attwali tat-traffiku u fiż-żoni ġeografiċi viċini;

(d) "Informazzjoni Strateġika tat-Traffiku" tfisser informazzjoni li taffettwa d-deċiżjonijiet fuq perjodu twil jew medju ta' l-utenti ta' l-RIS;

(e) "applikazzjoni ta' l-RIS" tfisser il-fornitura ta' servizzi ta' informazzjoni tax-xmajjar permezz ta' sistemi mfassla għal dan l-għan speċifiku;

(f) "Ċentru ta' l-RIS" tfisser il-post fejn is-servizzi jkunu amministrati mill-operaturi;

([3]) ĠU L 185, tas-6.7.2001, p. 1.

(g) "Utenti ta' l-RIS" tfisser il-gruppi kollha differenti ta' utenti inklużi l-kaptani tal-bastimenti, l-operaturi ta' l-RIS, l-operaturi tal-bibien ta' l-ilmijiet magħluqa u/jew ta' pontijiet, l-awtoritajiet tal-kanali, l-operaturi tal-portijiet u tat-terminal, l-operaturi f'ċentri ta' reazzjoni kontra d-diżastri stabbiliti fi ħdan servizzi ta' emerġenza, l-amministraturi tal-flotot, it-trasportaturi ta' merkanzija u s-sensara fin-negozju tas-servizzi tat-trasport;

(h) "Interoperabbiltà" tfisser l-armonizzazzjoni tas-servizzi, tal-kontenuti tad-*data*, tal-forom u l-frekwenzi ta' skambju ta' *data* b'tali mod li l-utenti ta' l-RIS ikollhom aċċess għall-istess servizzi u informazzjoni fuq livell Ewropew.

*L-Artikolu 4*

***Twaqqif ta' l-RIS***

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jimplimentaw ir-RIS f'passaġġi fuq l-ilma interni li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 2.

2. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw ir-RIS b'tali mod li l-applikazzjoni ta' l-RIS tkun effiċjenti, espansibbli u interoperabbli sabiex tinteraġixxi ma' applikazzjonijiet oħra ta' l-RIS u, jekk possibbli, ma' sistemi għal modi oħra ta' trasport. Hija għandha wkoll tipprovdi kollegamenti ma' sistemi ta' amministrazzjoni ta' trasport u ma' attivitajiet kummerċjali.

3. Sabiex titwaqqaf l-RIS, l-Istati Membri għandhom:

(a) jipprovdu lill-utenti ta' l-RIS id-*data* kollha rilevanti li tikkonċerna n-navigazzjoni u l-ippjanar ta' vjaġġi fil-passaġġi fuq l-ilma interni. Din id-*data* għandha tkun provduta għallinqas f'forma elettronika aċċessibbli;

(b) jassiguraw li għall-passaġġi fuq l-ilma interni tagħhom kollha tal-klassi Va u superjuri skond il-Klassifikazzjoni tal-Passaġġi fuq l-Ilma Interni, barra d-*data* msemmija fil-punt (a), ikunu aċċessibbli għall-utenti ta' l-RIS mapep elettroniċi tan-navigazzjoni adatti għal għanijiet navigazzjonali;

(ċ) jippermettu, safejn ikun meħtieġ ir-rapportaġġ dwar bastimenti mir-regolamenti nazzjonali jew internazzjonali, lill-awtoritajiet kompetenti li jirċievu rapporti elettroniċi tad-*data* meħtieġa mibgħuta mill-bastimenti. Fit-trasport transkonfinali, din l-informazzjoni għandha tiġi trasmessa lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-istat viċin u kull trasmissjoni bħal din għandha ssir qabel il-wasla tal-bastimenti fil-fruntiera;

(d) jiżguraw li l-avviżi lill-kaptani, inklużi rapporti dwar il-livell ta' l-ilma (jew il-fundar massimu permess) u dwar is-silġ fil-passaġġi fuq l-ilma interni tagħhom, ikunu pprovduti bħala messaġġi standardizzati, kodifikati u li jistgħu jiġu *downloaded*. Il-messaġġ standardizzat għandu jkun fih mill-inqas l-informazzjoni meħtieġa għas-sigurtà fin-navigazzjoni. L-avviżi lill-kaptani għandhom ikunu provduti għallinqas f'forma elettronika aċċessibbli.

L-obbligi msemmija f'dan il-paragrafu għandhom ikunu mwettqa skond l-ispeċifikazzjonijiet definiti fl-Annessi I u II.

4. L-awtoritajiet kompetenti t' l-Istati Membri għandhom iwaqqfu ċentri ta' l-RIS skond il-ħtiġijiet reġjonali.

5. Sabiex isir użu mis-Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatika (AIS) għandu japplika l-Ftehim Reġjonali li jikkonċerna s-servizz radjutelefoniku fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni konkluż f'Basilea fis-6 ta' April 2000 fil-qafas tar-regolamenti tar-radju ta' l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (ITU).

6. L-Istati Membri, jekk ikun opportun f'operazzjoni mal-Komunità, għandhom iħeġġu lill-kaptani tal-bastimenti, l-operaturi, l-aġenti jew is-sidien tal-bastimenti li jbaħħru fil-kanali interni tagħhom, kif ukoll it-trasportaturi marittimi jew il-proprjetarji ta' merkanziji li jinġarru abbord dawn il-bastimenti sabiex japprofittaw bis-sħiħ mis-servizzi li jkunu magħmula disponnibli taħt din id-Direttiva.

7. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri adegwati sabiex tivverifika l-interoperabbilta', l-affidabbiltà u s-sigurtà ta' l-RIS.

*L-Artikolu 5*

**Linji gwida u speċifikazzjonijiet**

1. Sabiex ikunu appoġġati l-RIS u sabiex tkun żgurata l-interoperabbiltà ta' dawn is-servizzi kif meħtieġ mill-Artikolu 4(2), il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi, bi qbil mal-paragrafu 2, linji gwida tekniċi għall-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-użu operattiv tas-servizzi (linji gwida RIS) kif ukoll speċifikazzjonijiet tekniċi b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

(a) *Display* Elettroniku tal-Mapep u Sistema ta' Informazzjoni għan-Navigazzjoni Interna (ECDIS Interna);

(b) Rapportaġġ Elettroniku tal-Bastimenti;

(ċ) Avviżi lill-Kaptani;

(d) Sistemi ta' Monitoraġġ u Lokalizzazzjoni ta' Bastimenti;

(e) Kompatibbiltà tat-tagħmir meħtieġ għall-użu ta' l-RIS.

Dawn il-linji gwida u speċifikazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji tekniċi stabbiliti fl-Anness II u għandhom jieħdu kont tal-ħidma mwettqa f'dan il-kamp mill-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti.

2. Il-linji gwida u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu stabbiliti u, fejn xieraq, emendati mill-Kummissjoni skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 11(3). L-istabbiliment għandu jsir skond l-iskeda kronoloġika li ġejja:

(a) il-linji gwida ta' l-RIS mhux iktar tard minn 20 Ġunju ta' l-2006;

(b) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi relatati ma' l-ECDIS Interna, mar-Rapportaġġ Elettroniku tal-Bastimenti u ma' l-Avviżi lill-Kaptani mhux iktar tard minn 20 Ottubru ta' l-2006;

(ċ) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi relatati mas-Sistemi ta' Monitoraġġ u Lokalizzazzjoni ta' Bastimenti mhux iktar tard minn 20 Diċembru ta' l-2006.

3. Il-linji gwida u l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-RIS għandhom jiġu pubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*L-Artikolu 6*

**Pożizzjonament bis-Satellita**

Għall-għanijiet ta' l-RIS, li għalih il-pożizzjonament preċiż huwa meħtieġ, l-użu ta' teknoloġiji tal-pożizzjonament biss-satellita huwa rakkomandat.

*L-Artikolu 7*

***Approvazzjoni tat-tip tat-tagħmir ta' RIS***

1. Fejn ikun meħtieġ għas-sigurtà fin-navigazzjoni u fejn ikun rekwiżit mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti, it-tagħmir tat-terminali u r-retikolati ta' l-RIS u l-applikazzjonijiet tas-*software* għandhom ikunu tat-tip approvat bħala kontroll tal-konformità tagħhom ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet qabel ma jitpoġġew fis-servizz f'passaġġi fuq l-ilma interni.

2. L-Istati Membri għandhom javżaw lill-Kummissjoni bil-korpi nazzjonali responsabbli mill-approvazzjoni tat-tip. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika tali informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

3. L-Istati Membri kollha għandhom jirrikonoxxu ċ-ċertifikati ta' l-approvazzjoni tat-tip maħruġa mill-korpi nazzjonali ta' l-Istati Membri l-oħra imsemmija fil-paragrafu 2.

*L-Artikolu 8*

**Awtoritajiet kompetenti**

L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet kompetenti għall-applikazzjonijiet ta' l-RIS u għall-iskambju internazzjonali tad-*data*. Il-Kummissjoni għandha tiġi notifikata b'dawn l-awtoritajiet.

*L-Artikolu 9*

***Regoli dwar il-privatezza, is-sigurtà u l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni***

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ipproċessar ta' *data* personali meħtieġa għall-operazzjoni ta' l-RIS jitwettaq skond ir-regoli Komunitarji li jipproteġu l-libertajiet u d-drittijiet fundamentali ta' l-individwi, inklużi d-Direttivi 95/46/KE u 2002/58/KE.

2. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw u jżommu operattivi miżuri ta' sigurtà sabiex jipproteġu l-messaġġi u r-rekords ta' l-RIS minn avvenimenti inkonvenjenti jew minn użu ħażin inkluż l-aċċess mhux xieraq, l-alterazzjoni u t-telf.

3. Għandha tapplika d-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku [1].

*L-Artikolu 10*

***Proċedura ta' emenda***

L-Annessi I u II jistgħu jiġu emendati fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u adattati għall-progress tekniku skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 11(3).

*L-Artikolu 11*

**Proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat imwaqqaf permezz ta' l-Artikolu 7 tad-Direttiva 91/672/KEE tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-*boatmasters* nazzjonali għat-trasportazzjoni ta' merkanzija u ta' passiġġieri permezz ta' passaġġi interni fuq l-ilma [2].

2. Fejn isir riferiment għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

3. Fejn isir riferiment għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

4. Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi iffissat għal tliet xhur.

5. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta regolarment ir-rappreżentanti tas-settur.

*L-Artikolu 12*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri li għandhom passaġġi fuq l-ilma interni li għalihom japplika l-Artikolu 2 għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa' 20 Ottubru ta' l-2007. Huma għandhom minnufih jinformaw lill-Kummissjoni bihom.

---

(1) ĠU L 345, tal-31.12.2003, p. 90.

(2) ĠU L 373, tal-31.12.1991, p. 29. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom jinkuldu riferiment għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu mehmużin minn tali riferiment fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandu jsir tali riferiment.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4 mhux iktar tard minn 30 xhar wara d-dħul fis-seħħ tal-linji gwida tekniċi u l-ispeċifikazzjonijiet rilevanti msemmija fl-Artikolu 5. Il-linji gwida u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jidħlu fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

3. Fuq talba ta' xi Stat Membru, il-Kummissjoni tista' testendi skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 11(2), il-perjodu previst fil-paragrafu 2 għall-implimentazzjoni ta' xi rekwiżit jew aktar ta' l-Artikolu 4 fir-rigward ta' passaġġi fuq l-ilma interni li għalihom japplika l-Artikolu 2 iżda li jkollhom densità baxxa ta' traffiku, jew fir-rigward ta passaġġi fuq l-ilma interni li għalihom l-ispiża ta' tali implimentazzjoni ma tkunx proporzjonata mal-benefiċċji tagħha. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'deċiżjoni sempliċi tal-Kummissjoni; l-estensjoni tista' tiġi mġedda. Il-ġustifikazzjoni li għandha tiġi provduta mat-talba ta' l-Istat Membru għandha tirreferi għad-densità tat-traffiku u għall-kondizzjonijiet ekonomiċi f'dak il-passaġġ fuq l-ilma in kwistjoni. Sakemm il-Kummissjoni tkun għadha ma ħaditx id-deċiżjoni tagħha, l-Istat Membru li jkun talab estensjoni jista' jkompli l-operazzjonijiet tiegħu daqs li kieku l-estensjoni ġiet approvata.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam iggvernat minn din id-Direttiva.

5. Fejn meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jgħinu lil xulxin fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

6. Il-Kummissjoni għandha tagħmel monitoraġġ tat-twaqqif ta' l-RIS fil-Komunità u għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa 20 Ottubru ta' l-2008.

*L-Artikolu 13*

## Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*L-Artikolu 14*

## Indirizzati

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri li għandhom passaġġi fuq l-ilma interni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 2.

Magħmula fi Strasburgu, nhar is-7 ta' Settembru 2005,

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BORRELL FONTELLES | C. CLARKE |

*L-ANNESS I*

**REKWIŻITI MINIMI TA' *DATA***

Kif imsemmi fl-Artikolu 4(3)(a), b'mod partikolari, id-*data* li ġejja għandha tiġi fornita:

— Il-linja tal-passaġġ fuq l-ilma b'indikazzjoni kilometrika,

— Restrizzjonijiet għal bastimenti jew konvoj f'termini ta' tul, wisa', fundar jew kurrenti ta' l-arja,

— Ħinijiet ta' operazzjoni ta' strutturi restrittivi, b'mod partikolari ta' bibien ta' ilmijiet magħluqa u ta' pontijiet,

— Pożizzjoni ta' portijiet u siti ta' trażbord,

— Data ta' riferiment għal kejl standard tal-livell ta' l-ilma rilevanti għan-navigazzjoni.

*L-ANNESS II*

## PRINĊIPJI GĦAL-LINJI GWIDA U GĦALL-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI TA' L-RIS

### 1. **Linji gwida ta' l-RIS**

Il-linji gwida ta' l-RIS imsemmija fl-Artikolu 5 għandhom jirrispettaw il-prinċipji li ġejjin:

(a) l-indikazzjoni ta' rekwiżiti tekniċi għall-ippjanar, implimentazzjoni u użu operattiv ta' servizzi u sistemi relatati,

(b) l-arkitettura u l-organizzazzjoni ta' l-RIS, u

(ċ) rakkomandazzjonijiet għal bastimenti sabiex jieħdu sehem fir-RIS, għal servizzi individwali u għall-iżvilupp gradwali ta' l-RIS.

### 2. **ECDIS Interna**

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom jiġu stabbiliti skond l-Artikolu 5 għal sistema elettronika ta' *display* tal-mapep u ta' informazzjoni (ECDIS Interna) għandhom jirrispettaw il-prinċipji li ġejjin:

(a) kompatibbiltà ma' l-ECDIS marittima sabiex ikun faċilitat it-traffiku ta' bastimenti interni f'żoni mħallta ta' traffiku fl-estwarji u tat-traffiku bejn il-baħar u x-xmajjar,

(b) id-definizzjoni ta' rekwiżiti minimi għal tagħmir ta' l-ECDIS Interna kif ukoll il-kontenut minimu ta' mapep elettroniċi tan-navigazzjoni bl-għan tas-sigurtà fin-navigazzjoni, b'mod partikolari:

— livell għoli ta' affidabbiltà u aċċessibbiltà tat-tagħmir ta' l-ECDIS Interna użat,

— ir-robustezza tat-tagħmir ta' l-ECDIS Interna sabiex jirreżisti l-kondizzjonijiet ambjentali li tipikament jeżistu abbord ta' bastiment mingħajr tnaqqis fil-kwalità jew fl-affidabbiltà,

— l-inklużjoni fil-mappa elettronika tan-navigazzjoni ta' kull tip ta' oġġetti ġeografiċi (eż. fruntieri tal-kanali navigabbli, kostruzzjonijiet max-xatt, sinjali ta' allarm) li huma meħtieġa għas-sigurtà fin-navigazzjoni,

— il-monitoraġġ tal-mappa elettronika b'immaġni tar-radar sovrapposta fuqha meta wżata għat-treġija tal-bastiment,

(ċ) l-integrazzjoni ta' informazzjoni dwar il-fond fil-kanal navigabbli fuq il-mappa elettronika tan-navigazzjoni u d-*display* elettroniku għal livell ta' l-ilma predefinit jew attwali,

(d) l-integrazzjoni ta' informazzjoni addizzjonali (eż. ta' partijiet oħra barra l-awtoritajiet kompetenti) fil-mappa elettronika tan-navigazzjoni u d-*display* elettroniku fl-ECDIS Interna mingħajr ma tkun milquta l-informazzjoni meħtieġa għas-sigurtà fin-navigazzjoni,

(e) id-disponibbiltà tal-mapep elettroniċi tan-navigazzjoni għall-utenti ta' l-RIS,

(f) id-disponibbiltà tad-*data* għall-mapep elettroniċi tan-navigazzjoni għall-manifatturi kollha ta' l-applikazzjonijiet, fejn xieraq bil-ħlas relatat ma' l-ispiża b'mod raġjonevoli.

### 3. **Rapportaġġ Elettroniku tal-Bastimenti**

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għar-Rapportaġġ Elettroniku tal-Bastimenti fin-navigazzjoni interna konformement ma' l-Artikolu 5 għandhom jirrispettaw il-prinċipji li ġejjin:

(a) il-faċilitazzjoni ta' l-iskambju ta' data elettronika bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, bejn il-parteċipanti fin-navigazzjoni interna kif ukoll marittima u fit-trasport multi-modali fejn tkun involuta n-navigazzjoni interna,

(b) l-użu ta' messaġġ ta' notifika ta' trasport standardizzat għal messaġġi bejn il-vapur u l-awtorità, bejn l-awtorità u l-vapur u bejn awtorità u oħra sabiex tinkiseb il-kompatibbiltà man-navigazzjoni marittima,

(ċ) l-użu ta' listi ta' kodiċi u klassifikazzjonijiet aċċettati internazzjonalment, possibbilment miżjuda għal ħtiġijiet addizzjonali ta' navigazzjoni interna,

(d) l-użu ta' sistema uniformi ta' numru ta' identifikazzjoni għal bastimenti Ewropej.

4. **Avviżi lill-Kaptani**

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-Avviżi lill-Kaptani konformement ma' l-Artikolu 5, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-informazzjoni tal-kanali navigabbli, l-informazzjoni u l-amministrazzjoni tat-traffiku kif ukoll l-ippjanar tal-vjaġġi, għandhom jirrispettaw il-prinċipji li ġejjin:

(a) struttura standardizzata ta' data li tuża moduli predefiniti ta' test u kodifikati f'livell għoli sabiex jippermetti traduzzjoni awtomatika ta' l-iktar kontenut importanti f'lingwi oħra u sabiex jiffaċilita l-integrazzjoni ta' avviżi lill-kaptani fis-sistemi ta' l-ippjanar tal-vjaġġi,

(b) kompatibbiltà ta' l-istruttura standardizzata tad-data ma' l-istruttura ta' data ta' l-ECDIS Interna sabiex tkun faċilitata l-integrazzjoni ta' l-avviżi lill-kaptani fl-ECDIS Interna.

5. **Sistemi ta' monitoraġġ u lokalizzazzjoni ta' bastimenti**

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għas-sistemi ta' monitoraġġ u lokalizzazzjoni ta' bastimenti konformement ma' l-Artikolu 5 għandhom jirrispettaw il-prinċipji li ġejjin:

(a) id-definizzjoni tar-rekwiżiti ta' sistemi u tal-messaġġi standard kif ukoll tal-proċeduri sabiex dawn ikunu jistgħu jiġi provduti b'mod awtomatiku,

(b) id-differenzjament bejn sistemi xierqa għar-rekwiżiti ta' informazzjoni tattika tat-traffiku u sistemi xierqa għar-rekwiżiti ta' informazzjoni strateġika tat-traffiku, kemm fir-rigward tal-preċiżjoni fil-pożizzjonament u kemm fir-rata ta' l-aġġornament meħtieġ,

(ċ) id-deskrizzjoni tas-sistemi tekniċi rilevanti għall-monitoraġġ u l-lokalizzazzjoni tal-bastimenti, bħall-AIS Interna (Sistema Interna ta' Identifikazzjoni Awtomatika),

(d) kompatibbiltà ta' forom ta' data mas-sistema marittima AIS.

# ID-DIRETTIVA 2005/45/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-7 ta' Settembru 2005

## dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ċertifikati tal-baħħara maħruġa mill-Istati Membri u li temenda d-Direttiva 2001/25/KE

**(Test b' relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat [2],

Billi:

(1) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-5 ta' Ġunju 2003 dwar titjib fl-immaġini tat-trasport bil-baħar Komunitarju u dwar it-tħajjir ta' żgħażagħ lejn il-professjoni ta' baħħara, il-Kunsill ġibed l-attenzjoni għall-ħtieġa li titrawwem il-mobilità professjonali tal-baħħara fl-Unjoni Ewropea, b'enfasi partikolari fuq il-proċeduri ta' rikonoxximent ta' ċertifikati ta' kompetenza tal-baħħara, filwaqt li tiġi żgurata konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni ta' l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara, ta' l-1978 (Konvenzjoni STCW) kif emendata minn żmien għal żmien.

(2) It-trasport marittimu huwa settur ta' karattru partikolarment internazzjonali li qed jiżviluppa b'mod intensiv u mgħaġġel. B'hekk, meta jitqies in-nuqqas dejjem jikber ta' baħħara tal-Komunità, il-bilanċ bejn il-provvista u t-talba għal persunal jista' jinżamm b'mod iktar effiċjenti fil-livell tal-Komunità, milli fil-livell nazzjonali. Huwa għalhekk essenzjali li l-politika komuni dwar it-trasport fil-qasam tat-trasport marittimu tiġi estiża sabiex tiffaċilita il-moviment ta' baħħara fil-Komunità.

(3) Fir-rigward ta' kwalifiki tal-baħħara, il-Komunità stabbiliet rekwiżiti minimi ta' edukazzjoni marittima, taħriġ u ċertifikazzjoni permezz tad-Direttiva 2001/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' April 2001 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara [3]. Dik id-Direttiva tinkorpora fil-liġi Komunitarja l-istandards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa stabbiliti mill-Konvenzjoni STCW.

(4) Id-Direttiva 2001/25/KE tipprovdi li baħħara għandhom ikollhom ċertifikat ta' kompetenza maħruġ u approvat mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skond dik id-Direttiva u li jintitola lid-detentur legali tiegħu li jaħdem fuq il-vapuri fil-kapaċità fih speċifikata u li jwettaq il-funzjonijiet involuti fil-livell ta' responsabbiltà fih speċifikata.

(5) Taħt id-Direttiva 2001/25/KE, ir-rikonoxximent reċiproku bejn Stati Membri ta' ċertifikati miżmuma minn baħħara sew jekk ċittadini ta' xi Stat Membru u sew jekk m'humiex huwa suġġett għad-Direttivi 89/48/KEE [4] u 92/51/KEE [5] li jistabbilixxu, rispettivament l-ewwel u t-tieni sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' edukazzjoni u taħriġ professjonali. Dawk id-Direttivi ma jipprovdux għar-rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifiki formali ta' baħħara, billi l-baħħara jistgħu ikunu suġġetti għal miżuri ta' kumpens.

(6) Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi kwalunkwe ċertifikat u prova oħra ta' kwalifiki formali maħruġa minn Stat Membru ieħor skond id-Direttiva 2001/25/KE. Għaldaqstant, kull Stat Membru għandu jippermetti baħħar li jkun kiseb iċ-ċertifikat ta' kompetenza tiegħu fi Stat Membru ieħor, u li jkun jissodisfa ir-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva, li jaqbad jew isegwi l-professjoni marittima li fiha huwa kwalifikat, mingħajr prerekwiżiti oħra ħlief dawk imposti fuq ċittadini tiegħu stess.

(7) Peress li din id-Direttiva hija mmirata sabiex tiffaċilita r-rikonoxximent reċiproku ta' ċertifikati, din ma tirregolax il-kondizzjonijiet dwar l-aċċess għax-xogħol.

(8) Il-Konvenzjoni STCW tispeċifika rekwiżiti ta' lingwi għall-baħħara. Dawn ir-rekwiżiti għandhom ikunu introdotti fil-liġi Komunitarja sabiex jiżguraw komunikazzjoni effettiva abbord il-vapuri u tiffaċilita il-moviment liberu tal-baħħara fil-Komunità.

[1] ĠU C 157, tat-28.6.2005, p. 53.

[2] Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Frar 2005 (għada mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2005.

[3] ĠU L 136, tat-18.5.2001, p. 17. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/23/KE (ĠU L 62, tad-9.3.2005, p. 14).

[4] Direttiva tal-Kunsill 89/48/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni għolja mogħtija mal-kompletar ta' edukazzjoni u taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin (ĠU L 19, ta' l-24.1.1989, p. 16). Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2001/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 206, tal-31.7.2001, p. 1).

[5] Direttiva 92/51/KEE tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 1992 dwar it-tieni sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' edukazzjoni u taħriġ professjonali sabiex tiġi ssupplimenta d-Direttiva 89/48/KEE (ĠU L 209, ta' l-24.7.1992, p. 25). Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/108/KE (ĠU L 32, tal-5.2.2004, p. 15).

(9) Illum, il-proliferazzjoni ta' ċertifikati ta' kompetenza tal-baħħara li jinkisbu bi frodi joħloq periklu serju għas-sigurtà fuq il-baħar u għall-protezzjoni ta' l-ambjent tal-baħar. Fil-parti l-kbira tal-każijiet, id-detenturi ta' ċertifikati frawdolenti ma jilħqux ir-rekwiżiti minimi ta' ċertifikazzjoni tal-Konvenzjoni STCW. Dawn il-baħħara jistgħu faċilment ikunu involuti f'inċidenti marittimi.

(10) Stati membri għandhom għalhekk jieħdu u jinfurżaw miżuri speċifiċi sabiex jipprevjenu u jippenalizzaw prattiċi frawdolenti marbuta ma' ċertifikati ta' kompetenza kif ukoll li jsegwu l-isforzi tagħhom fl-IMO sabiex jintlaħaq ftehim strett u infurzabbli dwar il-ġlieda globali kontra dawn il-prattiċi. Il-Kumitat dwar Ibħra Siguri u dwar il-Prevenzjoni ta' tniġġis minn Vapuri (COSS) huwa forum xieraq għall-iskambju ta' informazzjoni, esperjenza u l-aħjar prattiċi f'dan ir-rigward.

(11) Ir-Regolament (KE) Nru. 1406/2002 [1] stabbilixxa Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà Marittima ("l-Aġenzija"), bl-iskop li jiġi żgurat livell għoli, uniformi u effettiv ta' sigurtà marittima u ta' prevenzjoni ta' tniġġis mill-vapuri. Wieħed mid-doveri mogħtija lill-aġenzija huwa li tassisti lill-Kummissjoni fit-twettiq ta' kwalunkwe dover mogħti lilha mill-leġiżlazzjoni tal-Komunità applikabbli għat-taħriġ, għaċ-ċertifikazzjoni u għall-għassa ta' ekwipaġġi ta' vapuri.

(12) L-Aġenzija għandha għaldaqstant tassisti lill-Kummissjoni fil-verifika li l-Istati Membri huma konformi mar-rekwiżiti mniżżla f'din id-Direttiva u d-Direttiva 2001/25/KE.

(13) Ir-rikonoxximent reċiproku bejn l-Istat Membri ta' ċertifikati miżmuma minn baħħara, sew jekk ċittadini ta' xi Stat Membru u sew jekk m'humiex, m'għandux jibqa' suġġett għad-Direttivi 89/48/KEE u 92/51/KEE, iżda għandu jkun regolat minn din id-Direttiva.

(14) Id-Direttiva 2001/25/KE għandha għaldaqstant tiġi emendata skond dan.

(15) Peress li l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri r-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-baħħara maħruġa mill-Istati Membri, ma jistax jintlaħaq b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk jintlaħaq aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f' dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak il-għan.

(16) Skond il-paragrafu 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar leġiżlazzjoni aħjar [2], l-Istati Membri huma mħeġġa biex ifasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Komunità, tabelli li, sa fejn ikun possibbli, juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' trasposizzjoni tagħha u jagħmluhom pubbliċi.

[1] Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà Marittima (ĠU L 208, tal-5.8.2002, p. 1). Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru. 724/2004 (ĠU L 129, tad-29.4.2004, p. 1).

[2] ĠU C 321, tal-31.12.2003, p. 1.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Din id-Direttiva għandha tapplika għal baħħara li huma:

(a) ċittadini ta' xi Stat Membru;

(b) persuni mhux ċittadini ta' xi Stat Membru li huma detenturi ta' ċertifikat maħruġ minn xi Stat Membru.

*L-Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "baħħar" tfisser persuna li hija mħarrġa u li hija ċċertifikata minn xi Stat Membru mill-inqas skond ir-rekwiżiti mniżżla fl-Anness I tad-Direttiva 2001/25/KE;

(b) "ċertifikat" tfisser dokument validu skond it-tifsira ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/25/KE;

(ċ) "ċertifikat xieraq" tfisser ċertifikat kif definit fl-Artikolu 1 (27) tad-Direttiva 2001/25/KE;

(d) "approvazzjoni" tfisser dokument validu maħruġ mill-awtorita kompetenti ta' Stat Membru skond l-Artikolu 5(2) u (6) tad-Direttiva 2001/25/KE;

(e) "rikonoxximent" tfisser l-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ospitanti ta' ċertifikat jew ċertifikat xieraq maħruġ minn Stat Membru ieħor;

(f) "Stat Membru ospitanti" tfisser kwalunkwe Stat Membru li fih baħħar ifittex ir-rikonoxximent taċ-ċertifikat/i xieraq/xierqa jew ta' ċertifikati oħra;

(g) "Konvenzjoni STCW" tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara, ta' l-1978, kif emendata minn żmien għal żmien;

(h) "Kodiċi STCW" tfisser il-Kodiċi tat-Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa tal-Baħħara, kif adottat bir-Resoluzzjoni 2 tal-Konferenza STCW tal-Partijiet ta' l-1995, kif emendat minn żmien għal żmien;

(i) "l-Aġenzija" tfisser l-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà Marittima, stabbilita bir-Regolament (KE) Nru. 1406/2002.

*L-Artikolu 3*

**Rikonoxximent ta' ċertifikati**

1. Kull Stat membru għandu jirrikonoxxi ċertifikati xierqa jew ċertifikati oħra maħruġa minn Stat Membru ieħor skond ir-rekwiżiti mniżżla fid-Direttiva 2001/25/KE.

2. Ir-rikonoxximent ta' ċertifikati xierqa għandu jkun limitat għall-kapaċitajiet, il-funzjonijiet u l-livelli ta' kompetenza kif jingħad fihom stess u għandhom ikunu akkumpanjati b'approvazzjoni li tixhed dak ir-rikonoxximent.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm dritt għal appell kontra kull ċaħda ta' approvazzjoni ta' ċertifikat validu, jew kontra nuqqas ta' risposta, skond il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri nazzjonali.

4. Minkejja l-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ospitanti jistgħu jimponu iktar limitazzjonijiet fuq il-kapaċitajiet, il-funzjonijiet u l-livelli ta' kompetenza li jkollhom x'jaqsmu ma' vjaġġi qrib ix-xatt, kif jingħad fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2001/25/KE, jew fuq ċertifikati alternattivi maħruġa taħt r-regolament VII/1 ta' l-Anness 1 mad-Direttiva 2001/25/KE.

5. Stat Membru ospitanti għandu jiżgura li baħħara li jippreżentaw għar-rikonoxximent ċertifikati għal funzjonijiet fil-livell ta' amministrazzjoni ikollhom għarfien xieraq tal-leġiżlazzjoni marittima ta' dak l-Istat Membru li tkun rilevanti għall-funzjonijiet li huma jkunu permessi li jwettqu.

*L-Artikolu 4*

**Emendi għad-Direttiva 2001/25/KE**

Id-Direttiva 2001/25/KE qiegħda hawn tiġi emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 4 għandu jkun mibdul b'dan li ġej

   "*L-Artikolu 4*

   **Ċertifikat**

   Ċertifikat għandu jkun kwalunkwe dokument validu, bi kwalunkwe isem li bih jista' jkun magħruf, maħruġ minn jew taħt l-awtorità ta' l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skond l-Artikolu 5 u skond ir-rekwiżiti mniżżla fl-Anness I.";

2. Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

   "*L-Artikolu 7a*

   **Prevenzjoni ta' frodi u prattiċi illegali oħra**

   1. L-Istati Membri għandhom jieħdu u jinfurzaw il-miżuri xierqa sabiex jipprevjenu l-frodi u prattiċi llegali oħra li jinvolvu l-proċess ta' ċertifikazzjoni jew ċertifikati maħruġa u approvati mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom, u għandhom jipprovdu għal pieni li jkunu effettivi, proporzjonati u disswasivi.

   2. L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti sabiex jikxfu u jiġġieldu l-frodu u prattiċi oħra illegali u jpartu informazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri u ta' pajjiżi terzi dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' baħħara.

   L-Istati Membri għandhom jinfurmaw bid-dettalji ta' dawn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni minnufih.

   L-Istati Membri għandhom ukoll jinfurmaw minnufih bid-dettalji ta' dawn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti lil kwalunkwe pajjiż terz li miegħu huma daħlu f'xi qbil skond ir-Regolament I/10, paragrafu 1.2 tal-Konvenzjoni STCW.

   3. Fuq talba ta' Stat Membru ospitanti, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor għandhom jipprovdu konferma jew ċaħda bil-miktub ta' l-awtentiċità ta' ċertifikati ta' baħħara, ta' approvazzjonijiet korrispondenti jew ta' kwalunkwe prova dokumentarja oħra ta' taħriġ maħruġa f'dak l-Istat Membru l-ieħor.";

3. L-Artikolu 18(1) u (2) għandu jitħassar b'effett minn 20 ta' Ottubru 2007;

4. Għandhom jiddaħlu l-Artikoli li ġejjin:

   "*L-Artikolu 21a*

   **Monitoraġġ regolari tal-konformità**

   Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 226 tat-Trattat, il-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurta' Marittima, stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 (*), għandha tivverifika fuq bażi regolari u mill-inqas kull ħames snin li l-Istati Membri ikunu konformi mar-rekwiżiti minimi mniżżla f'din id-Direttiva.

   *Artikolu 21b*

   **Rapport ta' konformità**

   Mhux iktar tard minn 20 ta' Ottubru 2010 l-Kumissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni imfassal abbażi ta' l-informazzjoni miksuba skond l-Artikolu 21a. F'dan ir-rapport il-Kummissjoni għandha tanalizza l-konformità ta' l-Istati Membri ma' din id-Direttiva u, fejn meħtieġ, tagħmel proposti għal miżuri addizzjonali.

   (*) Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà Marittima (ĠU L 208, tal-5.8.2002, p. 1). Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru. 724/2004 (ĠU L 129, tad-29.4.2004 p. 1).";

5. Fl-Anness I, Kapitolu I għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

   "1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-baħħara jkollhom kapaċita' xierqa fil-lingwa, kif definit fit-Taqsimiet A-II/1, A-III/1, A-IV/2 u A-II/4 tal-Kodiċi STCW sabiex ikunu jistgħu iwettqu d-dmirijiet speċifiċi tagħhom fuq bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru ospitanti.".

*L-Artikolu 5*

**Trasposizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa 20 ta' Ottubru 2007. Huma għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni minnufih.

Meta Stati Membri- jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu ikun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b' din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-modi ta' kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ta' liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*L-Artikolu 6*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*L-Artikolu 7*

**Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, nhar is-7 ta' Settembre 2005

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BORRELL FONTELLES | C. CLARKE |

*(Atti adottati skond it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.)*

# ID-DEĊIŻJONI KWADRU TAL-KUNSILL 2005/667/ĠAI

## tat-12 ta' Lulju 2005

## għat-tisħiħ tal-qafas tal-liġi kriminali għall-infurzar tal-liġi kontra t-tniġġis minn bastimenti

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(1)(e) u l-Artikoli 34(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-aħjar mod li bih għandhom jiġu implimentati d-disposizzjonijiet tat-Trattat ta' Amsterdam dwar żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ([2]) u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere tal-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, u partikolarment il-punt 48 tagħhom, isejħu għal proposti għal leġislazzjoni sabiex tiġi miġġielda l-kriminalità ambjentali, partikolarment l-introduzzjoni ta' pieni komuni u ta' garanziji proċedurali komparabbli.

(2) Il-ġlieda kontra t-tniġġiż minn bastimenti, kemm jekk bil-ħsieb kif ukoll jekk b'nuqqas serju ta' diliġenza, tikkostitwixxi waħda mil-prijoritajiet ta' l-Unjoni. Il-punti 32 sa 34 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen tat-12 u t-13 ta' Diċembru 2002 u d-dikjarazzjoni tal-Kunsill tal-ĠAI tad-19 ta' Diċembru 2002 wara n-nawfraġju tat-tanker Prestige, b'mod partikolari, jesprimu d-determinazzjoni ta' l-Unjoni li tadotta l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiġu evitati rikorrenzi ta' tali ħsara.

(3) Għal dan il-għan, kif iddikjarat il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-titjib tas-sigurtà fuq il-baħar b'risposta għall-aċċident tal-Prestige, il-liġijiet ta' l-Istati Membri għandhom jiġu approssimati.

(4) L-għan tad-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar it-tniġġiż minn bastimenti u dwar l-introduzzjoni ta' pieni għall-ksur ([3]) u l-għan ta' din id-Deċiżjoni Kwadru, li tissupplimenta d-Direttiva 2005/35/KE b'regoli dettaljati f'materji kriminali, huwa li jwettqu din l-approssimazzjoni.

(5) Din id-Deċiżjoni Kwadru, ibbażata fuq l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, hija l-istrument adatt sabiex jiġi impost fuq l-Istati Membri l-obbligu li jipprovdu għal pieni kriminali.

(6) Minħabba n-natura speċifika tal-kondotta indirizzata, għandhom jiġu introdotti penali komuni fir-rigward ta' persuni ġuridiċi.

(7) Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-1982 dwar il-Liġi tal-Baħar, iffirmata mill-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni u mill-Komunità Ewropea bħala Parti, hija partikolarment importanti fil-kuntest tal-koperazzjoni.

(8) Għandha tiġi organizzata l-aqwa koperazzjoni possibbli bejn l-Istati Membri sabiex tiġi żgurata t-trasmissjoni rapida ta' informazzjoni minn Stat Membru għall-ieħor. Għandhom jiġu nominati u identifikati punti ta' kuntatt.

(9) Billi l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri separatament u għalhekk jistgħu, minħabba n-natura transkonfinali tal-ħsara li tista' tiġi kawżata mill-kondotta konċernata, jintlaħqu aħjar fil-livell ta' l-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. Konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni Kwadru ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex tikseb dawk l-għanijiet.

(10) Din id-Deċiżjoni Kwadru tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

(11) Din id-Deċiżjoni Kwadru ma fihiex obbligu espliċitu għall-Istati Membri li jikkonfinaw ma' istretti wżati għan-navigazzjoni internazzjonali suġġetti għar-reġim ta' passaġġ ta' transitu, kif stabbilit fil-Parti III, Taqsima 2 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-1982 dwar il-Liġi tal-Baħar, li jistabbilixxu ġurisdizzjoni fir-rigward ta' reati kommessi f'tali stretti. Il-ġurisdizzjoni fir-rigward ta' reati għandha tiġi stabbilita skond il-liġi internazzjonali u b'mod partikolari skond l-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-1982 dwar il-Liġi tal-Baħar.

([1]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Jannar 2004 (ĠU C 92, tas-16 ta' April 2004, p. 19).
([2]) ĠU C 19, tat-23.1.1999, p. 1.
([3]) Ara p. 11 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(12) L-applikazzjoni prattika tal-miżuri meħuda mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tkun verifikata mill-Kummissjoni li għandha, fi żmien ħames snin mid-data ta' l-implementazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru, tippreżenta rapport lill-Kunsill. Dan ir-rapport jista' jinkludi proposti adatti.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI KWADRU:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet previsti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2005/35/KE.

*Artikolu 2*

**Reati kriminali**

1. Suġġett għall-Artikolu 4(2) ta' din id-Deċiżjoni Kwadru, kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiġi żgurat li ksur fis-sens ta' l-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 2005/35/KE jitqies bħala reat kriminali.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal membri ta' ekwipaġġi fir-rigward ta' ksur li jseħħ fi stretti wżati għan-navigazzjoni internazzjonali, f'żoni ekonomiċi esklussivi u fl-ibħra internazzjonali fejn ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I, Regolament 11(b) jew fl-Anness II, Regolament 6(b), tal-MARPOL 73/78.

*Artikolu 3*

**Għajnuna, kompliċità u inċitament**

Kull Stat Membru għandu, skond il-liġi nazzjonali, jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li l-għajnuna jew il-kompliċità jew l-inċitament ta' reat imsemmi fl-Artikolu 2 ikunu punibbli.

*Artikolu 4*

**Pieni**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li r-reati msemmija fl-Artikolu 2 u 3 ikunu punibbli b'pieni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi li għandhom jinkludu, almenu għall-każijiet serji, pieni kriminali ta' massimu ta' mill-inqas bejn sena u tliet snin priġunerija.

2. F'każijiet minuri, fejn l-att kommess ma jikkawżax deterjorazzjoni tal-kwalità ta' l-ilma, Stat Membru jista' jipprevedi pieni ta' tip differenti minn dawk stabbiliti fil-paragrafu 1.

3. Il-pieni kriminali previsti fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu akkumpanjati b'pieni jew miżuri oħra, b'mod partikolari multi, jew bl-iskwalifika ta' persuna fiżika mill-eżerċizzju ta' attività li tirrikjedi awtorizzazzjoni jew approvazzjoni uffiċjali, jew milli twaqqaf, tamministra jew tmexxi kumpannija jew fundazzjoni, fejn il-fatti li wasslu għall-kundanna tiegħu/tagħha juru riskju ovvju li jista' jerġa' jiġi segwit l-istess tip ta' attività krminali.

4. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li r-reat kommess bil-ħsieb imsemmi fl-Artikolu 2 ikun punibbli b'massimu ta' mill-inqas bejn ħames u għaxar snin priġunerija fejn ir-reat ikkawża ħsara sinifikattiva u estiża għall-kwalità ta' l-ilma, għal speċi ta' annimali jew ta' pjanti jew għal partijiet minnhom kif ukoll il-mewt jew korriment serju ta' persuni.

5. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li r-reat kommess bil-ħsieb imsemmi fl-Artikolu 2 ikun punibbli b'massimu ta' mill-inqas bejn sentejn u ħames snin priġunerija fejn:

(a) ir-reat ikkawża ħsara sinifikattiva u estiża għall-kwalità ta' l-ilma, għal speċi ta' annimali jew ta' pjanti jew għal partijiet minnhom; jew

(b) ir-reat kien kommess fi ħdan il-qafas ta' organizzazzjoni kriminali fis-sens ta' l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 98/733/ĠAI tal-21 ta' Diċembru 1998 dwar il-kriminalizzazzjoni tal-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ([1]), irrispettivament mil-livell tal-piena msemmija f'dik l-Azzjoni Konġunta.

6. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li r-reat imsemmi fl-Artikolu 2, meta kommess b'nuqqas serju ta' diliġenza, ikun punibbli b'massimu ta' mill-inqas bejn sentejn u ħames snin priġunerija fejn ir-reat ikkawża ħsara sinifikattiva u estiża għall-kwalità ta' l-ilma, għal speċi ta' annimali jew ta' pjanti jew għal partijiet minnhom u l-mewt jew korriment serju ta' persuni.

7. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li r-reat imsemmi fl-Artikolu 2, meta kommess b'nuqqas serju ta' diliġenza, ikun punibbli b'massimu ta' mill-inqas bejn sena u tliet snin priġunerija fejn ir-reat ikkawża ħsara sinifikattiva u estiża għall-kwalità ta' l-ilma, għal speċi ta' annimali jew ta' pjanti jew għal partijiet minnhom.

8. Fir-rigward ta' pieni detentivi, dan l-Artikolu għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-liġi internazzjonali u b'mod partikolari għall-Artikolu 230 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-1982 dwar il-Liġi tal-Baħar.

*Artikolu 5*

**Responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli għar-reati imsemmija fl-Artikoli 2 u 3, kommessi għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna, kemm jekk taġixxi waħedha jew bħala parti minn organu tal-persuna ġuridika, li jkollha posizzjoni ta' tmexxija fi ħdan il-persuna ġuridika, ibbażata fuq:

(a) setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika, jew

(b) awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika, jew

(ċ) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

([1]) ĠU L 351, tad-29.12.1998, p. 1.

2. Minbarra l-każijiet previsti fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li persuna ġuridika tista' tinżamm responsabbli fejn nuqqas ta' sorveljanza jew ta' kontroll minn persuna msemmija fil-paragrafu 1 għamlet possibbli t-twettiq tar-reat imsemmi fl-Artikolu 2 għall-benefiċċju tal-persuna ġuridika minn persuna taħt l-awtorità tagħha.

3. Ir-responsabbiltà ta' persuna ġuridika taħt il-paragrafi 1 u 2 ma għandhiex teskludi proċedimenti kriminali kontra persuni fiżiċi li jkunu involuti bħala l-awturi, istigaturi jew kompliċi fir-reati msemmija fl-Artikoli 2 u 3.

*Artikolu 6*

**Pieni kontra persuni ġuridiċi**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li persuna ġuridika miżmuma responsabbli skond l-Artikolu 5(1) tkun punibbli b'penali effettivi, proporzjonati u dissważivi. Il-penali:

(a) għandhom jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali, li, mill-inqas fil-każijiet fejn il-persuna ġuridika tinżamm responsabbli għar-reati msemmija fl-Artikolu 2, ikunu:

(i) ta' massimu ta' mill-inqas bejn EUR 150 000 u EUR 300 000 ;

(ii) ta' massimu ta' mill-inqas bejn EUR 750 000 u EUR 1 500 000 fil-każijiet l-iżjed serji, inklużi almenu r-reati kommessi bil-ħsieb koperti bl-Artikolu 4(4) u (5).

(b) jistgħu, għall-każijiet kollha, jinkludu penali differenti minn multi, bħal:

(i) l-esklużjoni mid-dritt għal benefiċċji pubbliċi jew għajnuna pubblika;

(ii) l-iskwalifika temporanja jew permanenti mill-eżerċizzju ta' attivitajiet kummerċjali;

(iii) it-tqegħid taħt is-sorveljanza tal-qorti;

(iv) l-ordni ġudizzjarja ta' stralċ;

(v) l-obbligu ta' l-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu eliminati l-konsegwenzi tar-reat li wassal għar-responsabbiltà tal-persuna ġuridika.

2. Għall-finijiet ta' l-implementazzjoni tal-paragrafu 1, il-punt (a), u mingħajr preġudizzju għall-ewwel sentenza tal-paragrafu 1, l-Istati Membri li fihom ma ġiex adottat l-Euro, għandhom japplikaw ir-rata tal-kambju bejn l-Euro u l-munita tagħhom kif pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* tat-12 ta' Lulju 2005.

3. Stat Membru jista' jimplementa l-paragrafu 1(a) billi japplika sistema li permezz tagħha l-multa tkun proporzjonata għat-ternover tal-persuna ġuridika, għall-vantaġġ finanzjarju miksub jew prospettat mit-twettiq tar-reat, jew ma' kwalunkwe valur ieħor li jindika s-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuna ġuridika, sakemm tali sistema tippermetti multi massimi, li jkunu almenu ekwivalenti għall-minimu fir-rigward tal-multi massimi stabbiliti fil-paragrafu 1(a).

4. Stat Membru li jimplementa d-Deċiżjoni Kwadru skond il-paragrafu 3 għandu jinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni li huwa jkun bi ħsiebu jagħmel dan.

5. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li persuna ġuridika miżmuma responsabbli skond l-Artikolu 5(2) tkun punibbli b'penali jew miżuri effettivi, proporzjonati u dissważivi.

*Artikolu 7*

**Ġurisdizzjoni**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tiegħu, sakemm ikun permess mil-liġi internazzjonali, fir-rigward tar-reati imsemmija fl-Artikoli 2 u 3 fejn ir-reat ġie kommess:

(a) għal kollox jew in parti fit-territorju tiegħu;

(b) fiż-żona ekonomika esklussiva tiegħu jew f'żona ekwivalenti stabbilita skond il-liġi internazzjonali;

(ċ) abbord bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu;

(d) minn wieħed miċ-ċittadini tiegħu jekk ir-reat ikun punibbli taħt il-liġi kriminali fejn ġie kommess jew jekk il-post fejn ġie kommess ma jaqa' taħt l-ebda ġurisdizzjoni territorjali;

(e) għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika li jkollha uffiċċju reġistrat fit-territorju tiegħu;

(f) barra mit-territorju tiegħu iżda r-reat ikkawża jew x'aktarx jikkawża tniġġiż fit-territorju tiegħu jew fiż-żona ekonomika tiegħu, u l-bastiment qiegħed volontarjament f'port jew f' *offshore terminal* ta' l-Istat Membru; jew

(g) f'ibħra mhux territorjali, u l-bastiment qiegħed volontarjament f'port jew f' *offshore terminal* ta' l-Istat Membru.

2. Kull Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax, jew li japplika biss f'każijiet jew ċirkostanzi speċifiċi, ir-regoli ġurisdizzjonali disposti:

(a) fil-paragrafu 1(d);

(b) fil-paragrafu 1(e).

3. L-Istati Membri għandhom jinformaw lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill skond kif ikun meħtieġ fejn jiddeċiedu li japplikaw il-paragrafu 2, fejn ikun il-każ b'indikazzjoni tal-każijiet jew ċirkostanzi speċifiċi li fihom tapplika d-deċiżjoni.

4. Meta reat ikun suġġett għall-ġurisdizzjoni ta' iżjed minn Stat Membru wieħed, l-Istat Membri interessati għandhom jagħmlu dak li jistgħu sabiex jikkordinaw l-azzjonijiet tagħhom adegwatament, b'mod partikolari fir-rigward tal-kondizzjonijiet għall-prosekuzzjoni u ta' l-arranġamenti dettaljati għall-assistenza reċiproka.

5. Għandu jittieħed kont tal-fatturi ta' konnessjoni li ġejjin:

(a) l-Istat Membru li fit-territorju, żona ekonomika esklussiva jew żona ekwivalenti tiegħu ġie kommess ir-reat;

(b) l-Istat Membru li fit-territorju, żona ekonomika esklussiva jew żona ekwivalenti tiegħu jinhassu l-effetti tar-reat;

(ċ) l-Istat Membru li fit-territorju, żona ekonomika esklussiva jew żona ekwivalenti tiegħu jinsab fi transitu bastiment li minnu ġie kommess ir-reat;

(d) l-Istat Membru li tiegħu huwa ċittadin jew resident l-awtur tar-reat;

(e) l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-persuna ġuridika li f'isimha ġie kommess ir-reat għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha;

(f) l-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment li minnu ġie kommess ir-reat.

6. Għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, it-territorju jinkludi ż-żona msemmija fl-Artikolu 3(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2005/35/KE.

*Artikolu 8*

**Notifika ta' informazzjoni**

1. Fejn Stat Membru jiġi informat dwar it-twettiq ta' reat li għalih japplika l-Artikolu 2 jew dwar ir-riskju tat-twettiq ta' tali reat li jikkawża jew x'aktarx jikkawża tniġġiż imminenti, dan għandu jinforma minnufih lil dawk l-Istati Membri l-oħra li probabbilment ikunu esposti għal din il-ħsara, u lill-Kummissjoni.

2. Fejn Stat Membru jiġi informat dwar it-twettiq ta' reat li għalih japplika l-Artikolu 2 jew dwar ir-riskju tat-twettiq ta' tali reat li probabbilment jaqa' fil-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, dan għandu jinforma minnufih lil dak l-Istat Membru l-ieħor.

3. L-Istati Membri għandhom mingħajr dewmien jinnotifikaw lill-Istat tal-bandiera jew lil kwalunkwe Stat ieħor konċernat dwar il-miżuri meħuda skond din id-Deċiżjoni Kwadru, u b'mod partikolari skond l-Artikolu 7.

*Artikolu 9*

**Nominazzjoni ta' punti ta' kuntatt**

1. Kull Stat Membru għandu jinnomina punti ta' kuntatt eżistenti, jew, jekk meħtieġ, jistitwixxi punti ta' kuntatt ġodda, b'mod partikolari għall-iskambju ta' informazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 8.

2. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni liema mid-dipartmenti tiegħu jaġixxi jew jaġixxu bħala punti ta' kuntatt skond il-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istati Membri l-oħra dwar dawn il-punti ta' kuntatt.

*Artikolu 10*

**Ambitu ta' applikazzjoni territorjali**

Din id-Deċiżjoni Kwadru għandha jkollha l-istess ambitu ta' applikazzjoni territorjali bħad-Direttiva 2005/35/KE.

*Artikolu 11*

**Implementazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jikkonformaw mad-disposizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru sat-12 ta' Jannar 2007.

2. Sat-12 ta' Jannar 2007, l-Istati Membri għandhom jittrasmettu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni t-testi tad-disposizzjonijiet li jittrasponu fil-liġijiet nazzjonali tagħhom l-obbligi imposti fuqhom minn din id-Deċiżjoni Kwadru. Abbażi ta' dik l-informazzjoni u ta' rapport bil-miktub mill-Kummissjoni, il-Kunsill għandu, sa mhux aktar tard mit-12 ta' Jannar 2009, jikkunsidra safejn l-Istati Membri ikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni Kwadru.

3. Sat-12 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni għandha, abbażi ta' l-informazzjoni fornita mill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni prattika tad-disposizzjonijiet li jimplementaw din id-Deċiżjoni Kwadru, tippreżenta rapport lill-Kunsill u tagħmel kwalunkwe proposti li tqis opportuni, li jistgħu jinkludu proposti li l-Istati Membri għandhom, fir-rigward ta' reati kommessi fil-baħar territorjali tagħhom jew fiż-żona ekonomika esklussiva jew żona ekwivalenti tagħhom, jikkunsidraw bastiment li jtajjar bandiera ta' Stat Membru ieħor bħala bastiment li ma jkunx barrani skond it-tifsira ta' l-Artikolu 230 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-1982 dwar il-Liġi tal-Baħar.

*Artikolu 12*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, tat-12 ta' Lulju 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. BROWN

## RETTIFIKAZZJONIJIET

### Procès-verbal tar-rettifika lill-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' *data* tal-PNR minn trasportaturi ta' l-ajru lill-Uffiċċju tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri fid-Dipartiment tal-*Homeland Security* ta' l-Istati Uniti

*(Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 183, ta' l-20 ta' Mejju 2004, p. 84)*

Din ir-rettifika saret effettiva permezz ta' Skambju ta' Nota Diplomatika li ġiet iffirmata fi Brussell fl-4 ta' Awwissu 2005 bil-Kunsill bħala depożitarju.

Paġna 84, il-ħames premessa

*Flok:* "WARA LI KKUNSIDRAW id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni K (2004) 1799 adottata fis- 17 ta' Mejju 2004, skond l-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE, li permezz tiegħu …"

*Aqra:* "WARA LI KKUNSIDRAW id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/535/KE adottata fl- 14 ta' Mejju 2004, skond l-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE, li permezz tiegħu …"